# l-aċċent

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea ◊ Numru 18 ◊ Marzu 2019

## L-EDITORJAL




F'ċertu sens, ir-rivista *l-aċċent* saret adult – din hija t-18-il ħarġa, iżda għadha tikber ukoll fit-tul. Din l-itwal edizzjoni s'issa, avolja xorta ma inkludejniex kulma xtaqna.

Qatt qgħadt thewden fuq jekk tridx tikteb *jedha* jew *jehda*, jew jekk *jissemma* għandux jieħu l-appostrofu? Fl-ewwel taqsima, Louise Vella tieħu spunt mill-manwal siewi *Nikteb il-Malti Tajjeb* ta' Karl Scicluna biex tixħet ftit dawl fuq l-**omofoni**. Isegwu żewġ artikli fuq aspetti tas-sintassi – l-ewwel puntata minn sensiela ġdida ta' Mark Amaira dwar il-**qbil grammatikali**, u studju ta' Ray Fabri fuq l-użu tal-**artiklu definit** – biex imbagħad immorru lura għall-ortografija b'sommarju tar-rapport finali tad-***Deċiżjonijiet 2*** tal-KNLM.

Qatt smajt bil-*Katerina għolli denbek*, jew bil-*kappillan* li jerfa' denbu u jnitten kull m'hawn? Jinstemgħu qishom kliem minn xi għanja tat-tfal, iżda fil-fatt huma ismijiet ta' insett! It-tieni taqsima tibda b'artiklu mill-entomologu David Dandria dwar it-**tismija tal-insetti**. Imbagħad nidħlu ftit fit-terminoloġija tas-**snajja'**, b'rapport fuq taħdita mogħtija minn Ġużi Gatt. Marbuta ma' din hemm preżentazzjoni minn Clyde Triganza tat-***Termattwalità***, berqa informattiva regolari (imxerrda fost it-tradutturi Maltin tal-KE u fuq il-paġna Facebook ta' *l-aċċent*) li żżommna aġġornati fuq deċiżjonijiet u distinzjonijiet terminoloġiċi ewlenin. Il-vjaġġ madwar il-mappa fiżika tad-dinja bil-Malti jkompli, bil-ħames tappa ddur mat-**toponomija tal-Amerka ta' Fuq**. Fiha nerġgħu nistħarrġu l-użu jew in-nuqqas tal-artiklu definit, ma' ismijiet ta' stati, gżejjer jew ibħra.

Fit-tielet taqsima, imżewqa ġmielha, insibu dossier ikkurat minn Alan Delia dwar **it-traduzzjoni bil-magna** tal-ġenerazzjoni l-ġdida, li flok tissejjes fuq il-materja prima tal-istatistika qiegħda tinbena

*ikompli f'paġna 2*

# IL-WERREJ

**BIR-REQQA**
**Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

| | |
|---|---|
| L-omofoni fil-Malti | 3 |
| Il-qbil grammatikali: l-ewwel parti | 6 |
| L-artiklu definit fil-Malti: xi ħsibijiet fuq l-użu | 8 |
| Id-Deċiżjonijiet 2: Il-kitba tal-kliem mill-Ingliż fil-Malti | 11 |
| Il-Linji Gwida Interni: L-ordni sintattika fil-frażi nominali | 17 |

**KELMA B'KELMA**
**It-terminoloġija**

| | |
|---|---|
| L-ismijiet tal-insetti | 19 |
| Kliem is-snajja': taħdita ta' Ġużi Gatt | 24 |
| It-Termattwalità | 26 |
| Lejn mappa tad-dinja bil-Malti 5: L-Amerka ta' Fuq | 28 |

**MILL-GĦATBA 'L BARRA**
**Aspetti oħra**

| | |
|---|---|
| It-Traduzzjoni bil-Magna: se tħalli spazju għall-intervent uman? | 36 |
| L-*(ir)realità* tal-ħin | 46 |
| Ilsienna | 51 |
| Ix-xogħlijiet Klassiċi u l-kitbiet ta' Santu Wistin bil-Malti — L-ewwel parti | 53 |
| Xi ttraduċejna dan l-aħħar? | 68 |

**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*

**It-tim ta' *l-aċċent***

**Koedituri**: Antoine Cassar, Alan Delia, Louise Vella
**Editur tal-istil**: Claire Bonello (mill-Qorti tal-Ġustizzja)
**Impaġnar, disinn u grafika**: Alan Delia, Mark Amaira
**Suppliment terminoloġiku**: Jeantide Naudi, Jennifer Debarro
**Pretrattament**: Marija Agius
**Segretarju**: Ivan Said
**Distribuzzjoni**: Maryann Agius
**Relazzjonijiet Pubbliċi**: David Schembri

**Ma' din l-edizzjoni –**

**Il-Mappa tal-Amerka ta' Fuq**

**Is-Suppliment terminoloġiku**:
"Baġit tal-UE modern għal Unjoni li tipproteġi, tagħti s-setgħa u tiddefendi" - It-terminoloġija ewlenija tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027.

http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin:

l-accent@ec.europa.eu

permezz tal-intelliġenza artifiċjali. L-iskop mhuwiex li tieħu post it-tradutturi tad-demm u l-laħam (il-laħam li jħoss l-ambigwetajiet u l-kuntesti), iżda li tħaffifilna l-iktar xogħol ta' natura 'mekkanika' u tiffrankalna l-ħin. L-artiklu li jmiss, interessantissmu, huwa proprju fuq **il-kliem marbut mal-ħin**, mill-perspettiva filosofika u legali ta' Alan Xuereb. Kit Azzopardi jintroduċi s-sensiela televiżiva ***Ilsienna***, programm innovattiv li qed ikisser l-isterjotipi fuq il-Malti billi jippreżentah bħala għodda versatili u plurali. Ivan Said iżomm l-appuntament tiegħu billi jiffoka fuq it-traduzzjoni ta' ċerti xogħlijiet **klassiċi**, fosthom il-ħrejjef ta' Esopu. Ir-rivista tagħlaq b'kolonna ġdida, ***Xi ttraduċejna dan l-aħħar?***, li fiha Mark Vella jiġbor tagħrif dwar proġetti ewlenin tiegħu bħala Uffiċjal tal-Lingwa.

Bħas-soltu, ma' din il-ħarġa ssib ukoll is-Suppliment Terminoloġiku, did-darba marbut mal-*Qafas Finanzjarju Pluriennali*, sinsla ta' eluf ta' dokumenti oħra, kif ukoll mappa fiżika tal-Amerka ta' Fuq.

Nittamaw li tedha taqra din il-ħarġa, u li bis-saħħa tal-interess tiegħek, ir-rivista tkompli tikber bla ma tehda.

*Antoine Cassar f'isem il-Bord Editorjali*

BIR-REQQA

*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

# L-omofoni fil-Malti

**Louise Vella**

Kull min jagħmel l-isforz li jitgħallem jikteb bil-Malti tajjeb, jiffrustra ruħu meta jara l-Malti miktub addoċċ fuq xi pubblikazzjoni li tasallu d-dar, fuq l-internet jew fuq it-televixin. Għal dawn l-aħħar snin, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti organizza bosta korsijiet ta' aġġornament fil-kitba tal-Malti kemm għall-għalliema u kemm għall-ġenituri, biex l-istudenti żgħar ikollhom min jiggwidahom tajjeb. Hemm ukoll kors l-Università għal min hu interessat jitgħallem jikteb Malti preċiż, u dan il-kors jattenduh studenti, ġurnalisti, nutara, tradutturi, uffiċjali pubbliċi, u oħrajn. Maż-żmien qed jiżviluppaw ukoll riżorsi primi biex jgħinu fil-kitba ta' lsienna.




Il-pubblikazzjoni *l-aċċent* tħobb tippromwovi riżorsi ta' kwalità u bħalma timbotta siti elettroniċi ta' min joqgħod fuqhom, din id-darba qed tfakkar lill-qarrejja tagħha f'xogħol pjuttost riċenti: **Nikteb il-Malti Tajjeb — Manwal Prattiku tal-Ortografija** (BDL Publishing). L-awtur, Karl Scicluna, li ġieli kkontribwixxa kitbiet f'din ir-rivista minkejja li mhuwiex traduttur mal-istituzzjonijiet tal-UE, huwa għalliem tal-Malti u jagħti anki lekċers fil-Kors tal-Qarrejja tal-Provi bil-Malti (l-Università).

Illum qed nirriproduċu wħud mill-omofoni li s-Sur Scicluna jsemmi fil-manwal tiegħu. L-omofoni huma kliem li għalkemm jinstema' l-istess, jinkiteb b'mod differenti. Tisma' ħafna lil min jgħid li għalkemm jitkellem bil-Malti, meta jiġi biex jikteb ikun pront jaqleb għall-Ingliż. L-għan tagħna hu li *l-aċċent* jilħaq kemm jista' jkun nies, biex kulma jmur nibdew naraw il-Malti miktub, u miktub tajjeb.

Kif jgħid is-sit tal-Kunsill tal-Malti: "**Il-Malti tibżax minnu, ibża' għalih**".

# L-omofoni u l-kliem li jixxiebah

| | |
|---|---|
| **bela' – belgħa – belha**<br>Ħija **bela'** xewka waqt li kien qed jiekol ikla ħut.<br>Ħadt **belgħa** te u qgħadt naqra l-gazzetta.<br>Lil oħti ma niflaħhiex meta toqgħod tilgħabha tal-**belha**.<br><br>**dar – dahar**<br>Tlaqt mid-**dar** tard u ħallejt iċ-ċwievet warajja.<br>Malli **dar** il-kantuniera ltaqa' ma' sieħbu.<br>Importanti li tpoġġi dritt ma' **dahar** is-siġġu.<br><br>**ġieh – ġieħ**<br>Salvu tefa' l-melħ flok iz-zokkor u l-kejk **ġieh** tassew ħażin.<br>Il-Mosta hemm monument f'**ġieħ** il-vittmi tal-gwerra Mostin.<br><br>**għada – għadha**<br>**Għada** beħsiebi mmur sal-Belt biex nixtri libsa.<br>Dik id-dar waqgħet fil-gwerra u sal-lum **għadha** ma nbnietx.<br><br>**għadsa – għatsa – għazza**<br>Il-bugħaddasa organizzaw **għadsa** b'risq il-karità fl-inħawi tad-Dwejra.<br>In-nanna tinkwieta ħafna u mal-ewwel **għatsa** tgħidlek li tkun ħadt riħ.<br>**Għazza** fuq il-wiċċ titqies bħala sinjal tas-sbuħija.<br><br>**għar – agħar**<br>Int u miexi taħt xi rdum spiss issib xi **għar** jew ħofra fil-blat.<br>Fis-sajf għaddejt mill-**agħar** esperjenza ta' ħajti meta daħlu fuqna bil-karozza.<br><br>**għatu – agħtu**<br>Insejt inpoġġi l-**għatu** fuq il-borma u xħin għela l-misħun beda tiela' ħafna fwar.<br>"**Agħtu** d-donazzjonijiet tagħkom!" huwa l-appell ta' kull sena f'*L-Istrina*.<br><br>**għażel – agħżel**<br>Fil-quċċija t-tifel **għażel** kuruna u kulħadd qal li se jsir qassis.<br>L-**għażel** huwa materjal fin li minnu jsiru ħwejjeġ ħfief li jżommuk frisk.<br>**Agħżel** dejjem dak li hu l-aħjar għalik fil-ħajja.<br><br>**hemeż – għemeż**<br>L-iskrivan **hemeż** id-dokument mal-ittra u bagħathom bil-posta.<br>Il-missier **għemeż** lil ibnu biex jurih li kien qed jiċċajta. | **ħadd – ħatt – Ħadd – ħadt**<br>Xħin wasalt lura d-dar ma sibt lil **ħadd**.<br>Il-lavrant **ħatt** il-kaxxi minn ġol-vann.<br>Nhar il-**Ħadd** se mmur ġurnata Sqallija.<br>Imnalla **ħadt** l-umbrella miegħi għax kont insir għasra.<br><br>**jedha – jehda**<br>In-nannu kien **jedha** jsewwi xi biċċa għamara biex jgħaddi l-ħin.<br>L-alarm ta' ħdejna qabad idoqq bla ma **jehda** u qabbadni wġigħ ta' ras.<br><br>**jgħinha – jgħinna**<br>Janice talbet lil binha biex **jgħinha** taħsel il-platti.<br>Meta nkunu f'xi diffikultà nappreżżaw jekk xi ħadd **jgħinna**.<br><br>**jissemma – jissemma'**<br>F'dokument storiku **jissemma** priġunier Tork li rnexxielu jaħrab minn fuq ix-xwieni tal-Ordni.<br>Henry qagħad **jissemma'** lil ommu titkellem ma' missieru.<br><br>**kas – każ**<br>Fil-ħajja m'għandekx tagħti **kas** ta' kulma tisma'.<br>Il-pulizija kien sodisfatt meta solva l-**każ** tal-pittura misruqa.<br><br>**kera – kerha**<br>Illejla ġej sid il-**kera** biex inħallsu tax-xahrejn li ġejjin.<br>It-tifel imbotta lil ħuh u ommu tatu ħarsa **kerha**.<br><br>**kolla – kollha**<br>Inkisirli važun antik u waħħaltu bil-**kolla**.<br>Ommi sajret tliet torti u kilniehom **kollha**.<br><br>**min – minn**<br>**Min** se jixtrihom il-biljetti għall-kunċert?<br>Għaddejt **minn** triq imwarrba u ntlift.<br><br>**minna – minnha**<br>L-ebda wieħed **minna** ma wasal fil-ħin għax-xogħol.<br>Il-katusa nstaddet u l-ilma ma bediex jgħaddi **minnha**.<br><br>**imqatta' – imqattgħa**<br>Spiċċajt bil-qalziet **imqatta'** wara li żlaqt f'għadira ilma.<br>Għandi bżonn basla **mqattgħa** u bott tadam għaz-zalza.<br><br>**imweġġa' – imweġġgħa**<br>Il-logħba waqfet għal ftit minuti għax kien hemm plejer **imweġġa'** maġenb il-lasta.<br>Rajt mara **mweġġgħa** fuq bank u mort nagħtiha l-għajnuna. |



Ħajr lil Peter Magro, għalliem tal-Arti u illustratur
https://www.instagram.com/peter.m_art/ https://www.facebook.com/pmagro11/

**nar – nhar**
Il-purtiera ħadet in-**nar** u fi ftit minuti qabdet il-kamra kollha.
Inħobb immur nistad **nhar** ta' Sibt filgħodu kmieni.

**ors – għors**
L-**ors** kapaċi jaħtaf ħuta b'difrejh.
It-tfal l-**għors** tagħhom jiġru u jilagħbu waqt xi festin.

**qagħad – qgħad**
L-arloġġ **qagħad** eżatt fil-kaxxa li sibtlu.
In-numru żgħir ta' persuni bla xogħol jindika li fil-pajjiż naqas il-**qgħad**.

**qatt – qadd – qgħadt**
Fil-ħajja **qatt** m'għandek tiġġudika lil ħadd.
Il-qies tal-**qadd** hu importanti meta tiġi biex tixtri qalziet jew libsa.
Wasalt kmieni d-dar u **qgħadt** bilqiegħda naqra ktieb.

**qatta – qatta'**
Il-bidwi qabad **qatta** silla u taha liż-żwiemel biex jikluha.
L-istudent **qatta'** l-karta u beda jikteb mill-ġdid.

**ragħwa – rawha**
Il-birra trid tferragħha bil-mod għax inkella ttella' ħafna **ragħwa**.
Il-wirja tal-vari kienet sabiħa u **rawha** ħafna nies.

**sema' – sema**
Ġanni **sema'** d-diska favorita tiegħu.
Fis-**sema** beda jifforma s-sħab u donnha kienet ġejja x-xita.

**tatu – tagħtu**
L-omm żammet il-wegħda tagħha ma' binha u **tatu** rigal meta għadda mill-eżamijiet.
L-appell tagħna hu li tkomplu **tagħtu** d-demm.

**tiela' – tielgħa**
Il-ħaddiem tfixkel hu u **tiela'** s-sellum, u weġġa' sieqU.
Kien riesaq is-sajf u t-temperatura bdiet **tielgħa** mhux ħażin.

**wiesa' – wiesgħa**
Il-qalziet beda jiġini **wiesa'** u kelli ndejqu ftit.
Rumanz twil normalment ikun fih firxa **wiesgħa** ta' karattri u episodji.

**xagħar – xahar**
Illum tara ħafna stili ta' **xagħar** differenti anke fuq l-irġiel.
Bħal-lum **xahar** għandi t-tieġ tal-kuġina.

**żar – żahar – żgħar**
Luca **żar** lil sieħbu l-isptar u ħadlu flixkun ilma.
Fil-ġnien kien hemm riħa tfuħ ta' **żahar** tal-larinġ.
In-nanniet bilkemm jiftakruha l-gwerra, għax kienu għadhom **żgħar** ħafna.

# Il-qbil grammatikali: l-ewwel parti

**Mark Amaira**

Jista' jkun li fit-taħdit qajla nagħtu kas, iżda kwistjoni ewlenija meta niġu biex niktbu l-Malti hi l-qbil grammatikali. Fil-fatt, bilkemm għadni ktibt l-ewwel sentenza li ma kienx hemm min staqsieni għalfejn użajt "hi l-qbil grammatikali" f'dik is-sentenza u mhux "hu l-qbil grammatikali". Ħaddieħor kien pront qabeż u wieġbu, "Biex taqbel ma' 'kwistjoni ewlenija', mhux hekk?"

Din hi dik li Albert Borg, f'*Ilsienna* jsejħilha sentenza ekwattiva, bħal meta fil-matematika jkollna a=b u allura b=a. Jekk nieħu eżempju bl-erba' permutazzjonijiet possibbli, nista' ngħid:

1. L-Awstralja hija l-pajjiż tal-kangarù.
2. L-Awstralja huwa l-pajjiż tal-kangarù.
3. Il-pajjiż tal-kangarù huwa l-Awstralja.
4. Il-pajjiż tal-kangarù hija l-Awstralja.

Skont l-idjolett tiegħi, l-ebda waħda minnhom ma tistona. Madankollu mill-korpus u mill-esperjenza tiegħi bir-reviżjonijiet tal-kitba jidher li l-kittieba donnhom jippreferu jagħmlu l-qbil mal-frażi nominali ta' qabel, jiġifieri "L-Awstralja hija..." u "Il-pajjiż huwa..."

Imbagħad ħaddieħor staqsieni liema minn dawn għandna niktbu: "Wieħed/Waħda mill-pajjiżi involuti hija Malta." Il-frażi tal-bidu: "wieħed/waħda mill-pajjiżi involuti" qed tirreferi għal pajjiż (nom fis-singular maskil) partikolari u allura fl-idjolett tiegħi jidhirli li għandna nużaw "wieħed"; bħalma konna nużaw il-forma fil-femminil "waħda" kieku qed nirreferu għal xi nom fil-femminil. Filwaqt li l-qbil tal-espressjoni kopulari "huwa/hija Malta" jimxi skont il-frażi nominali ta' qabel.

Id-diskussjoni dwar dan għadha fil-bidu fil-Malti, u ktiba ewlenija li nirreferi għaliha fl-argumentazzjonijiet tiegħi hi 'To agree or not to agree: suspension of formal agreement in Maltese' ta' Ray Fabri. Ngħidu aħna, tistaqsi fil-Malti xi ngħidu u x'niktbu: "Tazza nbid aħmar" jew "Tazza nbid ħamra"?

F'*Ilsienna*, Borg isemmi xi eżempji oħrajn fejn il-qbil grammatikali ma jgħinniex nagħrfu liema hu s-suġġett tas-sentenza u liema hu l-oġġett. Eżempju, min qatel lil min f'dawn it-tlissiniet? "L-iljunfant l-iljun qatel" jew "L-iljunfant l-iljun qatlu". U għalhekk, la l-qbil grammatikali ma jaqdiniex, Borg isemmi l-importanza tal-intonazzjoni f'dan il-każ, biex niddistingwu u niftiehmu fit-taħdit.

### Il-verbi impersonali u l-psewdoverbi

Uħud mill-aktar żewġ subkategoriji li joħolqu differenzi bejn il-kelliema/kittieba fejn jidħol il-qbil grammatikali huma l-hekk imsejħa verbi impersonali u psewdoverbi. Dawn nittrattahom f'teżi minn tiegħi dwar *Il-Kategoriji Grammatikali tal-Malti*, filwaqt li l-psewdoverbi jidħol fihom fid-dettall ukoll John Peterson fil-ktiba *Pseudo-Verbs: An analysis of non-verbal (co-)predication in Maltese*.

Fuq fuq, il-verbi impersonali huma dawk il-verbi li ma jinflettux bħall-bqija tal-verbi, li jżommu dejjem il-forma tat-tielet persuna singular maskil fl-imperfett, u ġieli fil-perfett,

u li ħafna drabi jinhemżu magħhom is-suffissi pronominali tal-verb (diretti jew indiretti) biex jirreferu għas-suġġett, minflok għall-oġġett tas-sentenza, eż: jisim**ni**, jixraq**lek**, xeraq**lek**, jeħtiġ**ilhom**. Infatti l-*jenħtieġ* li fid-dokumenti leġiżlattivi nużaw bħala traduzzjoni ta' ‟should" hija wkoll verb impersonali u varjant sħiħ tal-verb impersonali *jeħtieġ*. Min-naħa l-oħra, il-psewdoverbi huma elementi oħrajn li bħall-verbi impersonali, jingħaqdu magħhom is-suffissi pronominali verbali u nominali biex jaqdu funzjoni verbali f'sentenza, eż: qis**ni**, beħsieb**ek**, għand**hom**.

Fejn jidħlu dawn iż-żewġ subkategoriji, fil-kitba jew fit-taħdit jidher nuqqas ta' qbil bejn il-kelliema nattivi meta jħaddmuhom wara xulxin, pereżempju f'dawn l-ordnijiet:

<verb><verb impersonali>, jew <verb><psewdoverb>, jew <psewdoverb><verb impersonali>, jew <psewdoverb><psewdoverb>, u oħrajn.

Uħud iqisu s-suffiss pronominali tal-psewdoverb bħala element invarjabbli, u jkun xi jkun is-suġġett iħalluh fit-tielet persuna singular, filwaqt li oħrajn jinflettuh għall-persuna/għadd/ġens tas-suġġett tas-sentenza bl-istess mod kif jinflettu s-suffiss pronominali tal-verb impersonali ta' warajh. Ngħidu aħna, uħud jgħidu (bla qbil): ‟Dawn għand**u** jkoll**hom** tikketta", filwaqt li oħrajn jgħidu (bil-qbil): ‟Dawn għand**hom** ikoll**hom** tikketta". Jew uħud jiktbu (bla qbil): ‟F'dan ir-ritratt, jien **kien** qis**u** għand**i** ħamsin sena", filwaqt li oħrajn jiktbu (bil-qbil): ‟Jien **kien** qis**ni** għand**i** ħamsin sena", jew ‟Jien **kont** qis**ni** għand**i** ħamsin sena".

Fi ftit kliem, jeżisti dan l-ispettru:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Invarjabbli | | | | Varjabbli |
| Jien | kien | qis- | +u | għand- | +i... |
| | Invarjabbli | | Varjabbli | Invarjabbli | Varjabbli |
| Jien | kien | qis- | +ni | għand- | +i... |
| | Varjabbli | Invarjabbli | Varjabbli | Invarjabbli | Varjabbli |
| Jien | kont | qis- | +ni | għand- | +i |

Minkejja dawn l-osservazzjonijiet dwar il-varjazzjoni fl-użu, biex aħna t-tradutturi nkunu konsistenti f'xogħolna, *Il-Linji Gwida Interni* (LGI) jagħmluha ċara li "l-psewdoverbi, bħal *għandu*, ma jridux jaqblu mas-suġġett fl-għadd u fil-ġens, anki fil-kuntest ta' *kellu*" iżda jibqgħu invarjabbli. (Qed nirreferi għan-nota 8 fil-LGI.)

Din id-deskrizzjoni lingwistika tal-qbil grammatikali beħsiebni nkompliha fl-edizzjoni li jmiss b'aktar eżempji ta' qbil u nuqqas ta' qbil, u bi gwidi li jgħinuna fit-traduzzjonijiet.

*Mark Amaira huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

# L-artiklu definit fil-Malti: xi ħsibijiet fuq l-użu

**Prof. Ray Fabri**

Dawn li ġejjin huma xi osservazzjonijiet fuq l-użu tal-artiklu definit (minn issa ’l quddiem “l-artiklu”) fil-Malti. L-artiklu fil-Malti għadu ma ġiex studjat fid-dettall formalment u, għaldaqstant, dawn li ġejjin huma biss xi ħsibijiet preliminari bbażati fuq l-intwizzjonijiet lingwistiċi tiegħi u infurmati mill-esperjenza tiegħi fir-riċerka u t-tagħlim tal-lingwistika. Ninkoraġġixxi lill-qarrejja jaħsbu fuq dan li se ngħid u jifformaw l-opinjoni tagħhom.

Nibdew bl-eżempju (1a) bl-Ingliż u t-traduzzjoni tiegħu fil-Malti (1b) u (1ċ).

1a) Pour water up to the edge of a liquid chamber connected to the blender.
b) Ferra’ ilma sax-xifer ta’ kompartiment tal-likwidu mqabbad mal-blender.
ċ) Ferra’ l-ilma sax-xifer ta’ kompartiment tal-likwidu mqabbad mal-blender.

Hawnhekk ferra’ ilma, bin-nom ilma mingħajr l-artiklu, mhijiex aċċettabbli fil-Malti, u għandha tkun ferra’ l-ilma, bl-artiklu bħalma hemm f’(1ċ).

Min-naħa l-oħra, jekk nieħdu każ ftit differenti, li fih għandna l-kelma litru qabel ilma, jiġifieri “Pour a litre of water”, l-artiklu ma jistax jintuża; mela: ferra’ litru ilma u mhux ferra’ l-litru ilma. Ngħidu ferra’ l-litru ilma meta n-nom (ilma) ikun ikkwalifikat jew diġà magħruf mill-kuntest, bħalma jidher fl-eżempju Ferra’ l-litru ilma li tkun ippreparajt.

Il-mistoqsija hija għaliex *ferra’ ilma mhijiex aċċettabbli. Qabel inwieġeb, nixtieq nieħu eżempju ieħor li jista’ jgħinna niċċaraw l-affarijiet. Jekk minflok ilma nieħdu, ngħidu aħna, in-nom flixkun, naraw li jkollna effett differenti.

Is-sentenza bl-Ingliż “Place a bottle on the table” nittraduċuha Poġġi flixkun fuq il-mejda u mhux Poġġi l-flixkun fuq il-mejda, li hija t-traduzzjoni ta’ “Place the bottle on the table”. Mela d-differenza jidher li għandha x’taqsam mat-tip ta’ nom li jkollna, u l-mistoqsija issa hi fuq x’inhi d-differenza fil-grammatika taż-żewġ nomi ilma u flixkun.

In-nom ilma ma jistax jingħadd (bl-Ingliż jissejjaħ “uncountable” jew “mass noun”), waqt li n-nom flixkun jista’ (eż. żewġ fliexken). Li jidher li qed jiġri huwa li, fil-Malti, in-nom tal-massa ma jistax jidher waħdu mingħajr xi tip ta’ determinant, li jista’ jkun l-artiklu imma jista’ jkun ukoll kwantifikatur, bħal ftit, ħafna, jew litru.

Fid-dawl ta’ dan, hija interessanti wkoll l-osservazzjoni li ġejja, li għall-ewwel tidher li tikkontradixxi dak li għadni kemm spjegajt għax in-nom tal-massa ilma jidher mingħajr l-artiklu jew kwantifikatur. (Is-sing ta’ taħt jindika l-aċċent tal-kelma (stress): sing doppju = l-aċċent primarju, u sing wieħed = l-aċċent sekondarju.)

"... hemm aktar minn fattur wieħed li jiddetermina meta jintuża l-artiklu ma' nom fil-Malti li fl-Ingliż ikun indefinit."

2a) Ixrob ilma (kemm tiflaħ)
b) *Ixrob l-ilma
ċ) *Ixrob ilma
d) Ixrob l-ilma

Dawn l-eżempji juruna li l-affarijiet huma xi ftit aktar ikkumplikati, fis-sens li rridu ninvolvu wkoll il-fattur tal-aċċent ("stress"). Dawn il-fatti nistgħu niddeskrivuhom hekk: meta l-aċċent primarju jaqa' fuq il-verb, in-nom tal-massa ma jistax ikollu l-artiklu (qabbel 2a u 2b), imma meta l-aċċent primarju jaqa' fuq in-nom, dan irid ikollu l-artiklu biex il-kostruzzjoni tkun aċċettabbli (qabbel 2ċ u 2d).

Interessanti li, f'dan il-każ, it-tip tan-nom (tal-massa jew tal-għadd) jagħmel differenza wkoll fl-użu tal-artiklu, kif juri l-eżempju li ġej bin-nom tal-għadd (countable) flixkun.

3a) Ġib flixkun
b) *Ġib il-flixkun (imma: Ġibu l-flixkun)
ċ) Ġib flixkun
d) Ġib il-flixkun (imma: Ġibu l-flixkun)

Dawn l-eżempji juru li hemm aktar minn fattur wieħed li jiddetermina meta jintuża l-artiklu ma' nom fil-Malti li fl-Ingliż ikun indefinit.

Issa ħa nħarsu lejn l-użu tal-artiklu f'dawn l-eżempji li ġejjin u nqabbluhom ma' dawk li ddiskutejna s'issa.

4a) L-oriġinali bl-Ingliż
Copernicus is a global game changer in Earth Observation, a domain which was traditionally reserved for governments, large companies and scientists.

b) It-traduzzjoni oriġinali
Copernicus hu rivoluzzjoni globali fl-Osservazzjoni tad-Dinja, dominju li tradizzjonalment kien riżervat għal gvernijiet, għal kumpaniji, u għal xjenzjati.

ċ) It-traduzzjoni mibdula
Copernicus hu rivoluzzjoni globali fl-Osservazzjoni tad-Dinja, dominju li tradizzjonalment kien riżervat għall-gvernijiet, għall-kumpaniji, u għax-xjenzjati.

Il-fatti huma simili: waqt li fl-Ingliż ma jintużax l-artiklu, fil-Malti huwa aktar "naturali" li jintuża. Għaliex?

Id-differenza bejn dawn l-eżempji u dawk ta' qabel hi li n-nomi relevanti f'(4) huma kollha fil-plural. Jidher li dak li għidt fuq in-nom tal-massa japplika wkoll għan-nom fil-plural, jiġifieri li n-nom fil-Malti jintuża bl-artiklu (jew b'determinant ieħor, eż. kwantifikatur: għal ħafna gvernijiet). Din mhijiex xi ħaġa sorprendenti għaliex huwa fatt magħruf fl-istudju tal-grammatika li n-nomi tal-massa u n-nomi fil-plural jixxiebhu f'ħafna aspetti. Mhux lok hawnhekk li nelabora u nidħol fid-dettall fuq teoriji tal-grammatika imma tajjeb li wieħed jieħu nota ta' dan il-punt.

Interessanti wkoll li jidher li, f'dan il-każ, huwa aċċettabbli li n-nom fil-plural jintuża

mingħajr l-artiklu jekk ikun ikkwalifikat b'xi mod; eż. kien riżervat biss għal xjenzjati b'esperjenza fil-qasam.

Mela, b'mod ġenerali, jidher li nistgħu ngħidu li, f'ċerti kuntesti, fil-Malti jintuża l-artiklu meta fl-Ingliż ma jintużax jew meta fl-Ingliż jintuża l-artiklu indefinit (a/an). Hawn xi eżempji oħra: l-intwizzjoni tgħidli li f'dawn li ġejjin il-varjanti (b), bl-artiklu, hija dik aċċettabbli jew għallinqas aktar "naturali". Din id-darba, inħalli għall-qarrejja jaħsbu huma fuq ir-raġuni l-għaliex il-forma bl-artiklu hija aħjar, jew l-unika waħda aċċettabbli.

5a) The processing operations of personal data in the context of consultations are necessary.
b) L-operazzjonijiet tal-ipproċessar ta' dejta personali fil-kuntest ta' konsultazzjonijiet hemm bżonnhom.
ċ) L-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta personali fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet hemm bżonnhom.

6a) All personal data will be deleted from databases.
b) Id-dejta personali kollha se titħassar minn bażijiet ta' dejta.
ċ) Id-dejta personali kollha se titħassar mill-bażijiet tad-dejta.

7a) The Data Protection Officer publishes the register of all operations processing personal data.
b) L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta jippubblika r-reġistru tal-operazzjonijiet kollha li jipproċessaw dejta personali.

"L-artiklu fil-Malti huwa differenti ħafna mill-Ingliż, mhux biss semantikament imma wkoll morfoloġikament u sintattikament."

ċ) L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta jippubblika r-reġistru tal-operazzjonijiet kollha li jipproċessaw id-dejta personali.

Li żgur joħroġ ċar min dan l-eżerċizzju żgħir hu li, fit-traduzzjoni ta' test għall-Malti mill-Ingliż, wieħed m'għandux juża nom mingħajr l-artiklu sempliċement għax fl-Ingliż m'hemmx artiklu jew hemm l-artiklu indefinit. L-artiklu fil-Malti huwa differenti ħafna mill-Ingliż, mhux biss semantikament imma wkoll morfoloġikament u sintattikament. Fost affarijiet oħra, l-artiklu fil-Malti ssibu wkoll mal-aġġettiv (il-ktieb il-ġdid "the new book", *"the new the book") u trid ukoll bilfors tużah wara d-dimostrattiv (Dak ir-raġel telaq "That man left", mhux *Dak raġel telaq jew *"That the man left").

Il-fatturi li jiddeterminaw l-użu tal-artiklu fil-Malti għad mhumiex ċari f'kull każ imma nispera li dawn il-ftit ħsibijiet jistgħu jagħtu indikazzjoni ta' kif wieħed jipprova jinvestiga u jifhem l-użu tal-artiklu fil-Malti.

*Il-Prof. Fabri huwa ċ-Chairman tal-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa*

# Id-Deċiżjonijiet 2: Il-kitba tal-kliem mill-Ingliż fil-Malti

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti approva b'mod unanimu r-rapport finali tad-*Deċiżjonijiet 2*, u ġie ppubblikat f'Diċembru li għadda. Ħajr speċjali jistħoqqilhom il-Prof. Albert Borg u Dr George Farrugia – il-Kap u s-Segretarju tal-Kumitat tal-Kunsill tal-Malti li ħadmu fuq dan ir-rapport – li, flimkien mal-kollegi tagħhom fil-kumitat tul iż-żewġ fażijiet tiegħu (l-ewwel ta' natura konsultattiva u mbagħad teknika), iddedikaw sigħat twal ta' laqgħat u taħditiet għall-konsultazzjoni, ħsieb u evalwazzjoni tal-fehmiet kollha mressqa lill-Kunsill. Fil-ħidma tagħhom, kellhom il-fiduċja sħiħa ta' tliet kunsilli differenti, immexxija l-ewwel mill-Prof. Manwel Mifsud, imbagħad mill-Prof. Ray Fabri, u issa mill-Prof. Joe Friggieri. Quddiem kwistjoni daqstant serja u artikolata, il-Kunsill ra li ma jiħux deċiżjonijiet bl-għaġla u li jkun sema' lil kull min xtaq jaqsam fehemtu u qies il-possibbiltajiet kollha li kellu quddiemu għall-ġid tal-kitba bil-Malti u ta' min juża l-Malti f'xogħlu.

F'konsultazzjoni mal-pubblikaturi lokali, il-Kunsill tal-Malti ddeċieda li jħalli perjodu ta' 5 snin, jiġifieri sentejn aktar mill-perjodu li tħalla wara d-*Deċiżjonijiet 1*, biex il-pubbliku jilħaq jidra dawn ir-regoli aġġornati, sa ma jidħlu fis-seħħ. Għal matul dan il-moratorju, il-Kunsill fassal programm ta' laqgħat mifrux apposta ma' nies minn setturi differenti biex jispjega d-deċiżjonijiet meħuda u jwieġeb id-diffikultajiet li jista' jkollhom fuqhom.

Id-*Deċiżjonijiet 2* għandhom jieħdu post 'Taqsima A' (Preambolu) u 'Taqsima B' (Regoli Fundamentali) taż-Żieda mat-Tagħrif, ippubblikata mill-Akkademja tal-Malti fl-1984. Ir-rapport tħejja wara żewġ seminars pubbliċi ta' konsultazzjoni b'attendenzi numerużi, u numru kbir ta' laqgħat imsejħa mill-Kunsill tal-Malti li matulhom, fl-aħħar 10 snin, iddiskuta s-suġġett u sema' x'kellhom x'jgħidu dawk li xogħolhom imiss mal-Malti, bħall-edukaturi, it-tradutturi u l-qarrejja tal-provi, l-awturi u l-pubblikaturi, u l-ġurnalisti u x-xandara. Il-Kunsill sema' wkoll it-tħassib tal-ġenituri u ta' dawk kollha li, b'mod jew b'ieħor, urew l-opinjoni tagħhom direttament miegħu jew fil-gazzetti stampati u diġitali. Tagħrif ieħor dwar dawn is-snin ta' ħidma fuq id-*Deċiżjonijiet 2* issibu mill-kronoloġija li tinsab f'dan l-indirizz:

http://kunsilltalmalti.gov.mt/filebank/documents/filebank/documents/decizjonijiet2/dec2krono.pdf

Mir-rapport joħroġ ċar li mhux kull kelma mill-Ingliż bilfors tinkiteb la Maltija. Dik kienet ix-xewqa tal-biċċa l-kbira tal-Maltin u l-Għawdxin, u l-Kunsill fehemha u laqagħha. Hawn qed nippubblikaw lista bil-punti ewlenin tad-*Deċiżjonijiet 2* u tabella skematika li tista' ssegwiha meta tiġi biex tikteb xi kliem mill-Ingliż fil-Malti. Naturalment, dawn għandhom jittieħdu fid-dawl tar-rapport sħiħ għax jippreżentaw biss l-aktar punti prinċipali.

Il-Kunsill fiduċjuż li d-*Deċiżjonijiet 2* għandhom joffru iżjed għajnuna mir-regoli ta' 34 sena ilu, u li kull min jikteb bil-Malti se jħoss li jgħoddu aktar għar-realtà bilingwi ta' żmienna.

**Il-Punti Ewlenin tad-*Deċiżjonijiet 2***

**1.** Qabel ma wieħed juża kelma minn lingwa oħra, l-aktar fil-kitba, jiżgura ruħu li ma jkunx hemm diġà kelma stabbilita fil-Malti li taqdih tajjeb għall-istess tifsira:

eż. ‘biljett/ċitazzjoni’ mhux ‘ticket’, ‘nieda/ vara’ mhux ‘illonċja’.

**2.** Mhux kull kelma li mal-ewwel daqqa t’għajn tidhrilna żejda bilfors tkun hekk:

eż. ‘date’ (appuntament romantiku) u ‘data’ (tal-kalendarju), ‘tiċċettja’ (fuq l-internet) u ‘titħaddet’ (bil-fomm).

**3.** Il-kriterju ewlieni li bih niddeċiedu jekk kelma daħlitx jew le fil-lingwa għandu jkun l-użu mifrux u l-ħtieġa tagħha fil-Malti.

**4.** Kelma mill-Ingliż jista’ jkollha aktar minn pronunzja waħda fil-Malti. Jekk il-kittieb jagħżel li jiktibha la Maltija, din il-varjabbiltà għandha tkun irrispettata fil-kitba:

eż. ‘kantin/kentin’, ‘maniġer/meniġer’.

Il-kittieb għandu jkollu l-libertà jagħżel dik l-alternattiva li tesprimi bl-aħjar mod il-preferenza lingwistika tiegħu waqt li jżomm il-konsistenza fil-forma li jagħżel.

**5.** Kull kelma mill-Ingliż li daħlet fil-Malti u qagħdet għar-regoli morfoloġiċi tiegħu għandha tkompli tinkiteb la Maltija, ngħidu aħna:

**nomi:** ‘kitla – ktieli’, ‘sors – sorsi’, ‘brejk – brejkijiet’ (tal-karozza);

**verbi:** ‘fajjar – fajjarna – tfajjar – ifajru’, ‘startja – startjajna – tistartja – tistartjaw’;

**aġġettivi/parteċipji:** ‘iggaraxxjat/a/i’. Wieħed jinnota li hawn għandna forom differenti tal-istess nom jew tal-istess verb jew tal-istess aġġettiv/parteċipju. Għalhekk, ir-raġuni għaliex wieħed jikteb nom bħal ‘brejk’ la Maltija mhijiex għax juża l-verb korrispondenti ‘ibbrejkja – jibbrejkja’ (derivazzjoni) imma għax il-plural tan-nom huwa adattat morfoloġikament: ‘brejk**ijiet**’ (inflessjoni)

**6.** Tajjeb li tingħata preferenza lill-plural integrat ta’ nomi bħal ‘ċippa – ċipep’ (plural miksur), ‘ċans – ċansijiet’ (‘–ijiet’), ‘briksa – briksiet’ (‘–iet’), ‘sors – sorsi’ (‘–i’) (plural sħiħ), u għalhekk fil-kitba tintuża l-forma Maltija tas-singular u l-plural tagħhom b’konsistenza.

**7.** Għall-iskop ta’ dawn ir-regoli, il-plural mill-Ingliż ‘–s’ m’għandux jitqies awtomatikament bħala kriterju tal-integrazzjoni, għaliex inkella jiġri li l-biċċa l-kbira tan-nomi li wieħed juża fl-Ingliż ikun jista’ jqishom integrati fil-Malti bis-saħħa tiegħu.

**8.** Meta l-kittieb iqis li xi nomi, li jieħdu biss is-suffiss tal-plural Ingliż ‘–s’, ikunu ndraw fis-sura Maltija tagħhom u/jew ma jitbegħdux viżwalment mill-forma Ingliża, jista’ jiktibhom la Maltija basta jwassal ħsiebu bl-aħjar mod u bl-inqas tfixkil għal min jaqra.

Għalhekk, filwaqt li l-kittieb jista’ jagħżel li jikteb ‘kompjuter/s’ għax iqishom forom li ndraw la Maltija u lanqas ma jitbiegħdu viżwalment daqstant mill-forma Ingliża,

jiddeċiedi li ma jiktibx ‘toilet/s’ la Maltija (jiġifieri, ‘tojlit/s’) għax iħoss li dawn il-forom ma ndrawx, jitbiegħdu mill-forma Ingliża u jdarrsu lil min jaqrahom.

**9.** L-għażla bejn il-kitba la Maltija jew la Ingliża ta’ kliem, l-aktar nomi, mhux adattat morfoloġikament issir minn min ikun jikteb minħabba li mhux il-kliem kollu jippresta ruħu ndaqs biex jinkiteb la Maltija basta, fil-każ tal-istess nom, tinżamm il-konsistenza fil-kitba tas-singular u l-plural tiegħu. Biex nieħdu eżempju, jista’ jkollna dawn il-possibilitajiet:

**In-nom:** ‘scan – scans’ jew ‘skenn – skenns’ ‘scanner – scanners’ jew ‘skener – skeners’ ‘scanning’ jew ‘skening’

**Il-verb:** ‘skennja’, ‘niskennja’, ‘skennjajt’, eċċ.

**In-nom verbali:** ‘skennjar’

**Il-parteċipji passiv:** ‘skennjat’, ‘skennjata’, ‘skennjati’

**10.** Il-kliem kompost minn żewġ kelmiet jew aktar għandu jitħalla miktub bl-Ingliż, eż. ‘air conditioner’ mhux ‘~~erkondixiner~~’.

**11.** Il-kliem miktub bl-Ingliż m’għandux ikun immarkat, imma biex nilqgħu għal xi diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom it-tfal ta’ età bikrija qed nirrakkomandaw li f’testi pedagoġiċi u/jew f’testi mmirati għalihom, il-kliem li jitħalla la Ingliża jista’ jkun immarkat bil-virgoletti, bil-korsiv jew skont kif jidhirlu l-aħjar l-awtur jew il-pubblikatur.

**12.** Meta l-kittieb jiddeċiedi li jikteb kelma la Maltija, dan għandu jiktibha fonetikament kif tinstema’ fil-Malti skont ir-regoli uffiċjali tal-ortografija Maltija:

eż. ‘kompjuter’ mhux ‘~~komputer~~’ jew ‘~~compjuter~~’.

**13.** Il-konjugazzjoni tal-verb mill-Ingliż tinbena fuq iz-zokk. Xi verbi li z-zokk tagħhom fl-Ingliż jispiċċa b’ħoss konsonantali, min ikun jiktibhom bil-Malti jista’ jsibha bi tqila biex jiddeċiedi jekk qabel il-‘–ja’ finali toqgħodx konsonanti singla jew doppja.

Għalhekk:

**Verbi** li z-zokk tagħhom huwa b’sillaba waħda magħluqa u bil-vokali twila, eż. ‘jilli**kja**’

u verbi li z-zokk tagħhom jispiċċa bis-semivokali (j, w), indipendentement min-numru tas-sillabi u mit-tul tal-vokali taz-zokk tagħhom, eż. ‘slo**wja**’, ‘spre**jja**’,

jinkitbu dejjem b’konsonanti singla qabel it-tarf ‘–ja’.

**14.** Bl-istess mod, **kliem ieħor** Ingliż, l-aktar nomi, b’sillaba waħda magħluqa u bil-vokali twila, jekk jinkiteb la Maltija ma jinkitibx b’konsonanti mtennija fit-tarf, anke meta jiżdiedu miegħu xi elementi oħra,

eż. ‘seat > sit – si**ts**’, ‘team > tim – ti**mijiet**’.

**15. Verbi** li z-zokk tagħhom huwa b’sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira, għajr il-verbi li z-zokk tagħhom jispiċċa bis-semivokali (j, w), jinkitbu dejjem b’konsonanti mtennija qabel it-tarf ‘–ja’,

eż. ‘ˈċċe**kkja**’, ‘ˈġġo**ggja**’.

**16.** Bl-istess mod, **kliem ieħor** Ingliż, l-aktar nomi, b'sillaba waħda magħluqa u bil-vokali qasira, jekk jinkiteb la Maltija jinkiteb b'konsonanti mtennija qabel it-tarf '–ja', anke meta jiżdiedu miegħu xi elementi oħra,

eż. 'set > sett – settijiet – ˈssettja', 'blog > blogg – bloggs – ˈbblo**ggja**', 'bluff > blaff – ˈbbla**ffja**'.

**17.** F'każ li l-element miżjud ikun '–er', '–ing' jew '–is', jekk jinkiteb la Maltija, il-konsonanti mtennija ssir singla,

eż. 'blogg' imma 'blo**ger**', 'ˈbbukkja' imma 'bu**king**', 'swiċċ' imma 'swi**ċis**'.

**18. Verbi** li fil-Malti l-mamma tagħhom jista' jkollha żewġ pronunzji differenti jistgħu jinkitbu b'żewġ modi differenti imma tajjeb li l-kittieb ikun konsistenti fl-għażla tiegħu, eż. 'ˈppani**kja**/ˈppani**kkja**', 'ˈbbaġi**tja**/ˈbbaġi**ttja**', 'ˈppoli**xja**/ˈppoli**xxja**'.

**19.** Il-kliem mill-Ingliż miktub la Maltija li jifforma l-plural tiegħu biż-żieda ta' '–s' f'tarf is-singular jibqa' jinkiteb bis-'s' anke meta din tieħu l-ħoss ta' 'ż',

eż. 'klabb**s**', 'blogg**s**'.

**20.** L-element 'ex' jista' jibqa' jinkiteb 'ex' u separat mill-kelma ta' warajh,

eż. 'ex plejer', 'l-Ex President Joe Attard', 'ex prim ministru',

jew fonetikament 'eks' u separat mill-kelma ta' warajh,

eż. 'eks plejer', 'l-Eks President Joe Attard', 'eks prim ministru'.

Dan japplika wkoll meta l-element jintuża waħdu bħala nom,

eż. 'Ried jevita li jkellem lill-ex/eks tiegħu.'

**21**. Il-kelma 'extra', li meta tintuża bħala prefiss tingħaqad mal-kelma ta' warajha, għandha tinkiteb la Maltija ('ekstra') biex tkun evitata l-kitba ta' żewġ sistemi differenti fl-istess kelma,

eż.'ekstrakurrikulari' (mhux'~~extrakurrikulari~~').

Għandha tinkiteb la Maltija wkoll meta tintuża f'sens aġġettivali,

eż. 'żejt taż-żebbuġa ekstra verġni' (extra virgin olive oil).

Meta l-kelma 'extra' tintuża bħala nom tista' tinkiteb la Ingliża jew la Maltija,

eż. 'Applikajt bħala extra/ekstra għall-film li qed jinġibed Malta.'

**22.** Meta quddiem nomi komuni u titli ta' persuni mill-Ingliż, li ma jinkitbux la Maltija jew li l-kittieb jagħżel li jħallihom miktubin bl-Ingliż tinħass il-ħtieġa tal-vokali tal-leħen, ortografikament din għandha tinkiteb ħaġa waħda man-nom jew mat-titlu:

eż. 'L-ispanner u l-iskateboard ma nistax insibhom.'
'L-Ispeaker Joe Borg kien ma jiflaħx.'

F'każ li tinħass il-ħtieġa li dan il-kliem ikun immarkat minħabba l-istil tad-dokument li jkun se jidher fih (testi pedagoġiċi u/jew testi mmirati għal tfal ta' età bikrija), il-vokali tal-leħen għandha ssegwi l-istess stil tal-bqija tal-kelma mmarkata.

eż. i. fil-virgoletti: L-'iscooter' li xtratlu tgħidx kemm għoġbu.
ii. bil-korsiv: L-*iscooter* li xtratlu tgħidx kemm għoġbu.
iii. bil-grassett: L-**iscooter** li xtratlu tgħidx kemm għoġbu.

**23.** Fil-każ ta' nomi proprji mill-Ingliż (bħal ismijiet ta' pajjiżi jew postijiet, ditti, organizzazzjonijiet, programmi, akronimi li jinqraw bħala kelma sħiħa, eċċ.) li ma jinkitbux la Maltija u li magħhom tinħass il-ħtieġa tal-vokali tal-leħen, din tinkiteb żgħira u l-isem jinkiteb b'ittra kbira:

eż. 'l-**iS**prite', l-**iS**tergene'
'l-**iS**ky Mountains'
'l-**iS**plash and Fun'
'l-**iS**TART (Strategic Arms Reduction Treaty)'.

L-ismijiet xjentifiċi u l-ismijiet ta' pubblikazzjonijiet jinkitbu bil-korsiv (ara d-*Deċiżjonijiet 1* (2.3 u 2.4)) u l-vokali tal-leħen tinkiteb żgħira u bil-korsiv ukoll:

eż. 'Fl-*iSpanish Revolution*, ktieb li domt naqrah ġimagħtejn, qrajt li kienu mietu eluf ta' nies.'
'l-*iStreptococcus pneumoniae*'.

Meta jinkiteb bl-id, l-isem xjentifiku jintuża b'sing taħtu:

eż. l-iStegosaurus ungulatus, filwaqt li l-isem ta' pubblikazzjoni jinkiteb fil-virgoletti,

eż. l-'iSpanish Revolution'.

**24.** Quddiem kliem miktub mhux la Maltija niktbu l-artiklu (jew il-prepożizzjoni mal-artiklu) skont kif inlissnu, jiġifieri skont il-prinċipju fonetiku,

eż. 'ix-show', 'iċ-chat', 'is-central heating', 'fix-shock absorbers', 'fil-Eurovision'.

Dan japplika wkoll għall-akronimi u l-inizjaliżmi:

eż. 'il-UNESCO/l-UNESCO', 'is-CMTU', 'l-RTK', 'fl-MUT', 'bl-SMS'.

**25.** Wara kelma mill-Ingliż miktuba mhux la Maltija niktbu skont l-aħħar ittra tagħha, jiġifieri skont il-prinċipju viżiv. Għall-fini ta' din ir-regola l-ittra 'y' titqies bħala konsonanti:

eż. 'Biex jipprattikaw il-waterpolo jridu jitħarrġu kuljum.'
'It-trolley il-ġdid aħjar nibżgħu għalih.'
'Melbourne llum hija waħda mill-akbar bliet tad-dinja.'
'Audrey ippreferiet li tibqa' d-dar.'
'Ir-Renault il-ħadra qiegħda għall-bejgħ.'
'Is-Sur Le Roux ikollu jċedi postu fil-kumitat u s-Sinjorina Grzegorczyk illum se tidħol minfloku.'

Dan japplika wkoll għall-akronimi u l-inizjaliżmi, eż. 'Jekk il-BBC ikun jinstema' sew, nisma' l-aħbarijiet fuqu imma mbagħad narahom fuq ir-RAI wkoll.'

*Fil-paġna 16 issibu tabella skematika li sservi ta' gwida prattika. Fir-rapport sħiħ tifhmu r-raġunijiet li hemm wara d-Deċiżjonijiet 2.* Filmat qasir dwar id-*Deċiżjonijiet 2*: https://www.youtube.com/watch?time_continue=1&v=3qpmJZqo6ZE

Ir-rapport sħiħ issibu hawn: http://kunsilltalmalti.gov.mt/filebank/documents/filebank/documents/decizjonijiet2/dec2shih.pdf

*Dan l-artiklu qed jitwassal b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.*

# TABELLA SKEMATIKA ĠENERALI

*Hawn qed jingħataw biss il-passi prinċipali. Mhumiex inklużi l-każijiet kollha spjegati f'parti B tar-rapport sħiħ.*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

## A LIEMA KELMA NUŻA?

**Jekk kelma mill-Ingliż...**

1. nista' nuża minflokha kelma oħra stabbilita fil-Malti li taqdini tajjeb għall-istess tifsira
eż. **biljett** minflok **ticket**
→ **ma nużahiex**

2. neħtieġha tassew fil-kuntest li jkolli
eż. **taħdit/diskors** vs **chatting**
→ **nużaha**

## B KIF SE NIKTIBHA?

**Jekk se nuża l-kelma mill-Ingliż...**

1. **inħalliha miktuba bl-Ingliż**
jekk hija kelma komposta minn żewġ kelmiet jew aktar
eż. **windscreen**, **roundabout**, **shock absorber**, **fire extinguisher**, eċċ.

2. **niktibha bil-Malti skont ir-regoli stabbiliti tal-ortografija Maltija**
jekk hi integrata fil-grammatika Maltija:
**a. fin-nomi**
ħlief dawk bil-plural mill-Ingliż '-s'
eż. **kitla** – **ktieli** *għax plural miksur,*
**sors** – **sorsi** *għax plural sħiħ,*
**brejk** – **brejkijiet** tal-karozza *għax plural sħiħ, mhux minħabba l-verb korrispondenti* **'bbrejkja** *u l-aġġettiv/partiċipju* **'bbrejkjat**
(Għan-nomi li jieħdu l-plural mill-Ingliż '-s', ara B3.)
**b. fil-verbi**
eż. **fajjar** – **fajjarna** – **tfajjar**,
**'ċċarġja** – **'ċċarġjajna** – **tiċċarġja**
**ċ. fl-aġġettivi/partiċipji**
eż. **'ggaraxxjat/a/i**, eċċ.

3. **għandi għażla niktibhiex la Maltija jew la Ingliża**
jekk mhix integrata fil-grammatika Maltija jew hija nom li jieħu l-plural mill-Ingliż '-s':
**fin-nomi u l-aġġettivi/partiċipji**
**i.** jekk il-forma miktuba bil-Malti ma titbiegħedx viżwalment mill-forma Ingliża, nista' niktibha la Maltija
eż. **ħelikopter**, **kamera**, **plastik**, **alkoħol**, eċċ.
**ii.** jekk il-forma miktuba bil-Malti titbiegħed viżwalment mill-forma Ingliża, aħjar inħalliha miktuba bl-Ingliż
eż. **foundation**, **shutter**, drapp **plain**, eċċ.

## Ċ GĦANDI NIMMARKAHA?

**Jekk se nħalli l-kelma bl-Ingliż...**

1. fil-kitba u f'dokumenti/grafika elettronika u ppubblikata
→ **ma nimmarkahiex**

2. f'kuntest pedagoġiku u/jew f'materjal maħsub għal tfal ta' età bikrija
→ **nista' nimmarkaha** bil-virgoletti, korsiv jew b'xi mod ieħor

kunsilltalmalti@gov.mt www.kunsilltalmalti.gov.mt

# L-ordni sintattika fil-frażi nominali

Is-silta li ġejja hija meħuda mil-Linji Gwida Interni mfassla għat-tradutturi tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea. Qed naqsmuha mal-qarrejja ta' *l-aċċent* f'każ li tista' tkun ta' għajnuna għalihom ukoll.

**Il-Linji Gwida Interni** ssibhom hawn:
https://ec.europa.eu/info/files/maltese-resources-guidelines-translating-maltese_en

Hu minnu li l-ordni tal-kostitwenti fil-frażi nominali tal-Malti ħafna drabi tkun differenti għalkollox mill-ordni fl-Ingliż.

Meta jkollna frażijiet b'sensiela ta' aġġettivi li jkunu qed jimmodifikaw lin-nom f'ras il-frażi jew lill-bqija tal-frażi nominali, ħafna drabi rridu nittraduċu s-sekwenza bil-kontra tal-Ingliż, eż:

*gross domestic product*
**prodott domestiku gross** mhux **prodott gross domestiku**,
*competent national authority*
**awtorità nazzjonali kompetenti** mhux **awtorità kompetenti nazzjonali**.

Meta n-nom ikun qed jiġi modifikat b'aġġettiv li anke dan ikun qed jiġi modifikat b'avverb, ħafna drabi rridu nittraduċu s-sekwenza bil-kontra tal-Ingliż, eż:

*genetically modified organism*
**organiżmu modifikat ġenetikament** meqjusa aħjar minn **organiżmu ġenetikament modifikat**.

Iżda mhux kull avverb għandu jinxteħet fl-istess keffa u għalhekk dan il-mudell ma jgħoddx għal kull frażi li jkun fiha avverb. Xi drabi l-ordni tvarja, eż:

**tifel daqsxejn imqareb** mhux **tifel imqareb daqsxejn**.

Xi frażijiet mhux faċli tinfilsa kliem f'nofshom, bħal donnhom ikunu saru fossila. Eżempju frażijiet bħal **kamra tal-banju** jieħdu l-aġġettiv warajhom u mhux f'nofshom:

**kamra tal-banju ġdida** meqjusa aħjar minn **kamra ġdida tal-banju**.

Hu żgur, madankollu, li l-frażi kollha tiret l-għadd u l-ġens ta' ras il-frażi **kamra** u għalhekk meta l-aġġettiv jinzerta wara r-ras (**kamra ġdida**) jew wara l-frażi sħiħa (**kamra tal-banju ġdida**), dan ikun qed jinfletti għall-istess ġens u għadd.

| 1104447 | ECONOMICS FINANCE | COM | 3 |
|---|---|---|---|
| en - English | gross domestic product at constant prices | COM ★★★ | |
| | GDP at constant prices | COM ★★★ | |
| | real gross domestic product | COM ★★★ | |
| | real GDP | COM ★★★ | |
| | gross domestic product in real terms | COM ★★★ | |
| | GDP in real terms | COM ★★★ | |
| | gross domestic product in volume | COM ★★★ | |
| | GDP in volume | COM ★★★ | |
| mt - Maltese | prodott domestiku gross fi prezzijiet kostanti | COM ★★★ | |




Allura x'għandna niktbu:

- ♦**kodiċi tal-etika ġdid**
- ♦**kodiċi ta' etika ġdid**,
- ♦?**kodiċi ġdid tal-etika** jew
- ♦?**kodiċi ġdid ta' etika**?

It-tweġiba tistrieħ l-aktar fuq l-idjolett tal-kelliem nattiv partikolari.

F'dan il-każ, ir-ras u s-sieq tal-frażi għandhom ġens jew għadd differenti u għalhekk din il-kwistjoni tal-ordni mhix daqshekk problema għax il-qarrej mill-ewwel jagħraf li **ġdida** qed timmodifika lir-ras **kamra** jew lill-frażi **kamra tal-banju** kollha, u mhux lil **banju**/**tal-banju**.

Iżda d-diffikultà tfeġġ meta r-ras u s-sieq tal-frażi jinzertaw bl-istess għadd u ġens u allura tinħoloq ambigwità fuq liema frażi jew kelma tkun qed timmodifika l-aġġettiv.

Pereżempju, meta nqisu l-frażijiet **awtorità nazzjonali ta' kompetenza** u **awtorità ta' kompetenza nazzjonali**, peress li **awtorità nazzjonali** u **awtorità ta' kompetenza** t-tnejn jokkorru f'xogħolna kif inhuma, u peress li **awtorità** u **kompetenza** huma t-tnejn nomi fis-singular femminil, l-aħjar hu li bħala regola, l-aġġettiv **nazzjonali** jinxteħet kemm jista' jkun qrib in-nom li jkun qed jimmodifika.

F'dan il-każ it-traduttur irid jiddeċiedi jekk hux **awtorità** jew **kompetenza**.

*Din il-linja gwida nkitbet wara diskussjonijiet informali mal-Prof. Albert Borg u ħarsa lejn il-kitbiet tiegħu. Nirringrazzjawh.*

KELMA B'KELMA

*It-terminoloġija*

# L-ismijiet tal-insetti

**David Dandria**

L-insetti jiffurmaw l-akbar grupp ta' ħlejjaq fir-renju tal-annimali. Huwa maħsub illi jeżistu aktar minn miljun speċi fid-dinja. S'issa, f'Malta ġew irrappurtati madwar 4,300 speċi. L-entomologi jaqsmu l-grupp tal-insetti f'numru ta' "ordnijiet" (EN *orders*). Tajjeb li nibdew din il-ħarsa lejn l-ismijiet tal-insetti bil-Malti billi nsemmu dawk tal-ordnijiet prinċipali li jinsabu f'Malta. B'kollox għandna rappreżentanti minn wieħed u għoxrin ordni ta' insetti, iżda wħud minn dawn huma żgħar u ftit magħrufin ħlief mix-xjentisti u għalhekk m'għandhomx isem bil-lingwa tagħna. Fit-tabella tal-paġna li jmiss jidhru l-ismijiet Maltin tal-ordnijiet prinċipali li jinsabu f'Malta.

Minbarra dawn l-ismijiet tal-gruppi prinċipali, insibu ħafna ismijiet ta' speċi individwali li jagħmlu parti minn xi wieħed minn dawn l-ordnijiet. Uħud minn dawn huma magħrufin sew fost il-Maltin, waqt li oħrajn x'aktarx li huma midħla tagħhom biss il-bdiewa u persuni oħra li jaħdmu fil-qasam agrikolu. Dan minħabba li numru kbir ta' insetti jagħmlu ħsara fl-uċuħ tar-raba' waqt li oħrajn jikkaġunaw il-mard fil-bhejjem jew ixerrduh. Nibda billi nsemmi u niddiskuti xi ismijiet minn dawn li mhumiex daqshekk magħrufa



Kappillan, jew Katerina Għolli Denbek (Wikipedia)

jew inkella li huma ta' interess partikolari. Grupp ta' insetti li jagħmlu ħafna ħsara lill-uċuħ tar-raba' huma dawk li bl-Ingliż jissejħu *aphids*. Għal dawn insibu tliet ismijiet Maltin: brieghed tal-pjanti, afidi u mell. Dawn l-insetti għandhom bħal labra f'ħalqhom li biha jniggżu l-qoxra tal-weraq jew iz-zkuk tal-pjanti u jerdgħu s-sugu mill-vini. Dan huwa l-oriġini tal-isem "brieghed tal-pjanti" għaliex jixbhu lill-brieghed li jinstabu fuq l-annimali u li jiksbu n-nutriment billi jerdgħulhom demmhom. L-isem "afidi" ġej direttament mill-Ingliż, waqt li "mell" huwa l-isem li l-aktar jintuża mill-bdiewa. Interessanti li l-kelma "mell" tintuża wkoll biex tfisser tip ta' moffa li tikkaġuna mard fil-pjanti, l-aktar fid-dwieli u fil-bħajra. L-isem Ingliż ta' dan il-fungu huwa *Powdery Mildew* u l-bdiewa ġieli jsejħulu "mell dqieqi".

| ORDNI | EN | MT |
|---|---|---|
| Zygentoma | silverfish | kamliet |
| Odonata | dragonflies | mazzarelli |
| | damselflies | damiġelli |
| Orthoptera | grasshoppers | ġurati |
| | crickets | grilli |
| Dermaptera | earwigs | mqassijiet |
| Dictyoptera | cockroaches | wirdien |
| | mantids | debbiet tax-xitan |
| Isoptera | termites | nemel abjad |
| Heteroptera | bugs | seffieda; baqq |
| Homoptera | cicadas | wrieżaq |
| | whiteflies | nemus abjad |
| | aphids | bergħud tal-pjanti; afidi; mell |
| | scale insects | misktiet |
| Phthiraptera | lice | qamel |
| Coeloptera | beetles | ħanfus |
| Siphonaptera | fleas | briegħed |
| Diptera | flies | dubbien |
| | mosquitoes | nemus |
| Hymenoptera | wasps | żunżan |
| | bees | naħal |
| | ants | nemel |
| Lepidoptera | butterflies | friefet |
| | moths | baħrijiet |

Insett li ma jagħmilx ħsara imma li huwa magħruf ħafna fl-inħawi rurali huwa tip ta' ħanfusa ta' kulur iswed. Din għandha mġiba partikolari meta tiġi mhedda: terfa' denbha u titlaq kimika tinten. Din il-ħanfusa għandha żewġ ismijiet bil-Malti: "kappillan" u "Katerina għolli denbek" (għalkemm ma nafx kif Katerina daħlet fil-kredu). Tal-ewwel ġej mill-kulur iswed li jagħti idea tas-suttana li jilbes il-kappillan, waqt li t-tieni isem jirrifletti l-imġiba difensiva tal-ħanfusa. Interessanti li waqt li l-Maltin jużaw xejra reliġjuża, l-Ingliżi aktar jorbtuh max-xitan għaliex jużaw *Devil's Coach Horse* jew *Devil's Footman*. Fil-fatt fil-folklor Brittaniku nsibu l-leġġenda li dan l-insett kien kiel parti mit-tuffieħa ta' Eva u għalhekk min jirfsu u joqtlu jinħafrulu seba' dnubiet.

Ħlejqa oħra li isimha b'xi mod jew ieħor intrabat mad-dimonju hija d-"debba tax-xitan". Din għandha saqajha ta' quddiem żviluppati ħafna u adattati biex jaqbdu l-priża, x'aktarx xi insett ieħor.


Id-Debba tax-Xitan tlesti biex tattakka brimba (Roaring Earth)

Hija toqgħod tistenna qisha qed titlob sakemm xi insett ieħor jersaq lejha, biex imbagħad b'ħeffa kbira taħtfu u tibda tieklu. Dan l-atteġġament wassal biex bl-Ingliż tissejjaħ "*Praying Mantis*". Id-debba tax-xitan magħrufa wkoll għax waqt in-namra l-mara tibda tiekol lir-raġel; mhux ta' b'xejn li ngħatat dan l-isem!

Fl-ordni tal-grillijiet insibu insett imdaqqas li jgħix taħt il-ħamrija. Huwa jħaffer mini taħt wiċċ il-ħamrija u jiekol kull tip ta' għeruq li jiltaqa' magħhom. Għal dan il-għan għandu saqajh ta' quddiem iffurmati qishom pala biex iħaffer. Bl-Ingliż ingħata l-isem ta' *Mole Cricket* għax din l-imġiba tixbah lil dik tat-


Il-buqarn: insett li jagħti lemħa lir-rinoċeronti (http://animals.mom.me)

talpa. L-isem Malti huwa wkoll marbut ma' dan it-tħaffir taħt l-art għax jissejjaħ "buħarrat", kelma mnissla mill-verb *ħarat*. Hemm diversi insetti li isimhom jibda bil-prefiss **bu-** segwit minn xi karatteristika tal-insett. Għalhekk għal *Weevil*, insett li għandu rasu mtawla 'l quddiem qisha munqar, nużaw "**bu**munqar". Għandna wkoll il-"**bu**suf", ħanfusa sufija li tħobb toqgħod fuq il-fjuri; "**bu**sewdien", ħanfusa sewda; "**bu**nittien", ħanfusa li terħi riħa tinten ħafna; "**bu**qarn", insett b'qarn wieħed fuq rasu li jixbah dak tar-rinoċeronti u "**bu**qran", tip ta' ġurat bil-qrun twal ħafna.

Ta' min insemmu wkoll farfett li bil-Malti ngħata numru ta' ismijiet differenti, dak li bl-Ingliż jissejjaħ *Swallowtail*. Bil-Malti dan insibuh bħala "farfett tal-Lira", "farfett tar-Reġina", "farfett tal-fejġel" jew "farfett tal-bużbież". Dan il-farfett huwa wieħed sabiħ ħafna u jagħti fil-għajn, u forsi għalhekk ingħata diversi ismijiet. Ix-xagħat ta' dan il-farfett jiekol il-weraq tal-fejġel jew tal-bużbież.



| ORDNI | ISEM XJENTIFIKU | EN | MT |
|---|---|---|---|
| Thysanura | *Ctenolepisma* sp. | silverfish | kamla tad-djar |
| Odonata | *Anax imperator* | emperor dragonfly | mazzarell sultan |
| | *Ischnura genei* | damselfly | damiġella |
| Orthoptera | *Acheta domesticus* | house cricket | werżieq tad-djar |
| | *Gryllotalpa* sp. | mole cricket | buħarrat |
| | *Gryllus bimaculatus* | field cricket | grillu |
| | *Locusta migratoria* | migratory locust | ġurat tal-passa |
| | *Phaneroptera nana* | long-horned grasshopper | buqran tal-għelieqi |
| Dermaptera | *Forficula decipiens* | earwig | mqass komuni |
| Dictyoptera | *Mantis religiosa* | praying mantis | debba tax-xitan |
| | *Periplaneta americana* | American cockroach | wirdiena ħamra |
| Isoptera | *Kalotermes flavicollis* | termites, white ants | nemla bajda |

Biex nikkonkludi se nagħti lista ta’ ismijiet bil-Malti ta’ xi insetti komuni.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Heteroptera | *Corixa affinis* | lesser water boatman | qaddief tal-għadajjar |
| | *Graphosoma lineatum* | striped shield bug | spallut irrigat |
| | *Lygaeus sp.* | soldier Bug | suldat |
| | *Notonecta* sp. | water boatman | mqass tal-ilma |
| | *Rhinocoris erythropus* | red assassin bug | seffud tal-assalt |
| | *Scantius aegyptius* | fire bug | seffud tal-ġamar |
| | *Aleurothrixus floccosus* | citrus woolly whitefly | nemusa bajda taċ-ċitru |
| | *Aphis fabae* | black bean aphid | bergħud tal-ful |
| | *Cicada orni* | cicada | werżieq ta’ binhar |
| Homoptera | *Icerya purchasi* | cottony cushion scale | miskta bajda; iċerja |
| | *Trialeurodes* sp. | greenhouse whitefly | nemusa bajda tas-serer |
| | *Capnodis tenebrionus* | peach buprestid | susa tal-għeruq |
| Coleoptera | *Carabus morbillosus* | ground beetle | bunittien |
| | *Cetonia* sp. | chafer | għawwar |
| | *Coccinella* sp. | ladybird | Nannakola; żebbellika |
| | *Geoptrupes* sp. | dung beetle | bugħawwar |
| | *Lampyris* sp. | glow-worm | musbieħ il-lejl |
| | *Meloe* sp. | blister beetle | fliela |
| | *Ocypus olens* | devil’s coach horse | Kappillan; Katerina għolli denbek |
| | *Oryctes nasicornis* | rhinoceros beetle | buqarn kbir |
| | *Oxythyrea funesta* | barbary bug | busuf |
| | *Rhynchophorus ferrugineus* | red palm weevil | bumunqar aħmar tal-palm |
| | *Tenebrio molitor* | mealworm | bumellies |
| | *Atylotus* sp. | horsefly | xidja |
| | *Ceratitis capitata* | Mediterranean fruit fly | dubbiena tal-frott |
| Diptera | *Culex pipiens* | mosquito | nemusa |
| | *Dacus oleae* | olive fly | dubbiena taż-żebbuġ |
| | *Musca domestica* | housefly | dubbiena |
| | *Oestrus ovis* | bot fly | dekkuka |
| | *Phlebotomus* sp. | sand fly | nemusa muta |
| | *Stomoxys calcitrans* | stablefly | niggiżija |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Hymenoptera | *Anospilus* sp. | spider-hunting wasp | qerd il-brimb |
| | *Apis mellifera* | honeybee | naħla tal-għasel |
| | *Bombus terrestris* | bumblebee | bomblu |
| | *Camponotus sp.* | carpenter ant | nemlu żokrin |
| | *Evania* sp. | ensign wasp | żunżana taċ-ċerniena |
| | *Messor capitatus* | harvester ant | ħażżien iswed, nemlu iswed |
| | *Osmia* sp. | mason bee | naħla bennejja |
| | *Philanthus triangulum* | beewolf | qerd in-naħal |
| | *Polistes* sp. | paper wasp | żunżana tax-xehda |
| | *Xylocopa violacea* | carpenter bee | bomblu iswed |
| Lepidoptera | *Cymbalophora pudica* | tiger moth | żarżur |
| | *Maniola jurtina* | meadow brown | kannella kbir |
| | *Papilio machaon* | swallowtail | farfett tal-lira, farfett tar-reġina |
| | *Pieris rapae* | cabbage white butterfly | farfett tal-kromb |
| | *Polyommatus icarus* | common blue | farfett tal-anġlu |
| | *Vanessa atalanta* | red admiral | farfett tal-ħurrieq |
| | *Vanessa cardui* | painted lady | farfett tax-xewk |

## Lista ta' referenzi

Aquilina, Joseph. *Maltese-English Dictionary*. Vols 1-2, Malta: Midsea Books, 1987-1990; *English-Maltese Dictionary.* Vols 1-4, Malta: Midsea Books, 1999-2000.

Cremona, A. *Maltese Technical terminology - agricultural, nautical and fishing terms including a supplementary list of insects and plant pests*. 1964-1966. (Manuskritt illegat f'żewġ volumi fil-Librerija tal-Università ta' Malta).

*Melita Agricola*. Valletta: Uffiċċju tal-Biedja, 1932-1935.

Sammut, Paul. *Il-Lepidoptera*. Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2000.

Schembri, Stephen. *The Common Insects of the Maltese Islands – A guide for teachers and students.* 1995. (Teżi mhux ippublikata tal-B. Ed. (Hons.) fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, l-Università ta' Malta).

Sultana J. & Falzon V., eds. *Flora u Fawna ta' Malta*. Malta: Dipartiment għall-Ħarsien tal-Ambjent, 1995; *Wildlife of the Maltese Islands*. Traduzzjoni bl-Ingliż ta' *Flora u Fawna ta' Malta* minn David Dandria, 1996.

*David Dandria huwa entomologu u lettur tal-Bijoloġija fl-Università ta' Malta. Qabel kien jaħdem fid-Dipartiment tal-Agrikoltura fil-qasam tal-Ħarsien tal-Pjanti.*

# Kliem is-snajja': taħdita ta' Ġużi Gatt

**Antoine Cassar**

Nhar l-24 ta' April 2018, is-Sur Ġużi Gatt – l-awtur taż-żewġ kotba essenzjali tat-terminoloġija *Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni* (KKM, 2005 u 2015), l-editur tar-rivista *L-Imnara*, u traduttur ta' drammi ta' Brecht u Pinter fost l-oħrajn – kien mistieden għand id-Dipartiment tal-Ilsien Malti tad-DĠT fil-Lussemburgu biex jagħti taħdita dwar il-vokabolarju marbut ma' professjonijiet tradizzjonali. Bejn diskussjoni terminoloġika kritika u għadd ta' kurżitajiet lingwistiċi affaxxinanti, din it-taħdita kienet okkażjoni mhux ta' min jitlifha biex nirriflettu fuq ċerti mekkaniżmi kreattivi tal-morfoloġija Maltija li għadhom disponibbli sal-lum, minkejja li b'xorti ħażina kulma jmur qegħdin jgħibu.

Kontra l-isfond pessimist impinġi minn kliemu stess dwar "l-iżvalutazzjoni" tal-lingwa li qiegħda tiġi "korrotta bil-griefex", Gatt jibqa' jrawwem it-tama xorta waħda fir-riċerka, fit-tiftix tal-preċiżjoni, u fuq kollox, fil-qsim tal-għarfien, u tal-ħeġġa li biha jistħarreġ bla hedu l-enimmi tal-lingwa.

Apparti t-telf ta' kliem f'oqsma tekniċi u mhumiex ("proċess ta' tindif etniku", skont ma ddeskrivieh waqt intervista fil-programm tar-radju *Taħt il-Qoxra* fi Frar 2018), Gatt ilmenta wkoll dwar "il-makkinarju msaddad" tal-lingwa f'fomm il-kelliema, li donnhom mhux qegħdin jirtu jonkella li qegħdin jinsew ċerti mekkaniżmi inerenti għall-Malti. Fosthom, fejn jidħlu s-snajja', il-possibbiltà li minn għerq Semitiku jinbena nom komuni billi tittenna t-tieni ittra u tintuża l-*a* mkarkra jew l-*ie* bejn it-tieni u t-tielet ittra: eż. *naġġâr*, *reffiegħ*, *kennies*, eċċ. Fost ħafna eżempji oħra, Gatt semma li sas-snin 90, fil-fabbrika tat-



Ritratt: Nicky Farrugia

tabakk kien ikun hemm il-*barrama* u l-*werrieqa*, filwaqt li fl-ifran kienu jaħdmu l-*għaġġiena* u l-*ħabbieża*.



Il-keff (jew pala) tal-id

Żrigħ bil-keff

Wara l-ismijiet tas-snajja', dorna fuq termini marbutin mal-biedja, b'għadd ta' aneddoti mill-iktar interessanti, fosthom referenzi għall-*Calendariu tal Bidwi* ppubblikat mis-Società Economico-Agraria lura fl-1849, għall-ewwel darba f'edizzjoni bilingwi (bit-Taljan u bil-Malti; ara l-artiklu "Kliem mitluf: Il-Kalendarju tal-Bidwi" fil-ħarġa 11 ta' *l-aċċent*, pp. 23-27). Mekkaniżmu ieħor tal-lingwa li jidher li qed jitħaddem dejjem inqas huwa l-frażi avverbjali bil-prepożizzjoni *bi* + *nom*: pereżempju, il-Kalendarju jagħmel distinzjoni bejn iż-żrigħ *bil-ħatt* (f'linja) u ż-żrigħ *bil-keff* (bl-addoċċ).

Distinzjoni importanti oħra li ssir fil-Kalendarju, iżda li toħroġ fid-dieher biss meta jsir tqabbil mal-verb Ingliż *to harvest*, hija l-mod ta' kif prodott naturali 'jinkiseb' fi tmiem il-kultivazzjoni: il-qamħ *jinħasad*, iżda l-patata *tinqala'*, il-frott *jinqata'*, u l-melħ *jinġabar*. Din l-għażla ta' verbi tkunilna ta' siwi kbir, pereżempju, fit-traduzzjoni ta' leġiżlazzjoni agrikola, l-iktar fl-oqsma tal-għajnuniet lill-bdiewa u tal-protezzjoni ta' ismijiet ta' prodotti tradizzjonali b'rabta ġeografika (DOP u IĠP). Gatt aċċenna għal sinjal fit-triq fl-inħawi tas-Salini, li jsemmi l-"*ħsad tal-melħ*" – x'aktarx każ ta' kalk fuq il-ħsieb bl-Ingliż, meta kien jagħmel aktar sens li tintuża l-kelma *ġbir*.

(Firxa oħra ta' termini spjegata minn Gatt tikkonċerna ekwivalenti varji tal-kelma Ingliża *bud*: ara l-kaxxa marbuta mal-artiklu tat-*Termattwalità* li jidher wara dan.)

It-taħdita ta' Gatt kienet imżewqa b'diversi kurżitajiet etimoloġiċi li niżlu għasel u li iktar minn traduttur wieħed baqgħu jberrnu fuqhom tul il-jiem ta' wara. Biex insemmu biss ftit minnhom: meta jsir trapjant tal-basal, jingħad li l-basla *titgħarras* – tgħid tkun 'għarusa' għax tagħti l-frott? Skont ipoteżi oħra ta' Gatt, l-aħħar sillaba tal-kelma *qamħirrum* tirreferi mhux preċiżament għar-Rumani iżda għall-Biżantini, minkejja li l-pjanta kien ġabha Kolombu mill-Amerka; tali konfużjoni tkompli tħawwad il-borma miruta mill-isem Taljan, *grano turco*. Fl-aħħar nett, skont proposta etimoloġika oħra ta' Gatt, il-kelma *riżq* jidher li ġejja mill-istess għerq bħal *merżuq*, li min-naħa tagħha titnissel minn kelma Għarbija li tfisser 'don, rigal'. Gatt semma wkoll it-terminu *merżuq tas-silġ*, 'icicle'. Li hu żgur hu li din it-taħdita ma ħalliet lil ħadd imkessaħ jew indifferenti, anzi, kienet rigal u merżuq ta' tama li iktar keċċa milli kabbar il-pessimiżmu mid-diskors qawwi tal-bidu.

*Antoine Cassar huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

# It-Termattwalità

**Clyde Triganza**

Fix-xogħol tat-traduzzjoni għandna bosta għodod teknoloġiċi li nistgħu nserrħu fuqhom biex fuq livell terminoloġiku jgħinuna nsibu tarf xi kobba mħabbla jew biex inkunu nistgħu noħorġu minn xi sqaq. Fost dawn l-għodod insibu l-IATE (il-bażi ta' dejta interistituzzjonali tat-terminoloġija interattiva għall-Ewropa) li għadha kemm għalqet għaxar snin, kif ukoll ir-rikjesta TERMal, tip ta' Helpdesk li biha ta' sikwit nitolbu l-parir espert tat-terminologi tad-Dipartiment tagħna biex jagħtuna palata.

Minħabba diversi raġunijiet fosthom il-ġirja kontra l-ħin, ġieli jiġri li ċerti termini importanti jintużaw tajjeb dak il-ħin u mbagħad jitħallew fuq l-ixkaffa jrabbu t-trab. B'dan il-ħsieb f'moħħi, flimkien mat-terminologi, kull tant żmien xtaqt nislet xi termini importanti mill-maħżen intern tar-rikjesti terminoloġiċi biex b'hekk ix-xogħol siewi li jsir jinqasam ma' kulħadd u jista' jintuża minn min jaf jiġi bżonnu. L-għan hu li dan il-maħżen ikollu l-vetrina tiegħu wkoll, sabiex terminu li tant ikun swielna xogħol ma jmutx fuq ommu.

Għalhekk, darba fix-xahar, id f'id mat-terminologi u ma' kollegi oħra, nieħu ħsieb li nipproponi xi termini fil-paġna Termattwalità fis-sit tad-Dipartiment. Hawn nixħtu lenti fuq terminu jew għadd ta' termini attwali u nipprovdu t-termini ekwivalenti bil-Malti u bl-Ingliż kif ukoll id-definizzjonijiet u xi noti terminoloġiċi. Kull xahar isir ħafna xogħol minn wara l-kwinti biex kemm jista' jkun invarjaw l-oqsma ta' politika u nkopru l-firxa wiesgħa ta' dokumenti li jiġu tradotti. Barra minn hekk, it-Termattwalità tittella' fuq il-paġni tal-midja soċjali tad-Dipartiment biex b'hekk ikollu aċċess għaliha l-pubbliku inġenerali. Hawnhekk ta' min jippreċiża li t-termini li ntellgħu bħala parti mill-inizjattiva Termattwalità jagħmlu parti minn terminoloġija li tikkonċerna l-lingwa speċjalizzata u minn reġistru legali li aħna marbutin nużaw fit-testi leġiżlattivi li nittraduċu. Kif nafu, il-lingwaġġ legali u dak li jkopri l-oqsma speċjalizzati mhux dejjem jersaq lejn il-lingwaġġ li nużaw fil-ħajja ta' kuljum.

L-interess huwa kbir, u minn xhur qabel diġà nkunu qed infasslu termini kandidati għat-Termattwalità tax-xhur li jmiss. B'hekk nistgħu ngħidu li l-ewwel għan tat-Termattwalità qed jintlaħaq, għaliex mhux talli s-soluzzjonijiet terminoloġiċi siewja li jkunu ntużaw qed jitħaddmu, talli xi kultant qed insibuha diffiċli biex inlaħħqu mad-domanda. Sinjal tajjeb, li jqawwilna qalbna biex inkomplu naqdfu 'l quddiem.

*Clyde Triganza huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

Hawnhekk qed nirriproduċu żewġ eżempji ta' kif ikunu l-ispjegi maħruġa minn Termattwalià

Terminu MT: **ilmentatur vs kwerelant**

Terminu EN: **complainant**

It-tifsira: Fl-oqsma mhux ġuridiċi, l-entità li tilmenta tissejjaħ ilmentatur. Min-naħa l-oħra fil-qasam ġuridiku, b'mod partikolari fil-qasam kriminali, meta entità tagħmel kwerela biex tinfetaħ kawża, tissejjaħ kwerelant. Din l-entità hija l-ekwivalenti ta' attur (fil-kawżi ċivili) jew ta' rikorrent (fil-każ ta' involviment ta' Stat Membru).

# żahra, raħsa, għajn u blanzun

Fil-qasam tal-biedja u tal-botanija, il-Malti jaf joffri termini speċifiċi u preċiżi għal affarijiet li bl-Ingliż ikollhom biss terminu ġeneriku deskrittiv. Dan huwa l-każ bit-terminu bud bl-Ingliż.

Pereżempju, is-siġra tiżhar, jiġifieri toħroġ ż-żahar, fjuri femminili li biż-żmien jikbru u jsiru frott. Iż-**żahra** (female flower bud jew blossom) tal-larinġ maż-żmien twaqqa' l-petali u mill-qalba tagħha tibda tonfoħ il-larinġa.

Kif jixhdu "Il-Kalendarji tal-Bidwi", li dari kienu komuni u popolari ħafna, il-Malti kellu wkoll kelma li m'għandhiex titħalla tintilef. Qabel ma tiżhar, is-siġra traħħas, jiġifieri toħroġ il-weraq il-ġdid. Fil-verżjoni Taljana ta' dawn il-kalendarji, din il-kelma tfissret bħala frondescenza, filwaqt li tiżhar tfissret bħala fioritura. Iż-żewġ kelmiet mhumiex l-istess. Ir-**raħsa** hija leaf bud bl-Ingliż.

Meta bl-Ingliż bud tintuża fis-sens ġeneriku, bil-Malti t-traduzzjoni t-tajba għandha tkun **għajn**. Hekk, meta tlaqqam bil-biċċa, il-brokk (jiġifieri l-fergħa jew il-biċċa mis-siġra t-tajba li titlaqqam fuq is-selvaġġ) irid ikollu għajn. Mill-għajn toħroġ rimja (shoot) li ssir fergħa ġdida.

Barra minn hekk, il-Malti jaf ukoll il-kelma **blanzun** – fjura (mhux żahra) li tkun għadha qiegħda tiftaħ. Bl-Ingliż tissejjaħ bud ukoll.

Huwa importanti li niddistingwu bejn it-tipi differenti ta' buds u nużaw it-terminoloġija korretta sabiex fit-traduzzjoni kollox ikun tassew ward u żahar!

Ħajr lil Ġużi Gatt tal-kollaborazzjoni siewja tiegħu

# Lejn mappa tad-dinja bil-Malti 5 - L-Amerka ta' Fuq

**Antoine Cassar**

Wara l-vjaġġ żigużajg mal-gżejjer tal-Karibew, nittrakkaw lura għal fuq it-terraferma. Tidher ta' spiss fil-midja s-sura tal-Istati Uniti kontigwi, qisha forma ta' vaska jew vagun, ġieli bil-qalba ħamra u t-truf blu. Proprju minħabba l-pressjoni tal-ġeografija politika fuq dik fiżika, x'aktarx inqas imdorrijin naraw is-sura tal-kontinent sħiħ tal-Amerka ta' Fuq, sintendi, dak li mill-Istmu tal-Panama jibqa' tiela' sax-xatt tal-Artiku – jew biex in-kunu iktar preċiżi, jekk inqisu l-gżejjer bħala t-tkomplija tal-kontinent, sal-gżejra ta' Kaffeklubben, tikka 'l fuq mill-Kap Morris Jessup ta' Greenland, u l-iktar art qrib il-Pol tat-Tramuntana.[1]

Mhux daqshekk faċli tagħlaq għajnejk u ġġib quddiemhom il-forma tal-Amerka ta' Fuq, anki għax tvarja ħafna skont il-projezzjoni: jekk Mercator, l-Alaska tidher ħafna ikbar milli diġà hi, u tħares dritt lejn il-Punent (li jsir il-Lvant malli tkun qsamt l-Istrett ta' Bering); mill-banda l-oħra, jekk il-projezzjoni tkun waħda li tirrispetta iktar it-tondjatura tad-dinja u magħha l-qisien proporzjonali tal-artijiet, l-Alaska kapaċi tidher ftit mgħaffġa, u tħares iktar lejn il-Majjistral.



Min jara fekruna, min jara dragun… (stampi minn imgur.com u geekologie.com)

F'għadd ta' ilsna indiġeni tal-Amerka ta' Fuq, il-kontinent jissejjaħ "il-Gżira tal-Fekruna", għaliex skont il-mitoloġija nbena minn speċi ta' far kbir (*muskrat*) bl-għajnuna ta' fekruna, li bil-mod il-mod qagħdet ittella' l-ħamrija minn fond il-baħar billi terfagħha fuq daharha. Fuq l-internet, hemm min tnebbaħ minn dan il-mit biex jilmaħ fil-kontorni tal-art il-forma ta' fekruna; oħrajn jaraw dragun, rasu fil-Québec u l-Peniżola tal-Labrador; meta kont żgħir, il-kontinent kont nistħajlu ġifen tal-Vikingi, bil-qala' abjad silġ; u llum ġieli nara l-forma ta' ballerina

[1] Nevita apposta l-kitba *Arktiku, li teżisti iżda skont l-MLRS hija ħafna inqas frekwenti minn Artiku (8 vs. 102). L-istess jgħodd għall-*Antarktika (1 b'żewġ k, 128 b'k waħda). Nevita wkoll *il-Pol ta' Fuq u *il-Pol t'Isfel, għax billi jirreferu għall-estremi tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, importanti li dawn jissemmew espliċitament.

mibruma, fuq ponot subgħajha, titmattar 'il fuq, ittawwal għonqha u rasha qisha biex tbus imnieħer it-tigra Siberjana bin-nejba twila daqs xabla.

**Id-dinja jew l-art – liema tiġi l-ewwel?**

Tajjeb niftakru li, ġeneralment, it-toponomija politika tissejjes fuq dik fiżika: ngħidu aħna, stat nazzjon spiss jieħu l-isem tar-reġjun storiku (il-Perù), jew ta' element ġeografiku bħal xmara (l-Urugwaj). Madankollu, partikularment fit-traduzzjoni, kultant jiġri bil-maqlub: isem l-entità am-ministrattiva jiġi importat l-ewwel, u toponomu fiżiku li jieħu l-istess isem jinħoloq wara (eż. **il-Lag Nikaragwa**). Għaldaqstant, minkejja li f'dan il-proġett qiegħed niffoka apposta fuq it-toponomija fiżika, ġieli jkolli nħares l-ewwel lejn dik politika biex inkun nista' nasal 'lura' għal dik fiżika. Mhix eżattament skumdità, iżda jkolli nżomm f'moħħi li, ta' tfal, x'aktarx nitgħallmu l-ġeografija politika qabel dik fiżika, anki għax il-mapep politiċi (li jippreskrivu[2]) huma ħafna iktar preżenti u mifruxa minn dawk fiżiċi (li jiddeskrivu). Wara kollox, donnu iktar ngħixu fid-dinja – mifhuma bħala l-art mgħammra mill-bniedem, u l-istrutturi kollha li nwaqqfu fuqha – milli ngħixu fl-art, jew appuntu fl-Art.

Xorta waħda, billi t-toponomija politika ma tistax teżisti mingħajr ma sserraħ fuq dik fiżika, huwa importanti li nżommu d-distinzjoni. Ngħidu aħna, mappa tal-50 stat li jiffurmaw il-USA kapaċi tibqa' bl-Ingliż, iżda malli nibdew inżidu elementi proprjament ġeografiċi, it-traduzzjoni (li tinkludi t-trażlitterazzjoni) issir possibbli, fattibbli, u meħtieġa biex jiffurmaw parti mill-kuxjenza ġeografika tagħna.

**Fiex jew fejn jidħol l-artiklu?**

Tneħħi l-Amerka Ċentrali u l-Québec, fl-immappjar bil-Malti tal-ġeografija fiżika tal-Amerka ta' Fuq, il-lingwa pont ewlenija ovvjament kienet l-Ingliż. Madankollu, kif iddiskutejna fit-tul f'artikli preċedenti ta' din is-sensiela, ħarsa lejn il-prattika ta' ilsna oħra, l-iktar it-Taljan, spiss tkun utli għal għajnuna morfoloġika (bħal fil-każ tal-**Muntanji Appalakki**), iżda wkoll għall-iċċarar ta' ċerti sottillezzi sintattiċi, fosthom il-preżenza tal-partiċella *ta'* minħabba rabta ta' appartenenza jew omaġġ (il-**Gżira ta' Vancouver**, iżda l-**Gżira Devon**). Sottillezza oħra hija l-ħtieġa tal-artiklu. Eżempju minnhom: wara li tgħaddi mill-Baħar u l-Istrett ta' Bering, imsemmija għal esploratur Daniż, tiżbokka fil-**Baħar taċ-Chukchi**, bl-artiklu għax imsemmi għal poplu indiġenu tas-Siberja. F'dal-każ it-Taljan (*Mare dei Ciukci*) u l-Franċiż (*Mer des Tchouktches*) ikkonfermaw il-bżonn tal-artiklu, iżda għażilt li nirrispetta t-traskrizzjoni Ingliża tal-isem, mhux biss għax mhuwiex parti mid-

[2] Mhux ta' b'xejn, ngħidu aħna, il-kartografija nazzjonali fiċ-Ċile ssir mill-forzi armati. Fiċ-Ċina jingħataw pieni ħorox lil min iwettaq attivitajiet ta' mmappjar mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-gvern.

dinja 'Latina', iżda wkoll fid-dawl (soġġettiv dejjem) tan-nuqqas ta' familjarità mill-perspettiva tal-għajnejn Maltin.




Sas-seklu 18, il-kartografi kienu jaħsbu li l-Kalifornja kienet gżira. L-isem x'aktarx ittieħed mir-rumanz kavalleresk *Amadís de Gaula* ta' Garci Rodríguez de Montalvo (1510), li fih deskrizzjoni tal-gżira fittizja ta' California, ġenna tal-art popolata biss min-nisa. (stampa: Library of Congress)

Kwistjoni ferm iktar kumplessa hija l-użu tal-artiklu ma' ċerti ismijiet ta' reġjuni storiċi, approssimattivi, li jeżistu fl-immaġinarju lil hinn mill-kunċett ta' stat amministrattiv. *Jiena d-deżert għatxan tal-Arizona*, kiteb Achille Mizzi, f'waħda mill-iktar poeżiji emblematiċi tiegħu, bl-artiklu u bit-tikka. Ovvjament kellu f'moħħu l-pajsaġġ, mhux l-istat nru 48 bil-belt kapitali Phoenix. Il-poeżija mhijiex xjenza, iżda l-użu tal-artiklu jissuġġerixxi ċerta intimità jew familjarità mal-post, jew mal-istħajjil tiegħu. Huwa każ analogu għal min jgħid *it-Toskana, in-Normandija, is-Siberja*: bl-artiklu, ir-reġjun ikun iktar 'konkret', iktar 'tanġibbli' fil-kuxjenza ġeografika tal-kelliem.

Stati jew mhux, trażlitterati jew le, ir-riċerka fil-konkordanzi tal-MLRS tikxef inkonsistenza wiesgħa fl-użu tal-artiklu mar-'reġjuni' tal-Istati Uniti. Minn banda, Alaska jieħu l-artiklu f'76.74 % tal-każijiet, u Ħawaj/Hawaii f'70.45 % – perċentwali pjuttost għoljin, x'aktarx għax bħala stati 'l bogħod

mill-metropoli, jitqiesu daqslikieku kienu pajjiżi għalihom (u dan minkejja li Ħawaj/ Hawaii hija arċipelagu). Mill-banda l-oħra, ebda isem ta' stat kontigwu ma jieħu l-artiklu f'aktar minn 20 % tal-okkorrenzi tagħhom: l-Arizona/l-Ariżona 16.19 %; in-Nevada 14.28 %; l-Arkansas 13.16 %; in-Nebraska 12.12%. Dawn l-erba' perċentwali huma l-ogħla fost it-48 isem ta' stat, forsi għal raġunijiet fonetiċi li għad irrid nistħarreġ - donnu l-ittri A u N għandhom iktar tendenza li jistiednu l-artiklu.[3]

**Where are you from?**

Kollega tiegħi, Alan Delia, jiftakar djalogu bejn żewġt itfal żgħar fi skola primarja, wieħed Malti u l-ieħor Malti tal-Amerka li familtu kienet ġiet lura ftit xhur qabel.
Il-Malti Amerikan: "*Where are you from? I'm from California*", qal b'sens ta' ftaħir.
Il-Malti kien pront wieġbu: "*Għal daqshekk qed tistagħġeb? Inti minn California, u jien minn Kalafrana*".

Issa però, ċerti ismijiet ta' stati li jissemmew iktar ta' spiss fil-midja u fit-taħdit, u li allura l-lingwa hija iktar midħla tagħhom, jieħdu l-artiklu ħafna inqas ta' spiss milli stennejt: Kalifornja (trażlitterata hekk 448 darba, mhux ammont żgħir) jieħu l-artiklu biss f'6.25 % tal-każijiet, u Florida f'5.54 %. B'danakollu, nemmen li meta nirreferu għalihom bħala reġjuni ġeografiċi u storiċi, ikun ħaqqhom l-artiklu għal raġunijiet ta' familjarità - jekk mhux mal-post innifsu, mal-eżistenza tiegħu bħala żona ta' ċerta importanza ġeografika u demografika. Ironikament, bl-artiklu, dawn ir-reġjuni jsiru iktar definiti mill-istati li għandhom fruntieri ddefiniti bir-riga. Dan għax it-toponomija politika mhijiex loġika, fost l-oħrajn għax frammentata u ġieli kapriċċuża, filwaqt li t-toponomija fiżika, minkejja l-pressjonijiet ta' dik politika, kapaċi timmira lejn ċerti livelli ta' konsistenza billi timxi fuq kriterji kumplessi iżda ġustifikatorji.

**Kollox kbir**

Imqabbla mal-Ewropa ċkejkna u kumpatta, il-ġeografija tal-Amerki fiha wesgħat donnhom ma jispiċċaw qatt, u allura mhux ta' b'xejn insibu fuq il-mappa ruxxmata toponimi li jibdew bil-kelma *Great*. Ħafna minnhom huma lagi, iżda hemm ukoll il-*Great Plains*, strixxa wiesgħa ta' bwar u steppi li prattikament taqsam il-kontinent fi tnejn, u l-*Great Basin*, żona idroloġika fil-Lbiċ b'ebda konnessjoni mal-oċean.

Stajt niżżilt faċilment **il-Lagi l-Kbar* u l-**Pjanuri l-Kbar*, iżda tfixkilt meta ġejt għall-**Baċir il-Kbir*: ambigwetà skomda, għax żgur mhux forsi tfakkar fil-baċir tat-tarzna qabel ma twassal lil dak li jkun lejn l-idea ta' dipressjoni topografika f'art imbiegħda. Jeżisti wkoll il-varjant *baċin*, inqas mifrux, iżda l-ħolqien ta' distinzjoni semantika bejniethom (ngħidu

[3] Qabbel *l-istat ta' Ariżona* u *l-istat tal-Ariżona*. Jista' jkun li min ilissen tat-tieni forsi jħoss, anki subkonxjament, il-bżonn li jdaħħal l-L tal-artiklu bejn il-partiċella u l-bidu tal-isem għal aktar ċarezza? L-ewwel ittra ta' isem hija parti essenzjali mill-identità tiegħu, u meta tinbela' f'eliżjoni, l-isem jaf jitlef mis-saħħa tiegħu fis-sentenza. Dan kieku ma jispjegax, madankollu, ix-xejra tal-użu tal-artiklu mal-ismijiet ta' stat li jibdew bl-N. Eċċezzjoni hija l-istat ta' New York, imsemmi ovvjament għall-belt.

aħna, bl-r għad-dokk u bl-n għal tal-art) kieku jkun artifiċjali.[4]

Hemm kelma oħra, Maltija ormaj daqs l-aġġettiv *kbir*, li għat-toponomija taqdina tajjeb: *Gran*. Jeżistu diġà l-Gran Brittanja u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu, u lil hinn mill-ġeografija, il-Gran Mastru (meta ma tinkitibx f'kelma waħda), biex ma nsemmux il-Gran Alla. Bl-eċċezzjoni tal-ewwel eżempju, *Gran* tindika xi forma ta' awtorità politika, anki ironika; iżda fil-każ tal-Gran Brittanja, huwa strettament marbut mat-toponomija fiżika bħala isem ta' gżira, oriġinalment b'distinzjoni mill-Bretanja li llum hija reġjun ta' Franza.

Fuq il-mappa tal-Amerka ta' Fuq, il-**Gran Lagi** (u magħhom il-Gran Lag Mielaħ, tal-Ors u tal-Iskjavi), il-**Gran Pjanuri**[5] u l-**Gran Baċir** joqogħdu kexxun, anzi huma aktar trasparenti u grafikament prattiċi mill-ismijiet possibbli bl-aġġettiv *kbir*. Fl-artiklu dwar it-toponomija tal-Afrika (l-aċċent 12, pp. 28-29) konna wasalna għall-isem *il-Wied tar-Rift il-Kbir*, li issa jista' jiġi aġġornat għal *il-Gran Wied tar-Rift*.

Mill-banda l-oħra, m'azzardajtx inħaddem l-istess mekkaniżmu biex nasal għal isem Malti tal-**Grand Canyon**. Minħabba u minkejja l-fatt li l-aġġettiv Ingliż huwa differenti (*Grand* mhux *Great*, fuq l-Ispanjol *Gran Cañón*), żammejt lura milli nesperimenta b'ismijiet bħal **il-Gran Kanjon* jew *Kanjun*, jew kwalunkwe nom simili bħal *ħandaq*, *foss* jew oħrajn li ddiskutejna fl-artiklu ta' qabel dan fir-rigward ta' *trench* (l-aċċent 17, p. 16). Aquilina jagħti *kanjon*, iżda tinħass imġebbda. Hawnhekk huwa għaqli li tinżamm il-forma Ingliża, kif jiġri fit-Taljan u saħansitra fil-Portugiż, minkejja l-qrubija tiegħu mal-Ispanjol.

**L-iskumdità tal-"Muntanji Rocky"**

Mument ieħor fejn għall-ewwel ħassejt li kelli nieħu pass lura mit-traduzzjoni ġie fil-każ tar-*Rocky Mountains*, magħrufin ukoll bħala r-*Rockies*, x'aktarx għax bħal fil-każ tal-Grand Canyon, l-isem Ingliż, u l-ħoss tiegħu, huma wisq rikonoxxibbli jew b'saħħithom fl-immaġinarju biex jinqalbu. Madankollu, l-element ġeneriku tat-toponimu jitlob li jiġi tradott għal *Muntanji,* li mbagħad iħalli l-element speċifiku, l-isem aġġettivali *Rocky*, qisu jiddendel minn fuq il-qċaċet tagħhom. Ħarsa lejn ilsna oħra kkonvinċietni li l-istedina tat-traduzzjoni sħiħa ta' min jilqagħha:

it: le Montagne Rocciose
es: las Montañas Rocosas, las Rocallosas
fr: les montagnes Rocheuses, les Rocheuses

B'hekk wasalt għall-isem **il-Muntanji Blatin**, li forsi mhux mill-iktar trasparenti, iżda jirrispetta n-natura tal-istess muntanji. Jista' jidher tawtoloġija jekk muntanja titqies bħala blata waħda għolja u mastizza, iżda apparti l-fatt li t-toponomija dinjija hija miżgħuda bit-tawtoloġiji (eż. *Ohio River*, fejn *Ohio* ġejja minn kelma indiġena għal 'xmara', jew il-każ

[4] cf. "Malta ma tistax tinfired mill-Baċir li tinsab fih." – Adrian Grima, *L-Istorja tar-Raħal Jismu Malta*, babelmed.net, 2002.

[5] Ikkunsidrajt ukoll *Witjiet* flok *Pjanuri*, iżda għandi suspett li *pjanura* tissuġġerixxi art ikbar u usa' minn *wita*, xi ftit bħalma *lag* ikun ikbar minn *għadira*. Forsi wkoll minħabba l-assoċjazzjoni ma' kliem ieħor - qisu l-pjanura tiġi wara l-muntanji, u l-wita wara l-għoljiet.

klassiku ta' *Timor Leste*, li tfisser *Lvant Lvant*), l-isem ġej mid-dehra spiss għerja ta' dawn il-muntanji meta wieħed iħares lejhom mill-pjanura. Min-naħa l-oħra, ma nissuġġerix li nadottaw ukoll l-isem qasir **il-Blatin*, għax ma jagħmilx sens barra mil-kuntest, u bilkemm kieku jagħmel sens fih. Wieħed jista' però jgħid *ir-Rockies*, ladarba fil-plural ma għadux isem aġġettivali, iżda nom proprju.

**Tarka u tarġa**

L-iktar elementi ġeografiċi li ħabbtuni fl-immappjar bil-Malti tal-Amerka ta' Fuq kienu l-oronimi, kemm fid-dawl ta' ġeoloġija kumplessa u kemm minħabba l-bżonn ta' riċerka terminoloġika aktar fil-fond.


It-Tarka Kanadiża, bl-aħmar.

Il-*Canadian Shield*, imsemmi wkoll il-*Laurentian Plateau*, huwa reġjun wiesa' ta' blat pre-Kambrijan mikxuf li jdur mal-Bajja ta' Hudson. *Shield* huwa terminu ġeoloġiku speċifiku, iżda huwa wkoll metafora, għaliex il-blat ikun qadim u tettonikament stabbli. Din il-metafora tinżamm fil-Franċiż (*le Bouclier Canadien*), kif ukoll fit-Taljan (*lo Scudo Canadese*). Fid-dawl ta' dan żammejtha wkoll fit-toponimu Malti, **it-Tarka Kanadiża**. L-isem sekondarju jista' jiġi **l-Altipjan Lawrenzjan**, ladarba msemmi għax-**Xmara San Lawrenz**.


It-Tarġa ta' San Andreas, kif tidher fil-Pjanura ta' Carrizo, il-Kalifornja. Ritratt: www.geologyin.com

Kif kont spjegajt b'rabta mal-ġemgħa ta' ħaġjonomi fil-Karibew (l-aċċent 16, p. 20), l-ismijiet tal-qaddisin inqis-hom traduċibbli, għajr fejn il-lingwa tal-post iżżomm il-forma ta' lingwa oħra. Dan tal-aħħar huwa l-każ tas-*San Andreas Fault*, forma Spanjola arkajka flok **Saint Andrew*. It-terminu *fault* huwa problematiku, għax hemm diversi tipi skont id-direzzjoni tal-qxur tettoniċi, u jidher li ma hemmx kelma ġenerika bil-Malti għalih. Id-Dizzjunarju t'Aquilina ma jazzardax joffri kelma waħda,

iżda jipprovdi spjega qasira: "*(ġeol.) ksur tal-kontinwità tas-saffi u vini tal-art [ksur u tiġrif tas-saffi fil-qoxra tal-art b'xi theżżiża – Dun Karm]*" (EN-MT p. 1001).

*Fault* timplika imperfezzjoni, jew ksur. Jekk wieħed iħares lejn dik ta' San Andreas missema, tidher f'forma ta' xaqq. L-art qiegħda tixxaqqaq, u hemm il-periklu li parti mill-Kalifornja tinqala' minn mal-bqija tat-terraferma. Madankollu, il-kelma *xaqq* jaf ma tkunx preċiża biżżejjed biex tirreferi għal *fault*, għax ix-xquq proprjament huma r-riżultat tagħha. L-istess jgħodd, kieku, għall-kelma *kisra*.

Ikkunsidrajt ukoll il-kelma *qasma,* iżda mhijiex xierqa, kemm għax mhix speċifika biżżejjed, u kemm għax kieku toqgħod iktar għal *divide*, bħall-*Continental Divide* li tirreferi għas-serbut ta' ktajjen ta' muntanji li jtul mill-Istrett ta' Bering sa Tierra del Fuego.

Gilson et al., fit-tielet edizzjoni tal-glossarju tagħhom ta' termini għat-tagħlim tal-ġeografija, ħdejn *fault* jagħtu "*tarġa fil-blat*" (2014, p. 18). Għalkemm għandna l-famuża Tarġa fl-inħawi tal-Mosta, nibża' li *tarġa* timplika ċerta forma (saff 'il fuq minn ieħor jew jirkeb fuq ieħor), li bħal *xaqq*, hija iktar ir-riżultat ta' *fault* milli l-*fault* innifsu.

Ġużi Gatt jagħti żewġ possibbiltajiet taħt *Fault* (QPL1, p. 17):
"*Brama (jekk ix-xaqq ikun wieqaf)*
*Qiegħ (jekk ix-xaqq ikun mimdud)*"

Interessanti li Gatt juża l-kelma *xaqq* fiż-żewġ tifsiriet. Ta' San Andreas hija *transform fault*, jiġifieri li l-moviment mal-konfini tal-qxur tettoniċi huwa orizzontali, u allura għandi nifhem li hija *qiegħ*. Madankollu, jekk *qiegħ* huwa t-terminu li qed infittxu, issa għandna f'idejna kelma li, għal fuq il-mappa, x'aktarx tkun speċifika wisq, għax tirreferi mhux tant għal *fault*, iżda għal tip ta' *fault*. Dan mingħajr ma nikkunsidra l-ambigwetajiet tal-kelma *qiegħ*.

Ftit iktar 'l isfel, ħdejn il-kelma *Ridge*, Gatt joffri possibbiltà oħra:

"*Tarġa (dejjem skont is-sens u l-kuntest, 'Tarġa' tista' tkun 'fault' ukoll)*"

Ladarba *tarġa* tingħata f'żewġ glossarji speċjalizzati, nagħżel lilha għat-**Tarġa ta' San Andreas**, imqar b'mod temporanju. Jaf ma toqgħodx għal kull tip ta' *fault*, iżda beħsiebni nkompli nistħarreġ 'il quddiem.

--

Qabel ma naqsmu l-baħar lejn l-Ażja, fit-tappa li jmiss ta' din is-sensiela, induru dawra mal-Paċifiku, mhux biss biex inżuru xi wħud mill-għenieqed ta' gżejjer (fejn nistgħu nerġgħu nittestjaw il-kriterji għat-tismija tal-gżejjer li rajna fl-artiklu tal-Karibew), iżda biex naraw ukoll ċerti karatteristiċi fiżiċi f'żona ġeoloġikament attiva.

Nerġa' nirringrazzja lill-kollegi u lil sħabi tal-grupp Kelmet il-Malti tad-diskussjonijiet siewja fit-tħejjija ta' dan l-artiklu.

*Antoine Cassar huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

| **L-AMERKA TA' FUQ** | (a) traduzzjoni kunċettwali | (b) trażliterazzjoni | (a)+(b) | (c) tħollija fil-lingwa pont | (a)+(c) |
|---|---|---|---|---|---|
| reġjuni ġeografiċi | l-Artiku | l-Alaska<br><br>(il-)Kalifornja<br>(il-)Florida<br>(l-)Arizona | il-Peniżola tal-Alaska, tal-Labrador, tal-Florida, tal-Kalifornja t'Isfel | (il-)Québec<br><br>il-Midwest | il-Peniżola tal-Yucatán, ta' Seward<br>il-Peniżola Gaspé |
| oronimi | il-Muntanji Blatin, il-Muntanji ta' Sant'Elija<br><br>it-Tarka Kanadiża / l-Altipjan Lawrenzjan<br>il-Wied tal-Mewt<br><br>il-Gran Pjanuri<br>il-Gran Baċir<br><br>il-Fondoq tal-Alewtini | l-Appalakki<br><br>id-Denali, il-Logan | il-Muntanji Appalakki<br><br>il-Muntanja Denali, Logan<br><br>id-Deżert tal-Arizona / ta' Sonora | il-Grand Canyon<br><br>il-Piedmont<br><br>is-Sierra Nevada<br><br>il-Pico de Orizaba | il-Vulkan Popocatépetl<br><br>il-Muntanji Adirondack<br><br>is-Sierra Madre tal-Lvant, tal-Punent<br><br>it-Tarġa ta' San Andreas<br><br>id-Deżert ta' Chihuahua, tal-Mojave |
| idronimi | l-Oċean Artiku<br><br>il-Golf tal-Messiku<br><br>il-Baħar tas-Sargassi<br><br>il-Passaġġ tal-Majjistral<br><br>il-Gran Lagi<br>il-Gran Lag Mielaħ<br>il-Gran Lag tal-Iskjavi<br>il-Gran Lag tal-Ors<br>il-Lag Nikaragwa<br><br>ix-Xmara San Lawrenz | il-Kolorado | ix-Xmara Kolorado<br><br>il-Golf tal-Kalifornja<br><br>il-Baħar tal-Labrador | il-Yukon, il-Missouri, il-Mississippi, in-Niagara<br><br>ir-Rio Grande / ir-Río Bravo | ix-Xmara Yukon, Missouri, Mississippi, Niagara<br><br>il-Kaskati tan-Niagara<br><br>il-Lag Superior, Huron, Michigan, Erie, Ontario, Winnipeg<br><br>il-Baħar ta' Beaufort, taċ-Chukchi<br>il-Baħar ta' Bering<br>l-Istrett ta' Bering<br><br>il-Bajja ta' Hudson, ta' Baffin |
| oħrajn | iċ-Ċirku tan-Nar<br><br>iċ-Ċirku Artiku<br>it-Tropiku tal-Kankru<br><br>l-Arċipelagu Artiku Kanadiż,<br>l-Arċipelagu Alessandru<br><br>il-Gżejjer Alewtini<br>l-Istmu tal-Panama | | | Greenland, Newfoundland, Nova Scotia, Long Island<br><br>l-Everglades | il-Gżira ta' Vancouver, ta' Baffin, ta' Ellesmere, ta' Banks<br><br>il-Gżira Victoria, Devon<br><br>l-Istmu ta' Tehuantepec<br><br>il-Kap Breton, Cod, Hatte-ras, San Lucas, Farewell, Catoche, Columbia, Morris Jessup |

## MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti oħra*



# It-Traduzzjoni bil-Magna: se tħalli spazju għall-intervent uman?

**Alan Delia**

Illum waħda mill-applications tal-ismartphone li l-aktar nuża fil-ħajja ta' kuljum hija l-Google Translate. Mitluf kif inkun fis-supermarket bejn elf prodott bl-ingredjenti u l-istruzzjonijiet b'lingwa li għadni ma nafhiex daqshekk tajjeb, il-Google Translate jgħinni nagħmel ftit sens minn dak li nkun qed nara u forsi nixtri l-prodott li vera jkolli bżonn mhux xi varjant li jispiċċa jintrema.

It-traduzzjoni awtomatika llum m'għadhiex xi ħaġa tal-fantaxjenza u l-Google Translate huwa wieħed biss mill-eżempji prattiċi ta' kif programm tal-kompjuter, fil-futur mhux imbiegħed, jista' jieħu xogħol it-traduttur. Fil-fatt, dan l-iżvilupp jidher li qiegħed wara l-kantuniera, jekk wieħed joqgħod fuq l-opinjoni ta' Ofer Shoshan, l-uffiċjal eżekuttiv ta' One Hour Translation – waħda mill-akbar kumpaniji tat-traduzzjoni fid-dinja – li jgħid li minn sena sa tliet snin oħra, l-hekk imsejħa neural machine translation se tkun qed tagħmel aktar minn nofs ix-xogħol li jsir mis-suq globali tat-traduzzjoni li jammonta għal 40 biljun dollaru. Il-kwalità tat-traduzzjoni bil-magna tant tjiebet fl-aħħar snin, li nofs miljun traduttur u 21,000 aġenzija jistgħu jispiċċaw bla xogħol f'qasir żmien.

Anke l-Kummissjoni Ewropea qed tħaddimha n-neural machine translation. Qed tirfinaha bil-mod il-mod sakemm tkun tista' toffriha bħala għodda lill-armata tat-tradutturi li jaqilbu proposti, liġijiet, stqarrijiet tal-istampa u dokumenti varji oħra, fil-maġġoranza tagħhom mill-Ingliż lejn 23 lingwa oħra.

Il-bniedem responsabbli minn dan fil-KE huwa Markus Foti, il-Kap tal-Proġett tat-traduzzjoni elettronika. Dan l-artiklu, li fih taħlita ta' kontributi differenti, jinkludi intervista li għamilt lis-Sur Foti fejn jitkellem dwar l-iżviluppi tal-użu tat-teknoloġija tat-traduzzjoni mill-Kummissjoni u x'jaħseb li se jkun l-impatt fuq it-tradutturi u fuq l-industrija b'mod aktar wiesa'.

Id-Dipartiment tal-Malti għadu kemm beda juża n-neural machine translation, iżda l-verżjoni preċedenti, dik ibbażata fuq l-istatistika (SBT) għadha tintuża. Għalkemm ir-riżultati li tipproduċi l-SBT bl-ebda mod ma jistgħu jissejħu sodisfaċenti mingħajr l-intervent tal-bniedem, stħarriġ li sar fost it-tradutturi tal-Malti fil-Kummissjoni juri kemm hi popolari. Dwar dan jitkellmu f'aktar dettall il-kollegi Graziella Galea u Carmen Carabott f'kontribuzzjonijiet separati. L-aħħar kontribuzzjoni hi tal-kollega Miguel Debattista li jazzarda jispekula kif is-sitwazzjoni tagħna se tkun fl-2043.

Dan l-iżvilupp teknoloġiku qed jittrasforma mill-qiegħ it-traduzzjoni kif nafuha llum. L-esperimenti bl-Intelliġenza Artifiċjali qed juru kemm il-magni saru u jistgħu jsiru aktar kompetenti biex jittraduċu l-lingwi. Bħala eżempji ta' rivoluzzjonijiet simili wieħed jista' jħares lejn l-iżvilupp tal-fotografija diġitali jew il-word processor li ħa post it-typewriter. L-akbar lezzjoni li wieħed jieħu minn dawn l-eżempji hi li inutli wieħed jirreżisti l-bidla għax il-momentum tagħha ma twaqqfu b'xejn. L-isfida prinċipali li se jkollhom it-tradutturi hi kif se jadattaw ruħhom biex jaħdmu mal-magni. Nittama li ssibu din il-ġabra ta' artikli interessanti u l-Bord Editorjali japprezza r-reazzjonijiet tagħkom li tistgħu tibagħtuhom fuq il-mezzi li d-dettalji tagħhom jinsabu f'paġna 2.

## X'inhi t-traduzzjoni awtomatika?
**Graziella Galea**

It-traduzzjoni awtomatika, magħrufa bħala MT (*machine translation*) tibni traduzzjoni billi tgħaqqad kliem jew espressjonijiet tradotti f'sentenzi b'wieħed minn tliet modi: (i) bl-użu ta' regoli definiti minn qabel, magħrufa bħala *rule-based machine translation* (RBMT), (ii) permezz ta' traduzzjoni awtomatika bbażata fuq metodi statistiċi applikati fuq kwantitajiet kbar ta' testi allinjati b'żewġ lingwi, jew *corpora*, magħrufa bħala *statistics-based machine translation* (SMT), (iii) taħlita tat-tnejn (sistema ibrida). Reċentement il-Kummissjoni bdiet taqleb mill-SMT għall-hekk imsejħa *neural machine translation* li dwarha Markus Foti jitkellem f'aktar dettall f'dan l-artiklu stess.

B'differenza għas-sistemi RBMT, li jiddependu fuq regoli kodifikati manwalment u għalhekk jeħtieġu riżorsi umani sostanzjali, fl-SMT l-intervent mill-bniedem huwa ħafna




inqas prominenti. L-SMT tiddependi fuq kwantitajiet kbar ta' *corpora* ta' kwalità tajba, flimkien ma' riżorsi tat-teknoloġija tal-informatika konsiderevoli, jiġifieri magni u servers, sabiex jiġu prodotti traduzzjonijiet fi żmien qasir.

F'konformità ma' din ix-xejra, il-Kummissjoni Ewropea adottat is-sistema bbażata fuq statistika u fl-2013 nediet is-servizz tat-traduzzjoni awtomatika, MT@EC, mill-Ingliż għal-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Il-faċilità toffri traduzzjoni minn u lejn il-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Minħabba diversi raġunijiet, l-ogħla kwalità narawha f'dawk it-traduzzjonijiet fejn l-oriġinal ikun l-Ingliż.

Kif għidna, il-kwalità tat-traduzzjoni awtomatika mhijiex uniformi fil-lingwi kollha. L-Ispanjol, il-Portugiż u l-Malti għandhom l-ogħla kwalità, indikata b'simbolu kulur id-deheb. Il-kwalità ta' wħud mil-lingwi l-oħra hija indikata bħala ta' livell aktar baxx, kulur il-fidda, u fl-aħħarnett insibu lingwi li l-kwalità tat-traduzzjoni awtomatika tinsab fl-inqas livell, jiġifieri kulur il-bronż. L-istess sistema tal-medalji olimpiċi, biex niftiehmu. Ninsabu ffurtunati li għall-Malti għandna potenzjal għal traduzzjonijiet awtomatiċi ta' kwalità għolja, iżda dan xorta waħda jfisser li jkun għad irid isir ħafna xogħol b'intervent uman fuq dokument wara l-ipproċessar mill-magna.

Ta' min iżid nota dwar il-popolarità ta' din l-għodda fost it-tradutturi Maltin. 33 minn 38 traduttur li wieġbu għal stħarriġ li sar fid-Dipartiment tal-Malti qalu li jużaw it-traduzzjoni bil-magna b'modi differenti. Hemm min jużaha imma jżommha biss bħala referenza u hemm min jużaha ma' dokumenti li jsegwu formola fissa, bħal dawk ta' natura legali, imma mhux għal dokumenti fejn it-tħaddim tal-idjoma huwa importanti u fejn is-sintassi tkun tista' tinbidel bħall-istqarrijiet għall-istampa. Il-maġġoranza tal-parteċipanti żiedu jgħidu wkoll li huma interessati jattendu għal taħriġ dwarha u dan jindika li hemm ħeġġa fost il-Maltin li jkomplu jisfruttaw din l-għodda bl-aħjar mod possibbli.

Sew jekk tkun qed isservi biss għall-iskop li t-test jinftiehem, u sew bħala materja prima għal traduzzjoni ta' kwalità għolja tradotta minn bniedem, is-suċċess u l-utilità tal-MT jiddependu ferm fuq il-kwalità tal-prodott. Id-DĠT qiegħda tieħu din l-isfida tal-kwalità b'serjetà kbira. L-għarfien espert disponibbli permezz tat-tradutturi, il-memorji tat-traduzzjonijiet u l-lingwisti komputazzjonali jrendu t-traduzzjoni awtomatika aktar u aktar effettiva għall-utenti kollha.

# Markus Foti—il-Kap tal-Proġett tat-traduzzjoni elettronika

**Intervistat għal *l-aċċent* minn Alan Delia**



**L-evoluzzjoni tat-traduzzjoni mekkanika fl-istituzzjonijiet sa issa.**

L-użu tat-traduzzjoni mekkanika fl-istituzzjonijiet imur lura sas-snin sebgħin fejn kellna sistema bbażata fuq ir-regoli (rule-based system). Din kienet isservi biss xi żewġ pari ta' lingwi u sakemm waslet biex tieqaf fl-2011, kienet qed isservi madwar sitt pari. Ħames snin ilu mbagħad kellna bidla kbira meta ġiet introdotta t-traduzzjoni mekkanika bbażata fuq l-istatistika (statistics-based machine translation). Meta introduċejna din is-sistema l-ħsieb kien biss li nipprovdu traduzzjonijiet imma mhux li x-xogħol nagħmluh iktar veloċi. Kien ukoll iż-żmien fejn id-dinja ta' barra bdiet tara l-esperiment tat-traduzzjoni mekkanika fejn l-aktar servizz popolari kien dak tal-Google Translate. Imma dan l-aħħar, għalkemm il-metodu statistiku kien biżżejjed għal xi lingwi, fosthom il-Malti u l-Ingliż, kellna l-bidla kbira meta wasalna għat-traduzzjoni mekkanika newrali (neural machine translation).

**Id-differenza bejn it-traduzzjoni mekkanika bbażata fuq l-istatistika u dik newrali**

Dawn is-sistemi kollha jirrikjedu ħafna u ħafna data. Id-data tiddaħħal fil-kompjuter u dan mistenni li jitgħallem. Imma jitgħallem b'mod differenti.

Fil-każ tat-traduzzjoni mekkanika bbażata fuq l-istatistika, il-kompjuter jaqsam is-sentenzi f'biċċiet żgħar u jassoċja l-biċċa mil-lingwa sors mal-istess biċċa fil-lingwa fil-mira. Pereżempju fejn fl-Ingliż nara l-kelma 'cat', ta' spiss nara l-ekwivalenti fil-Malti 'qattus'. Imma f'xi każijiet ma narahiex u dan juri għalfejn ikun hemm l-iżbalji. Il-verżjoni li konna nużaw, kienet tħares lejn frażijiet (biċċiet) li jkunu sa seba' kelmiet, imma qatt lejn sentenza sħiħa. Jekk ikollok sentenza b'14 -il kelma, il-kompjuter kien ifittex fid-database tiegħu bl-assoċjazzjonijiet li jkun għamel, jagħżel żewġ biċċiet ta' seba' kelmiet-il waħda u jpoġġihom wara xulxin.




U allura jkollok sentenza tradotta magħmula minn żewġ biċċiet. Dan hu l-aħjar xenarju. Fl-agħar xenarju l-kompjuter ma jsibx biċċiet b'seba' kelmiet, imma jsib b'sitta, jew b'ħamsa jew b'kelmiet individwali, imbagħad jipprova jgħaqqad il-kelmiet flimkien f'sekwenza li jidhirlu li tagħmel sens. Imma qatt ma kien iħares lil hinn minn dawk iż-żewġ biċċiet.

It-traduzzjoni mekkanika newrali taħdem ukoll billi tanalizza d-data, imma taħdem billi tikkunsidra l-kuntest usa', fis-sens li tikkunsidra s-sentenza sħiħa u tipprova ssib mudelli komuni permezz ta' analiżi wara l-oħra. Taħdem iktar billi ssib mudelli ta' tifsiriet, billi ssib il-qbil grammatikali – fil-każ ta' dawk il-lingwi li għandhom – filwaqt li fit-traduzzjoni mekkanika bbażata fuq l-istatistika jkollok biss dak il-qbil li jinsab f'dawk il-biċċiet. Allura tista' tispiċċa bil-maskil fl-ewwel parti tas-sentenza u bil-femminil fit-tieni parti u l-magna ma tkunx taf. Bis-sistema newrali, tkun taf li kelma hija assoċjata ma' oħra u li fil-kelma l-oħra għandha l-kwalitajiet ta' kelma fil-femminil, allura dik il-kelma jkollha l-istess assoċjazzjonijiet, u b'hekk ikollok qbil aħjar.

Din hi forma limitata ta' intelliġenza artifiċjali. Aħna nużaw għodod open-source u r-riċerkaturi jaħdmu fuqhom biex itejbuhom. L-għodod ikunu emendati biex japplikaw għat-traduzzjoni, imma l-prinċipji bażiċi jibqgħu l-istess bħal dak tal-programm tal-kompjuter tal-Google li kien jismu AlphaGO li kien rebaħ lill-aqwa plejer uman tal-logħba Go, meqjusa minn ħafna bħala l-aktar board game sofistikata li teżisti. In-netwerks newrali, meta jkunu qed ifittxu l-mudelli, jkunu qegħdin




jagħmlu ċikli, u aktar ma jgħaddu minn ċikli, aktar isiru intelliġenti. Dawk li l-aktar jidħlu fil-fond, jagħmlu sitt ċikli, tagħna jagħmlu tnejn. Aktar ma l-magna tidħol fil-fond, aktar iddum sejra u b'dak li għandna s'issa nħossu li għandna bilanċ tajjeb. Ovvjament fil-futur dan jista' jinbidel u jiddependi mill-progress tat-teknoloġija u mill-finanzjament li nirċievu.

**L-impatt fuq it-tradutturi**

Fl-istituzzjonijiet qegħdin taħt pressjoni biex jitnaqqsu l-impjiegi, irrispettivament mit-traduzzjoni mekkanika u dan ma jolqotx biss lid-DĠT. Jien kont traduttur għal 13-il sena u t-traduzzjoni hija għal qalbi ħafna, allura bix-xogħol li nagħmel issa żgur m'għandix xi aġenda biex nelimina t-traduzzjonijiet umani kollha! Dak li qed nosserva huwa li t-tradutturi li għandna hawnhekk qegħdin jiġu dejjem iktar taħt pressjoni. Naħseb li t-traduzzjoni mekkanika gradwalment issir għodda standard li t-tradutturi jibdew jużawha mingħajr ma jaħsbuha darbtejn.

Minn dak li nisma', il-Maltin huma pjuttost entużjasti dwar l-użu tat-traduzzjoni mekkanika, imma mhux it-tradutturi kollha għandhom l-istess entużjasmu għat-teknoloġija li għandna. Allura dejjem se jkun hemm nies li jirreżistuha, imma hemm limitu kemm tista' tirreżisti mingħajr ma ssir dinosawru. Naħseb li t-tradutturi jridu jadattaw ruħhom għaliha u naħseb li dan jirrikjedi tibdila fil-mentalità fis-sens li ħafna mix-xogħol jimxi lejn l-editjar iktar milli traduzzjoni kif nafuha llum. Ħafna nies jilmentaw li dan se jxejjen il-lat kreattiv tat-traduzzjoni, fattur li hu ftit frustranti. Imma ma naħsibx li hemm xi lat kreattiv kbir meta wieħed ikun qed jittraduċi xi regolament dwar l-għalf tat-tiġieġ, per eżempju.

It-tradutturi hawn ikollhom jiffukaw aktar u aktar fuq l-editjar u jippruvaw joħorġu d-dokumenti malajr kemm jista' jkun, ħaġa li naħseb xorta qed issir irrispettivament mill-eżistenza tat-traduzzjoni mekkanika. Din se tkun għodda tajba biex wieħed ikun jiflaħ għal pressjonijiet qawwija ta' xogħol u jkun jista' jipproduċi dejjem iżjed. Naħseb li fi żmien għaxar snin qajla jkun hemm traduttur li ma jużax it-traduzzjoni mekkanika bħala għajnuna biex jipproduċi traduzzjoni perfetta.

Ovvjament din it-teknoloġija mhux se jkollha xi impatt kbir biex wieħed jittraduċi xogħol li għandu involviment artistiku bħall-poeżija jew ir-rumanzi. Madankollu tista' tkun utli ferm biex wieħed ikollu traduzzjoni ta' livell għoli pereżempju tas-sinjali f'postijiet pubbliċi bħat-toroq, l-ajruporti, il-postijiet popolari mat-turisti inklużi l-mużewijiet. Ir-ristoranti u l-lukandi jistgħu jsibuha utli ħafna wkoll biex ikollhom traduzzjoni tajba ħafna tal-menujiet tagħhom.

# X'inhu mistenni mit-traduttur tal-lum u ta' għada?

**Carmen Carabott**

> "...it-traduttur issa ma jistax jibqa' jaħseb u jaħdem bl-istess mod u se jeħtieġlu jitħarreġ f'ħiliet ġodda biex jaffaċċja din ir-realtà ġdida."

Bħal kull professjoni oħra fid-dinja, dik tat-traduzzjoni hi affettwata mill-iżviluppi kemm fl-industrija fiha nnifisha kif ukoll b'mod globali f'termini ta' avvanzi teknoloġiċi. Dan diġà rajnieh fil-bidla li saret anke fil-programmi tal-kompjuter li nużaw għat-traduzzjoni. It-traduzzjoni awtomatizzata hi żvilupp ieħor li diġà biddel u se jkompli jbiddel mhux biss il-mod kif nittraduċu iżda r-rwol innifsu tat-traduttur. Dan se jsir kemm jekk wieħed jiddeċiedi li jużaha kif ukoll jekk le.

Aħna għandna x-xorti li minħabba n-natura tad-dokumenti, naħdmu f'ambjent fejn il-preċiżjoni hi importanti ħafna u għalhekk m'aħniex se naslu mil-lum għal għada fil-punt fejn it-traduzzjoni awtomatizzata teħdilna xogħolna, però ma jfissirx li r-rwol tagħha mhux se jkun dejjem aktar importanti.

F'dinja fejn l-għajta hi dejjem "Nagħmlu aktar b'anqas", it-traduzzjoni awtomatizzata hi għodda li tagħmilna aktar produttivi. Naturalment it-traduttur issa ma jistax jibqa' jaħseb u jaħdem bl-istess mod u se jeħtieġlu jitħarreġ f'ħiliet ġodda biex jaffaċċja din ir-realtà ġdida. L-okkażjonijiet meta t-traduttur jibda jittraduċi sentenza mix-xejn dejjem se jonqsu u ħafna drabi t-traduttur se jibda jaħdem fuq xi verżjoni tradotta mogħtija minn xi tip ta' memorja. Għaldaqstant it-traduttur issa se jkollu bżonn ta' ħiliet differenti minn dawk tradizzjonalment assoċjati ma' din il-professjoni.

L-ewwel it-traduttur irid jara jekk dak li qed jiġi ssuġġerit b'mod awtomatiku hux tajjeb biżżejjed biex jaħdem fuqu u jeditjah. Imbagħad jadatta xogħlu skont ma jiddeċiedi.



F'kull każ, hu importanti li jkun jaf sew x'aspetti l-aktar irid joqgħod attent għalihom skont it-teknoloġija użata mit-traduzzjoni awtomatizzata. Din hu l-impatt ewlieni fuq ix-xogħol tagħna fejn l-enfasi issa se tkun iktar fuq il-post-editjar milli fuq it-traduzzjoni fiha nnifisha.

Xi tradutturi li ppruvawha fil-bidu, ma kinux kuntenti bir-riżultat u ddeċidew li huma aktar produttivi mingħajrha. Din il-mentalità tixbah lil dik ta' persuna li m'għandhiex mowbajl għax meta ppruvat l-ewwel verżjonijiet sabitu goff u tqil wisq. L-istess bħal fid-dinja tal-mowbajls, it-teknoloġija tat-traduzzjoni awtomatizzata tjiebet sew, u b'ritmu mgħaġġel. Il-prodott hu ħafna aktar preċiż u b'inqas żbalji anke wara konsultazzjonijiet magħna t-tradutturi stess.

Apparti minn hekk, il-benefiċċju ta' din l-għodda jiddependi mill-qasam li jittratta d-dokument kif ukoll l-istil tiegħu. L-istil tagħna, speċjalment dak leġiżlattiv, hu pjuttost repetittiv u t-terminoloġija għandha kemm jista' jkun tinżamm stabbli u konsistenti, u dan jgħin ħafna lill-kwalità tat-traduzzjoni awtomatizzata.

Kritika oħra hi li t-traduzzjoni awtomatizzata toqtol il-kreattività. Ma nistgħux niċħdu l-fatt li t-traduzzjoni awtomatizzata hi l-aħjar fir-ripetizzjoni u bi stil li jqabbel il-lingwa mira mal-lingwa sors. Però huwa fatt ukoll li aħna hawnhekk la qed niktbu rumanzi u lanqas poeżija.

Fil-biċċa l-kbira aħna fdati bl-inkarigu li nittraduċu d-dokumenti għall-Malti b'mod ċar u korrett u li jissodisfa kriterji speċifiċi, speċjalment fil-każ tal-leġiżlazzjoni. Dan ma jfissirx li t-tradutturi ma jikkontribwixxux għal-lingwa Maltija anzi pjuttost jikkontribwixxu ħafna għall-iżvilupp tagħha. Minkejja t-teknoloġija kollha xorta nibqgħu niltaqgħu ma' termini u kunċetti li rridu nwassluhom liċ-ċittadini bil-Malti u li għalihom la t-traduzzjoni awtomatizzata u lanqas ir-riżorsi kollha l-oħra li għandna ma joffrulna soluzzjoni. Il-kontribut tagħna minn dan il-lat fil-lingwa Maltija kemm ilna fl-Unjoni Ewropea ma jista' jiċħdu ħadd u se jibqa' jiżdied.

Finalment issib min jgħidlek li kif titgħallem ħaġa jibdluha u din it-traduzzjoni awtomatizzata hi ħaġ'oħra li se tibqa' tinbidel b'mod li qatt ma tista' tistrieħ fuq dak li taf. L-isfidi teknoloġiċi tal-professjoni tat-traduttur mhumiex iżolati u huma sfidi li qed jaffaċċjaw it-tobba, l-inġiniera, l-għalliema, l-awdituri u l-bqija. U fejn jidħlu l-lingwi, mhijiex sfida għall-Malti biss. Kull rwol qed jiġi u se jibqa' jiġi ridefinit mill-iżviluppi teknoloġiċi f'dak il-qasam partikolari. Bħala professjoni aħna t-tradutturi ma ngħixux f'vakwu u fil-ġejjieni t-traduzzjoni awtomatizzata se tifforma parti dejjem aktar importanti mill-kuntest li naħdmu fih.



# Fejn se nkunu fl-2043?

**Miguel Debattista**

*Panta Rhei*... Kollox jinbidel, jew aħjar, kollox jgħaddi u jieħu xejra differenti minn qabel. Hemm min jgħid li l-affarijiet 'jevolvu', għax jittejbu b'mod awtomatiku billi jsegwu l-mogħdija naturali tagħhom sakemm jiksbu eżistenza f'dimensjoni ottimali. Iżda l-evoluzzjoni ma sseħħx biss fin-natura: il-bniedem donnu għandu l-istint li jtejjeb u jirfina kull ħaġa li joħloq, u dak li ma jirnexxilhiex twettaq ġenerazzjoni, jitwettaq mill-ġenerazzjoni ta' wara.

Ħamsa u għoxrin sena ilu, min qatt kien seta' jimmaġina li l-progess teknoloġiku seta' jaffettwana b'mod daqshekk drastiku, kemm fil-ħajja privata tagħna ta' kuljum kif ukoll fuq ix-xogħol? Dak iż-żmien, fl-1993, l-internet kien għadu fi ċkunitu sew, u ħadd ma kien għad kellu aċċess għalih mid-dar. Email, *social media*, xiri online, siti ta' kull tip, komunikazzjoni mingħajr restrizzjonijiet... lanqas fil-films tal-fantaxjenza ta' dak iż-żmien ma konna narawhom dawn l-affarijiet.

It-teknoloġija għalina t-tradutturi llum saret essenzjali fil-qadi ta' dmirijietna, u kemm ilni naħdem fil-qasam tat-traduzzjoni rajt bidliet kbar ħafna fil-metodi disponibbli għalina, li aħna l-iskribi tal-modernità. Għadni niftakar l-ewwel jum li ħdimt bit-Trados TWB meta kont *freelancer*: fl-ewwel siegħa ddisprajt, fit-tieni ħadt ir-ruħ, u fit-tielet ippruvajt nifhem kif qatt irnexxieli naħdem mingħajr programm bħalu!

Din il-qagħda progressiva fit-teknoloġija llum qed tinħass mhux ftit fis-settur tat-traduzzjoni awtomatika. Ħobbha jew obgħodha, it-traduzzjoni awtomatika diġà għandha importanza ċentrali fix-xogħol tagħna, iżda jidher li se jkollha influwenza ħafna akbar fuq ix-xogħol tagħna bħala tradutturi fil-ġejjieni, tant li hemm min hu konvint li eventwalment, madwar ħamsa u għoxrin sena, nofs il-forza tax-xogħol tat-tradutturi se tiġi sostitwita minn sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali, li se jkunu kapaċi jeżegwixxu kompiti ta' traduzzjoni b'livell għoli ħafna ta' preċiżjoni. Aħna t-tradutturi se jkollna biss nikkoreġu dak li jagħtuna l-magni, u nraqqmu l-ftit imperfezzjonijiet li jaħarbu lill-kollegi diġitali tagħna. U li kieku l-iżbalji li nikkoreġulhom aħna jitgħallmu minnhom, biex ma jerġgħux jirrepetuhom? Din mhix idea daqshekk inġenwa, għaliex diġà jeżistu sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali li jevolvu proprju billi jipperfezzjonaw lilhom infushom.

Is-sistema li llum qed insejħulha *Neural Machine Translation*, li għadha fi ċkunitha u li għandha potenzjal enormi ta' progress, ħadet post ċentrali fl-industrija tat-traduzzjoni awtomatika, u dan b'raġun: hija bbażata fuq intelliġenza artifiċjali li 'titgħallem' mill-iżbalji tagħna, jew aħjar, tosserva u tinnota l-bidliet li nagħmlu aħna stess fuq kontenut tradott biex darb'oħra tiġġenera kontenut dejjem aktar preċiż. F'livell personalizzat, jidher li s-sistema tan-*Neural Machine Translation* kapaċi wkoll titgħallem l-istil tal-kitba ta' min jużaha. U dan kollu x'vantaġġi jaf iwasslilna?

Nibdew mill-fatt li inqas dak li jkun ikollu x'jikkoreġi f'kontenut tradott minn magna, iktar jiffranka ħin. Barra minn hekk, il-fatt li t-

traduzzjonijiet ikollhom bżonn ta' inqas modifiki jew korrezzjonijiet aktar ma jgħaddi ż-żmien ifisser li x-xogħol tat-traduttur iwassal għal inqas frustrazzjoni f'livell professjonali, għal effiċjenza akbar fix-xogħol u għal kontenut tradott ta' livell imtejjeb. Personalment, nazzarda ngħid li huwa minnu li din il-kultura professjonali ta' servitù robotika xi darba se twassal biex il-magni jagħmlu l-biċċa l-kbira minn dak li tħarriġna nagħmlu aħna, u biex it-traduttur ma jibqax traduttur kif nafuh illum, iżda jsir 'editur ta' testi', li xogħlu jkun li jirranġa dak li l-magna ma tasalx tinterpreta u tittraduċi sew biżżejjed.



Iżda aħna t-tradutturi x'tip ta' attitudni għandu jkollna rigward dan kollu? Personalment, billi nista' nitkellem biss għalija nnifsi, naħseb li l-Intelliġenza Artifiċjali taf tkun kemm theddida kif ukoll barka, iżda dan jiddependi mill-perċezzjoni soġġettiva ta' dak li jkun. Jidhirli li inqas ma nirreżisti l-bidla u, anzi, ninteressa ruħi fiha u nimxi magħha, aktar inħossni komdu li 'l quddiem inkun nista' nibqa' naħdem b'sodisfazzjon fil-qasam tat-traduzzjoni billi nevolvi professjonalment aktar ma jevolvu s-sistemi disponibbli. Dan ifakkarni fi frażi ta' George Bernard Shaw, li kont qrajt ħafna żmien ilu: "Progress is impossible without change, and those who cannot change their minds cannot change anything."

Iżda wara kollox, min jaf? Minn hawn u ħamsa u għoxrin sena oħra nkunu nafu. Li hu ċert hu li l-bniedem dejjem se jkollu rwol x'jaqdi fid-dikotomija bniedem-magna, u ma nistagħġeb xejn li fil-ġejjieni, dak li kien isir minn tnejn min-nies jew aktar se jkun jista' jsir b'mod aktar preċiż u effiċjenti minn persuna waħda bl-għajnuna tal-magni, fi frazzjoni tal-ħin. Sadattant, in-*Neural Machine Translation* diġà qed tintuża minn għadd ta' dipartimenti lingwistiċi tat-traduzzjoni fil-Kummissjoni Ewropea, u bħalissa l-LTCs (il-korrispondenti tat-taħriġ tal-lingwa) qed jittestjaw din l-għodda fid-Dipartiment tal-Malti wara d-deċiżjoni li jibda jużaha fil-bidu ta' din is-sena.

*Il-kontributuri ta' din il-ġabra ta' artikli kienu Alan Delia, Graziella Galea, Carmen Carabott u Miguel Debattista li lkoll huma tradutturi mal-Kummissjoni Ewropea.*

# L-*(ir)realità* tal-ħin

**Alan Xuereb**

Il-ħin huwa kunċett tant familjari għalina lkoll fil-ħajja ta' kuljum. Nużaw kontinwament espressjonijiet relatati mal-ħin sabiex nesprimu varjetà ta' sitwazzjonijiet. Nużaw: "iż-żmien isewwi kollox" biex nagħtu tama jew nikkonslaw lil xi ħadd. Nużaw: "niltaqgħu fil-canteen f'ħin l-ikel" hawnhekk qed nagħtu koordinati dimensjonali - fl-ispazju (il-canteen) u fil-ħin (f'ħin l-ikel). Nużaw ukoll il-ħin b'mod iktar ġeneriku bħal fl-espressjoni "ma għandix ħin naqra". Però fir-realtà qajla nafu verament fuq xiex qed nitkellmu!

## Ħsibijiet tal-bidu

Nibda billi nistqarr li jien affaxxinat b'mod ġenerali bil-kunċett tal-ħin.[1] Tista' tgħid li nsib ftit "ħin" kuljum sabiex naħseb[2] dwar ir-relazzjoni bejn il-ħin u l-kumplament tar-realtà ta' madwarna. L-iktar aspett li nsib affaxxinanti hija l-insistenza ta' xi xjenzati li jsostnu li qabel Big Bang[3] il-ħin ma kienx jeżisti.[4] Bħalissa fil-fatt qed nagħmel ġinnastika mentali biex nifhem aħjar ir-



relazzjoni bejn il-ħin u l-veloċità u l-ħin u l-gravità. U qed nitqabad biex "verament" nifhem il-fatt li kieku aħna stajna niċaqilqu bil-ħeffa tad-dawl (il-limitu tal-ħeffa fl-univers), nispiċċaw ma niċċaqalqux, peress li l-massa tagħna ssir infinita u l-ħin jirrallenta ruħu.[5] Huwa wkoll kontrointuwittiv immens kif forza daqstant dgħajfa bħall-gravità[6] tista' tirrallenta l-ħin. Però għal ħafna nies il-ħin għandu tifsira oħra.

Mhux tal-inqas għall-ġuristi u għal-lingwisti. X'għandu x'jaqsam dan kollu mal-kunċetti legali u lingwistiċi? Nistħajlek tistaqsi. Xejn! U kollox!

Meta wieħed joqgħod jaħseb li aħna f'dan il-mument, permezz tat-teleskopji tagħna, nistgħu naraw id-dawl li ġej minn stilel li ma għadhomx jeżistu, wieħed jirrealizza kemm

---

[1] Nirreferi għall-paper tiegħi mhux ippubblikata "Reflections on the nature and direction of time", li ppreżentajt waqt l-International Weekend tal-Philosophical Society (Oxford) f'Novembru 2018 – Trier, il-Ġermanja.

[2] Anki peress qed nikteb paper filosofika dwar il-"ħin" li ppreżentaj fi Trier f'Novembru.

[3] Burbidge, G. (2003). "Sir Fred Hoyle. 24 June 1915 - 20 August 2001 Elected FRS 1957". Biographical Memoirs of Fellows of the Royal Society. 49: 213.

[4] http://www.hawking.org.uk/the-beginning-of-time.html#

[5] https://physicsworld.com/a/gravitys-effect-on-time-confirmed/

[6] https://www.newscientist.com/article/mg20227122-900-gravity-mysteries-why-is-gravity-so-weak/



huwa fenomenu stramb dan il-"ħin" li tant insemmu.[7]

**Il-ħin, il-lingwa u d-dritt**

Il-ħin, jew aħjar iż-żmien, għandu rilevanza enormi fil-lingwa u fid-dritt. Fil-Malti, meta aħna rridu nesprimu avveniment li ġara fl-imgħoddi nużaw il-perfett. Nużaw "jien naghti" fl-imperfett, però "jien tajt" fil-perfett, biex naghti eżempju wieħed.[8]

Il-lingwa ħolqot mekkaniżmu kommunikattiv li juri li saret azzjoni fil-passat meta mqabbel ma' "issa" li għalija huwa l-preżent. Dan huwa mekkaniżmu effettivament fittizju għax il-preżent jeżisti biss għal ftit ħin fir-realtà kwadridimensjonali tagħna.[9] Il-preżent jeżisti biss għal "ħin Planck"[10] li hija l-iżgħar unità ta' ħin li nistgħu nkejlu. B'din id-deskrizzjoni jidher mill-ewwel li l-preżent fil-fatt, huwa qasir immens. Però aħna nirreferu għall-preżent għal perijodi differenti, skont kif niddeċiedu aħna soġġettivament, jew skont iċ-ċirkustanzi. Normalment, dan il-"preżent" nipperċepixxu t-tul tiegħu bħala li jdum minn ftit sekondi sa ftit ġimgħat.

[7] Higgins, R. (1997). Time and the Law: International Perspectives on an Old Problem. *International and Comparative Law Quarterly, 46*(3), 501-520. doi:10.1017/S0020589300060784

[8] Scicluna, Karl (2017). Nikteb il-Malti Tajjeb – Manwal Prattiku tal-Ortografija, p. 80.

[9] Tliet dimensjonijiet ta' spazju u waħda tal-ħin.

Fil-mekkanika kwantistika, il-ħin Planck (tp) huwa unità waħda ta' ħin fis-sistema magħrufa bħala unitajiet Planck.

[10] Il-ħin Planck huwa l-ħin meħtieġ mid-dawl sabiex ikopri distanza ta' tul ta' 1 Planck ($\ell_P$) (1.616229 $(38)\times10^{-35}$ metri), li huwa ta' madwar 5.39 × 10 -44 s.



"The Unreality of Time" (2018) xogħol oriġinali biż-żejt magħmul minn Alan Xuereb, ispirat mill-ktieb li jġorr l-istess isem tal-filosfu Ingliż J. M. E. McTaggart (1866–1925)

Pereżempju, nista' ngħidlek "qed nistudja l-filosofija" u fil-fatt f'dak il-ħin li nkun qed inlissen din il-frażi ma nkunx qiegħed nagħmel din l-azzjoni. Li nkun irrid infisser huwa li qiegħed fil-proċess li nistudja l-filosofija għal perijodu partikolari. Bl-istess mod ngħidlek "qed inpitter kwadru bħalissa" – u fir-realtà din l-attività tkun tkopri numru ta' jiem. Però nista' ngħidlek ukoll "ma nistax inkellmek bħalissa għax qed insuq" peress li nkun tassew qiegħed insuq f'dak il-mument li qed ngħidlek li qed insuq. Wieħed jinnota li fiż-żewġ każijiet hemm element ta' kontinwità.

Fl-ewwel eżempju, hemm dak li nsejjaħ il-***kontinwità interrotta***, jiġifieri qed nagħmel attività li tirrikjedi l-attenzjoni tiegħi kontinwa f'dak il-perijodu, però mhux il-ħin kollu, iżda sakemm ngħidu aħna, niggradwa jew nispiċċa l-aħħar pennellata tal-pittura. Fit-tieni każ hemm **kontinwità mhux interrotta**, fejn inkun qiegħed fiżikament inwettaq dak li qed ngħidlek simultanjament mal-waqt li qed ngħidulek.

Fil-verità qatt ma nieqfu u nirriflettu fuq kif nużaw dawn l-espressjonijiet. Jiġuna naturali skont l-attività li nkunu qed inwettqu. Nindunaw bl-importanza tagħhom meta niġu biex nispjegaw xi ħaġa uffiċjali jew li tiħtieġ preċiżjoni ikbar minn dik meħtieġa fil-ħajja ta' kuljum. U nagħmlu dan l-eżerċizzju iktar preċiż billi nirreferu għal **dati**, **orarji** jew **avvenimenti oħra** li jqarrbuna b'iktar preċiżjoni għal mument li rridu nirreferu għalih.

Il-punt tiegħi huwa, li l-preżent huwa qasir wisq[11], u nużaw għodda fittizji biex nesprimu x'jidhrilna li huwa l-preżent b'korrelazzjoni ma' dak li nqisu l-passat (jew li nqisu li huwa l-futur). Teżisti teorija li tgħid li l-passat u l-futur ma jeżistux, jeżisti l-preżent biss[12]. Tidher teorija plawżabbli ħafna, sakemm ma tarax x'timplika u cioé li toħloq stramberiji kunċettwali. Jekk ngħidlek id-dinosawri ma

[11] Paper interessanti ta' Daniel Davis - http://punzel.org/Book2016/Davis-Final.pdf

[12] Hinchliff, Mark, 1996, "The Puzzle of Change", *Philosophical Perspectives*, 10: 119–136; u Bigelow, John, 1996, "Presentism and Properties," in James Tomberlin (ed.), Philosophical Perspectives (Volume 10: Metaphysics), Oxford: Blackwell, pp. 35–52.

jeżistux – kif tissueġġerixxi din it-teorija - mhux qed inkun 100% korrett għaliex id-dinosawri ma għadhomx jeżistu, però kienu jeżistu madwar 65 miljun sena ilu.

Fid-dritt, fil-liġijiet u l-proċeduri tagħna qajla nidħlu f'dan id-dettall li tirrekjedi l-fiżika u nazzarda ngħid anki l-lingwistika. Fil-liġijiet tagħna l-ħin jista' jkun kruċjali biex pereżempju naraw jekk żewġ persuni għandhomx simultanjetà ta' intenzjoni meta jiżżewwġu jew meta' jiffirmaw kuntratt. Din bl-Ingliż insejħulha "unison of wills" li tnejn jew iktar persuni jkollhom l-istess intenzjoni jew volontà għall-istess suġġett jew għan, fl-istess mument.

Din l-univokabbiltà mhux ambigwa tiġi ddeterminata permezz ta' firma fuq kuntratt jew dokument simili ieħor. Però hija approssimattiva immens, snin dawl 'il bogħod mill-preċiżjoni li semmejna qabel.

Il-ħin jew aħjar iż-żmien huwa wkoll neċessarju *sine qua non* legalment u fattwalment f'każijiet ta' preskrizzjoni.

Pereżempju, l-Artikolu 2107 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> "*(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal* ***żmien*** *li tgħid il-liġi.*
>
> *u*
>
> *(2) l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wieħed jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal* ***żmien*** *li tgħid il-liġi.*"

Kemm fil-preskrizzjoni akwiżittiva[13] kif ukoll f'dik estintiva,[14] il-ħin jiġifieri ż-żmien għandu qawwa enormi għax jew joħloq id-dritt ta' proprjetà jew jestingwih. Dak li aħna nipperċepixxu bħala l-passaġġ jew mogħdija tal-ħin huwa kruċjali hawnhekk sabiex xi "ħaġa", proprjetà jew dritt jitqies miksub jew estint, skont il-każ.

L-istess jiġri meta qorti tipprova tiddetermina jekk it-termini (ta' żmien) f'kawża sabiex jiġu ppreżentati rikors promotur jew appell skadewx? Pereżempju, fil-każ ta' filjazzjoni jew ta' azzjoni kontra tutur minn minuri.[15] L-istess jista' jingħad fil-każ ta' servituwijiet.[16]

Dan ukoll huwa l-istess raġunament li jsir mill-qorti meta pereżempju, tiddeċiedi fuq jekk reat kriminali ġiex preskritt u għaldaqstant jekk din il-preskrizzjoni tkun għaddiet ma tkunx tista' ssir prosekuzzjoni. Hemm diversi eżempji oħrajn bħal ngħidu aħna meta jkun seħħ l-*actus reus* (l-att kriminali) u jekk fl-istess ħin li seħħ kienx hemm *mens rea (*l-intenzjoni kriminali*)*.

---

[13] L-Artikolu 2082 tal-Kodiċi Ċivili "Għall-beni fil-pussess ta' terza persuna, il-preskrizzjoni tiġi akkwistata favur din it-terza persuna bl-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li tkun akkwistat dawk il-beni, ukoll jekk il-kreditur ma kienx jaf li dawn il-beni għaddew fil-pussess ta' terza persuna."

[14] L-Artikolu 186 tal-Kodiċi Ċivili "kull azzjoni tal-minuri kontra t-tutur, jew tat-tutur kontra l-minuri, dwar it-tutela, taqa' bil-preskrizzjoni ta' ħames snin li jibdew igħadd u minn dak in-nhar li l-minuri jsir tal-età, jew li jmut"

[15] Pereżempju ara l-Artikolu 84 tal-Kodiċi Ċivili "M'hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni għal tifel biex jistabbilixxi l-filjazzjoni proprja tiegħu".

[16] L-Artikolu 463 tal-Kodiċi Ċivili dwar Preskrizzjoni dwar is-servitù affermattiva jew negattiva.

Imbagħad insibu tentattiv mil-leġiżlatur li jwaqqaf il-mogħdija tal-ħin/żmien. Dan insibuh konkretament fl-Artikolu 687(1) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li l-kundanni ma jaqgħux bil-preskrizzjoni. Interessanti l-*logħob* bil-ħin fil-preskrizzjoni ta' reati fejn insibu fl-Artikolu 691(1) li għar-reati kkunsmati, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum tal-konsumazzjoni; għall-attentati, mill-jum li fih isir l-aħħar att ta' esekuzzjoni; għar-reati kontinwati, mill-jum li fih isir l-aħħar ksur tal-liġi; u għar-reati permanenti mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat. Hawnhekk, il-leġiżlatur qiegħed jagħmel eżattament dak li semmejt fil-bidu, u cioé li jqarreb kemm jista' jkun lejn xi avveniment kruċjali sabiex ikun jista' jillokalizza mument ta' importanza prinċipali li jagħti lok għal bidu tal-preskrizzjoni. Id-dritt jipprova joħloq mappa kawżali sabiex wieħed isegwi perkors temporali speċifiku.

Il-ħin għandu importanza kbira però ovvjament dan huwa kif nipperċepixxuh u nkejluh aħna sabiex nagħmlu sens għad-dekors tal-ħajja tagħna li timxi skont il-vleġġa tal-ħin.

Qed nuża kontinwament it-terminu "nipperċepixxu" għaliex fir-realtà l-fiżika ma tagħmilx distinzjoni bejn il-passat, il-preżent u l-futur.[17] L-ekwazzjonijiet matematiċi li jintużaw biex jispjegaw ngħidu aħna, ir-relattività jiffunzjonaw fiż-żewġ direzzjonijiet: passat u futur. Dik li aħna nipperċepixxu bħala l-vleġġa tal-ħin[18] mhi xejn iktar minn konstatazzjoni tal-fatt li sistema b'inqas entropija tgħaddi għal entropija ikbar[19] – it-tieni regola tat-termodinamika ta' Newton. B'hekk biss nistgħu nispjegaw li l-ħin sejjer f'direzzjoni u mhux oħra. In-ness ta' kawżalità tal-avvenimenti jgħina nipperċepixxu din il-vleġġa:

Jien ngħid "illum ftakart x'ġara l-bieraħ" u ma nistax ngħid "illum ftakart x'ġara għada" għax għalija għadu ma seħħx, u allura huwa inkonċepibbli lingwistikament u legalment li xi ħadd jgħid hekk.

Però naħseb bħala professjonisti fil-qasam tat-traduzzjoni u għaldaqstant peress li l-ħajja lavorattiva tagħna hija awtomatikament u inestrikabbilment marbuta mal-użu ta' termini li ħafna drabi jirrelataw mal-kunċett ta' ħin, huwa eżerċizzju utli li noqogħdu ferm attenti għal kif nużaw dawn it-termini sabiex nesprimu t-temporalità ta' sitwazzjoni.

U finalment huwa fl-istess "ħin" diversiv interessanti li nikkontemplaw ħaġa daqstant familjari b'mod tant kontrointuwittiv.

*Alan Xuereb huwa Ġurista Lingwista mal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja*

[17] Einstein, Albert (1952), "Relativity and the Problem of Space" English translation published 1954; u Rovelli, Carlo (2014) – "La realtà non è come ci appare", Raffaello Cortina Editore. Ara wkoll l-intervista ma' Rovelli https://www.theguardian.com/books/2018/apr/14/carlo-rovelli-exploding-commonsense-notions-order-of-time-interview

[18] Mackey, Michael C. (1992). Time's Arrow: The Origins of Thermodynamic Behavior. Berlin Heidelberg New York: Springer.

[19] Zohuri, Bahman (2016). Dimensional Analysis Beyond the Pi Theorem. Springer. p. 111




# Ilsienna fuq TVM2

**Kit Azzopardi**

Fl-aħħar ftit snin rajna għadd ta' inizjattivi li jżidu l-għarfien dwar il-Malti permezz tat-televixin. *Ilsienna* huwa inizjattiva oħra simili u beda jixxandar riċentament, bi produzzjoni ta' iVision u b'kitba tiegħi. Ikolli nammetti li l-isfida li nkopru skeda sħiħa b'airtime ta' nofs siegħa kull darba, mhix żgħira, iżda tippermettilna nesploraw il-Malti b'mod "enċiklopediku" u f'dettall li s'issa qajla kellna ċans nesplorawh.

Minkejja li *Ilsienna* jibbaża qabelxejn fuq il-ġeneru tal-intervista u mhux id-dokumentarju, xorta nemmen li "enċiklopediku" huwa l-aħjar mod kif niddeskrivu l-impenn li dħalna għalih minħabba li ma nħarsux biss lejn oqsma li diġà mdorrijin bihom, bħall-istorja, il-letteratura, u d-djaletti, imma wkoll lejn oqsma li maddaqqa t'għajn jidhru periferjali iżda li fil-verità huma importanti ħafna sabiex il-Malti jimxi 'l quddiem, ngħidu aħna, il-palk ħieles u l-qari fil-pubbliku inġenerali, u l-produzzjoni tal-kotba. *Ilsienna*, għalhekk, huwa enċiklopediku fil-varjetà wiesgħa ta' temi trattati.

**Il-Malti bħala *għodda***

Meta nqisu l-varjetà ta' temi faċli nikkuntentaw nikkummentaw li l-Malti jidħol f'ħafna u ħafna oqsma, mill-arti (bħall-films u l-komiks) sa oqsma ta' studju (bħall-Mediċina u l-Filosofija). Biss, inħoss li dan ir-raġunar huwa qarrieqi għax jekk naħslu nemmnu li l-Malti "jidħol" f'kollox, mela nkunu qed nassumu li l-Malti huwa invażiv u li postu f'ħafna mill-oqsma li mmissu magħhom ta' kuljum, bħas-saħħa u l-ħsieb, mhux naturali.

Minflok, aktar jaqbel li ngħidu li l-Malti jippermettilna nagħmlu ħafna affarijiet bih. B'hekk, flok nassumu perspettiva patronizzanti jew li tqis il-lingwa bħala prattika invażiva, inkunu qed navviċinaw il-Malti bħala għodda produttiva li tista' titħaddem fi kwalunke ċirkustanza, ħaġa li intom it-tradutturi xhieda mill-aqwa tagħha.

**Il-Malti bħala għodda *ta' inklużjoni***

*Ilsienna* jipprova jkun ukoll inklussiv kemm jista' jkun, sfida oħra li mhux lakemm tegħlibha, speċjalment billi storikament il-




Malti kien iddominat mill-istess sterjotip, jiġifieri dak ta' rġiel bid-daqna u l-mustaċċi u b'rabtiet b'saħħithom mar-reliġjon. Nammetti li n-nuqqas ta' bilanċ għadu jinħass sew f'xi wħud mill-programmi, biss, hu ta' sodisfazzjon għalina li *Ilsienna* ta spazju ġdid lil riċerkatriċi żgħażagħ u ħaddiema nisa bit-tama li nibdlu xi ftit l-immaġni sterjotipata tal-kittieb Malti.

Ħarisna wkoll lejn l-inklussività b'mod aktar dirett f'xi episodji li (se) jittrattaw is-sessiżmu u r-razziżmu, il-letteratura queer u t-tagħlim tal-Malti lill-barranin. L-għan qabelxejn huwa soċjali, iżda huwa wkoll strateġiku, għax jekk nibqgħu nittrattaw ilsienna b'mod parrokkjali u ngħodduh b'"tagħna l-Maltin biss," mela l-Malti se jibqa' jitħaddem fuq l-istess binarji. Mill-banda l-oħra, jekk inħarsu lejn il-Malti bħala għodda tan-nies kollha ta' Malta — irrispettivament minn jekk humiex "Maltin Maltin" jew jekk jgħixux Malta — mela lsienna se jitħaddem fost ħafna aktar nies u f'ħafna aktar oqsma.

**Għeluq**

Dawn iż-żewġ prinċipji qed imexxuna fil-kitba tal-scripts, flimkien mal-ħsieb li l-Malti għandna nħaddmuh aktar milli nippriservawh. Nittama li f'dan id-dawl, *Ilsienna* ma jservix biss ta' riżorsa dokumentattiva, imma wkoll ta' spunt għal dawk kollha li b'xi mod jaħdmu bil-lingwa, minn ġurnalisti u segretarji sa riċerkaturi u tradutturi.

*Ilsienna* jixxandar kull nhar ta' Tnejn bejn il-17:00 u l-17:30 fuq TVM2, u huwa ppreżentat minn Mariele Żammit. Nixtieq nirringrazzja lid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta u lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti għall-appoġġ tagħhom, u lill-bqija tat-tim ta' produzzjoni, speċjalment lil Alan Paul Mizzi. Aktar tagħrif jista' jinkiseb minn www.facebook.com/ilsienna.

*Kit Azzopardi huwa għalliem fi skola tas-sekondarja.* Ilsienna *huwa l-ewwel esperjenza tiegħu fil-kitba għat-tv.*

# Ix-xogħlijiet Klassiċi u l-kitbiet ta' Santu Wistin bil-Malti - L-ewwel parti

**Ivan Said**

Minn din il-ħarġa ta' *l-aċċent* se nibda sensiela ta' tliet artikli dwar ix-xogħlijiet Klassiċi u l-kitbiet ta' Santu Wistin maqlubin għall-Malti. Fl-ewwel artiklu se nagħti ħarsa lejn **il-proża, il-poeżiji u d-drammi Griegi u Latini maqlubin għall-Malti, mhux neċessarjament ippubblikati**. Id-drammi li se naqraw dwarhom f'dan l-artiklu qatt ma ttellgħu f'Malta. Fit-tieni artiklu se nikteb dwar **ix-xogħlijiet teatrali Griegi u Latini maqlubin għall-Malti li ttellgħu f'Malta** filwaqt fit-tielet, se nikteb dwar **ix-xogħlijiet ta' Santu Wistin maqlubin għall-Malti** li ħafna minnhom ġew tradotti minn Valentin Vince Barbara.

Għadd sabiħ ta' traduzzjonijiet ta' xogħlijiet Klassiċi għall-Malti juru kemm lsienna hu effikaċi biex jesprimi kull tip ta' qagħda, ġrajja u sentiment tal-bniedem tkun xi tkun il-lingwa sors.


Ħajr: Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Uħud minn dawn it-traduzzjonijiet Maltin inqalbu mil-lingwa oriġinali jiġifieri mill-Grieg jew mil-Latin iżda hemm oħrajn li ma nafux eżattament minn liema lingwa nqalbu. Fil-fatt it-traduttrici Maria Giuliana Fenech tosserva li "mhux [it-traduzzjonijiet tal-Klassiċi għall-Malti] kollha ġew tradotti mill-oriġinal u, dan il-punt mhux dejjem intqal ċar u tond mill-istess tradutturi" (2011, p. 81).

### X'nifhmu b'*Il-Klassiċi*

Hemm qbil fost l-istudjużi li meta nużaw il-kelma waħedha bl-artiklu, il-Klassiċi (*the Classics*) inkunu qed nirreferu *biss* għax-xogħlijiet letterarji, inklużi dawk filosofiċi u storiċi, li nkitbu bil-Grieg jew bil-Latin sa minn elfejn sena Qabel Kristu sal-waqgħa tal-Imperu Ruman. Għaldaqstant meta ma rridux nirreferu għal dawn, għandna nżidu kwalifika mal-kelma *Klassiċi.* Il-*Klassiċi Maltin* tirreferi għal dawk ix-xogħlijiet letterarji ewlenin li jisbqu kull żmien jew kull isem ieħor. Fil-każ tal-poeżija, għandna, pereżempju, *Il-Jien u lil Hinn Minnu* (1938) ta' Dun Karm, fil-każ tal-proża nistgħu nsemmu *Is-Salib tal-Fidda* (1939) ta' Wistin Born, fil-każ tat-teatru, *Il-Fidwa tal-Bdiewa* (1936) ta' Ninu Cremona fost l-oħrajn.

| Xogħlijiet Klassiċi tradotti bil-Malti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-sena tat-traduzzjoni | It-titlu bl-Ingliż jew bil-Latin (fejn hu pertinenti) | It-titlu bil-Malti | L-awtur oriġinali | Il-lingwa u s-sena tal-pubblikazzjoni tal-oriġinal | It-traduttur Malti |
| 1936-42 | *The Aeneid [Aeneis]* | *L-Enejjija*[+] *(I-VI)* | Virġilju | Il-Latin (29-19 QK) | Albert M. Grech |
| 1975 | *The Art of Poetry [De Arte Poetica* iżda magħrufa l-aktar bħala *Ars Poetica]* | *De Arte Poetica* | Orazju | Il-Latin (Madwar 12-8 QK) | Oliver Friggieri |
| 1989 | *The Odyssey* | *L-Odissea* | Omeru | Il-Grieg | Victor Xuereb |
| 1995 | *The Apology of Socrates [Apologia Socratis]* | *L-Apoloġija* | Platun | Il-Grieg (399 QK) | Michael Zammit |
| 1999 | *The Iliad* | *L-Ilìjade* | Omeru | Il-Grieg (Madwar 850 QK) | Victor Xuereb |
| 2004 | *The Aeneid [Aeneis]* | *L-Enejde* | Virġilju | Il-Latin (29-19 QK) | Victor Xuereb |
| 2008 | *The Republic [Res Publica]* | *Ir-Repubblika* | Platun | Il-Grieg (380 QK) | Victor Xuereb |
| 2011 | *The Heroines [Heroides]* jew *Letters of Heroines [Epistulae Heroidum]* | *L-Erojdi*[+] *(I-VII)* | Ovidju (43 QK - 17/18 WK) | Il-Latin (Id-data ta' dan ix-xogħol hi dibattibbli) | Maria Giuliana Fenech |
| 2012 | *Poetics [De Poetica]* | *Dwar l-Arti tal-Poeżija* | Aristotli | Il-Grieg (335 QK) | Karmenu Serracino |
| 2012 | *Elegies [Elegiae]* | *L-Eleġiji* | Properzju (50-45 QK - 15 QK) | Il-Latin | Horatio C. R. Vella |
| 2018 | *Metamorphoses [Metamorphōseōn librī]* | *Il-Metamorfosi: L-Ewwel Ġabra ta' Siltiet* | Ovidju | Il-Latin (8 WK) | Michael Zammit |

[+] Mhux ippubblikati

**Il-ħrejjef ta' Esopu**

Fl-1931 naraw l-ewwel testi Klassiċi miġjubin għall-Malti: sitt ħrejjef ta' Esopu fil-forma ta' poeżiji. Sir Temi Zammit (30 ta' Settembru 1864 – 2 ta' Novembru 1935) jagħtina *In-Nemla u l-Werżieq* (Marzu 1931, p. 32), *Ir-Regħba* u *Il-Għorab* (Ġunju 1931, p. 56), *Iż-Żrinġ u l-Barri* (Settembru 1931, p. 83) u *Ix-Xiħ u l-Mewt* (1931, p. 7);[1] Dun Karm (18 ta' Ottubru 1871 – 13 ta' Ottubru 1961) jagħtina *Il-Baqra, l-Għaniqa, in-Nagħġa u l-Iljun* (Ġunju 1931, p. 59).



Sir Temi Zammit

Esopu, li lilu jiġu attribwiti dawn il-ħrejjef, kien ħarrief u skjav li għex bejn is-620 u l-564 Qabel Kristu fil-Greċja l-Antika. Dawn il-ħrejjef kienu jiffurmaw parti mit-tradizzjoni orali u, minkejja li huma ta' oriġini varji, waslulna permezz ta' għadd ta' sorsi f'reġistri verbali differenti u mezzi artistiċi popolari. Għaldaqstant, matul iż-żmien, kien hemm żidiet u tnaqqis mill-ħrejjef oriġinali. Fuq kollox, dawn il-ħrejjef jagħmlu parti integrali mill-korp letterarju Klassiku tal-Greċja l-Antika (Wikipedia).

Huwa b'mod konxju li għażilt "miġjubin għall-Malti" u mhux "maqlubin/tradotti għall-Malti". Fl-artiklu "Shakespeare bil-Malti" (*l-aċċent,* Nru 15) Clare Vassallo u jiena ktibna dwar "id-distinzjoni bejn it-traduzzjoni 'stretta' u dik 'libera'" u rajna li "din l-id ħielsa tat-traduttur tkun ta' spiss akkumpanjata minn strateġija ta' domestikazzjoni fejn l-intenzjoni tat-traduzzjoni, jew aħjar, tal-adattament, tkun aktar viċin tal-aspettattivi letterarji tal-udjenza mira milli tat-test sors" (*l-aċċent*, 2017, p. 39). Dan jgħodd għat-testi ta' Esopu miġjubin għall-Malti. Hu x'inhu, adattament jew traduzzjoni, dawn it-testi ikkontribwew bil-kif għall-korp letterarju Malti.

Ma nafux minn liema lingwa nqalbu l-ħrejjef ta' Esopu bil-Malti, u lanqas nafu jekk ġewx tradotti jew adattati. Iżda Oliver Friggieri, fil-ktieb tiegħu *Dun Karm – Il-Poeżiji miġbura*, jgħodd il-ħrafa, *Il-Baqra, l-Għaniqa, in-Nagħġa u l-Iljun* ta' Dun Karm (1980, p 449) bħala traduzzjoni u jdaħħalha fl-istess taqsima fejn insibu dik li hi meqjusa bħala l-aqwa traduzzjoni tal-poeta nazzjonali, *L-Oqbra* (1980, p. 451).

Dwar il-ħames ħrejjef li tana Temi Zammit, filwaqt li għal *In-Nemla u l-Werżieq* jgħidilna biss li qalibha mill-Franċiż, għall-erba' l-oħra ma jgħidilna xejn. Jekk dawn huma traduzzjoni, ma nafux minn liema test inqalbu.

[1] Dawn il-ħames ħrejjef dehru taħt l-inizjali ta' TZ, l-ewwel erbgħa f'*Il-Malti* u l-aħħar waħda f'*Leħen il-Malti*. Apparti li tkun assunzjoni tajba li ngħidu li TZ huma l-inizjali għal Temi Zammit, dawn l-istess ħrejjef reġgħu dehru taħt isem Temi Zammit fil-ktieb ta' Ninu Cremona tal-1958, *Ħrejjef, stejjer u kitba oħra*.

L-akbar għadd ta' ħrejjef ta' Esopu bil-Malti tahomlna Bro. Henry Grech F.S.C. (18 ta' Diċembru 1918 – 10 ta' Ġunju 1981). Anke dawn huma ppreżentati f'versi, ippubblikati fi ktieb maħruġ fl-1963 li reġa' ġie stampat fl-1966. Bħal Temi Zammit u Dun Karm, Bro. Henry ma jgħidx minn fejn ħadhom jew jekk humiex traduzzjoni jew adattament. L-istess ngħidu għażżewġ ħrejjef li tana fi proża l-poeta Achille Mizzi, *Il-lifgħa u l-Iima* u *Raġel migdum mill-kelb* (Cortis, 2009, p. 18).[2]



L-edizzjoni tal-1966

Wara l-pubblikazzjoni tal-kotba ta' Bro. Henry, naraw xi awturi Maltin, wħud minnhom għalliema, jisfruttaw l-element didattiku tal-ħrejjef ta' Esopu u joħorġu għadd ta' kotba bbażati fuq dawn il-ħrejjef jew ispirati minnhom. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-pubblikazzjonijiet huma mmirati lejn it-tfal u l-ħrejjef ta' Esopu li nsibu fihom huma addattati u ppreżentati b'ħafna modi u lwien, ġeneralment akkumpanjati minn illustrazzjonijiet. Bro Henry innifsu, fl-1984, ħareġ għadd minn dawn il-ħrejjef f'edizzjoni tal-Ladybird barra li fl-1975 kien ħareġ *L-Ewwel ktieb tal-Ħrejjef Esopu*.

| Il-Ħrejjef ta' Esopu Miġjubin għall-Malti | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Is-sena tat-traduzzjoni** | **It-titlu bl-Ingliż** | **It-titlu bil-Malti** | **Il-lingwa u s-sena tal-oriġinal** | **It-traduttur** |
| 1931 | *Aesop's Fables: The Ant and the Grasshopper* | *Ħrejjef Esopu: In-Nemla u l-Werżieq* | Il-Grieg Bejn 620 u 560 QK | Temi Zammit |
| 1931 | *Aesop's Fables: The Dog and the Shadow* | *Ħrejjef Esopu:Ir-Regħba* | Il-Grieg Bejn 620 u 560 QK | Temi Zammit |
| 1931 | *Aesop's Fables: The Fox and the Crow* | *Ħrejjef Esopu: Il-Għorab* | Il-Grieg Bejn 620 u 560 QK | Temi Zammit |
| 1931 | *Aesop's Fables: The Lion's Share Fable* | *Ħrejjef Esopu: Il-Baqra, l-Għaniqa, in-Nagħġa u l-Iljun* | Il-Grieg Bejn 620 u 560 QK | Dun Karm |
| 1931 | *Aesop's Fables: The Frog and the Ox Fable* | *Ħrejjef Esopu: Iż-Żrinġ u l-Barri* | Il-Grieg Bejn 620 u 560 QK | Temi Zammit |
| 1931 | *Aesop's Fables: The Old Man and his Sons* | *Ħrejjef Esopu: Ix-xiħ u l-mewt* | Il-Grieg Bejn 620 u 560 QK | Temi Zammit |
| 1963 | *Aesop's Fables* | *Ħrejjef Esopu* | Il-Grieg Bejn 620 u 560 QK | Bro. Henry |
| 1992 | *Aesop's Fables: The Serpent and the File* | *Ħrejjef Esopu: Il-Lifgħa u l-Iima* | Il-Grieg Bejn 620 u 560 QK | Achille Mizzi |
| 1992 | *Aesop's Fables: A Man Bitten by the Dog* | *Ħrejjef Esopu: Raġel migdum mill-kelb* | Il-Grieg Bejn 620 u 560 QK | Achille Mizzi |

[2] Meta staqsejt lil Achille Mizzi b'mod dirett minn liema lingwa u test qalibhom ma setax jiftakar.

<table>
<tr><th colspan="2">TQABBIL TAL-ISTESS ĦRAFA TA' ESOPU</th></tr>
<tr><th>Temi Zammit, Il-Malti, Settembru, 1931, p. 83</th><th>Bro. Henry F.S.C., Ħrejjef Esopu, 1966, p. 85</th></tr>
<tr><td>IŻ-ŻRINĠ U L-BARRI<br><br>Żrinġ daqs bajda lemaħ jirgħa<br>Għoġol smejjen f'nofs il-bur,<br>Qal lil oħtu... "nikber daqsu,<br>Jekk nintefaħ, nilħqu żgur".<br><br>Ħa nifs qawwi, żaqqu bbieset...<br>"Wasalt"? "Għadek". "Ingħaddih"...<br>Raġa' tqanżaħ... Bum... l-imsejken<br>Faqqa u svojta minnufih.<br><br>Bosta nies iridu jgħaddu<br>Ta' kbarat u ta' għarfin,<br>Ħfief minn rashom, ħfief minn mielhom<br>Jisfaw fqar u minfuħin.<br><br>Kollox għandu jsir bil-qies,<br>Xewqat biss ma jagħmlux nies!</td><td>IŻ-ŻRINĠ U L-BAQRA<br><br>Qrib għadira ċkejkna, ċkejkna, ċkejkna,<br>Kien qed jirgħa żrinġ sabiħ<br>Meta f'daqqa nstemgħet għajta,<br>Feġġet baqra minnufih.<br><br>Iż-żrinġ qallha: "Isma' naqra,<br>Daqsek jien irrid insir;<br>Jekk int jogħġbok tieqaf tara,<br>Dana nagħmlu f'ħin qasir".<br><br>U kif spiċċa l-aħħar kelma,<br>Fis imtefaħ, beda jżid...<br>"Ħares lejja! " qal lill-baqra,<br>"Iniex daqsek bla taħbit? ! !"<br><br>"Kemm, fadallek!" qabżet tgħidlu,<br>"Għadek lura bil-mijiet";<br>Iż-żrinġ aktar żied jintefaħ.<br>Sa ma fl-aħħar sar biċċiet,<br><br>Hawn il-baqra trid twissina:<br>Biex iżżejjed ma nogħlew,<br>Għax imbagħad bħaż-żrinġ jiġrilna;<br>Kif dil-ħrafa turi sew.</td></tr>
</table>

**Fi żmien tad-deheb għall-Malti tinqaleb *Aeneis* ta' Virġilju**

ID-DATI TAL-FIRMA TAT-TRADUTTUR TA' *L-ENEJJIJA*

| | |
|---|---|
| **I KTIEB** | Il-Belt, fil-15 ta' Awwissu 1938 |
| **II KTIEB** | Il-Belt, fl-20 ta' Ottubru 1938 |
| **III KTIEB** | Il-Belt, fis-7 ta' ta' Marzu 1939 |
| **IV KTIEB** | Il-Belt, fl-4 ta' Awwissu 1939 |
| **V KTIEB** | Il-Belt, fl-1 ta' Jannar 1940 |
| **VI Ktieb** | Il-Belt, fl-10 ta' Frar 1941 |



© Id-Dipartiment tal-Arkivji u l-Kotba Rari tal-Università ta' Malta.

Bejn l-1938 u l-1941 id-Dumnikan Albert M. Grech (10 ta' Mejju 1883 – 7 ta' Jannar 1942) qaleb mil-Latin għall-Malti l-ewwel sitt kotba ta' *L-Enejjija* (*Aeneis*) ta' Virġilju. Din it-traduzzjoni għandha importanza partikolari peress li twieldet fi żmien tad-deheb għall-Malti. Mhux ta' b'xejn fl-introduzzjoni tal-Ewwel Ktieb Grech jgħidlina: "Kemm l-ilsien Malti hu għaddej ġmielu 'l quddiem bit-tħabrik ta' bosta qalbiena u ħabbejja[3] tiegħu, kemm qiegħed jitfa' bis-sħiħ għeruqu u jieħu l-qagħda ta' lsien miktub bir-reqqa, hi ħaga li llum jaraha kolħadd" (1938, I Ktieb, p. iii).

X'kienu dawk l-iżviluppi marbuta mal-Malti? Fl-1934, il-Gvern Ingliż irrikonoxxa l-Malti bħala ilsien uffiċjali (flimkien mal-Ingliż). Fl-istess nifs ġiet rikonoxxuta b'mod uffiċjali l-ortografija tal-

[3] B'*ħabbejja* Grech ried ifisser "dawk li jħobbu" l-Malti. Skont Vassalli (u ESI) din tfisser "min jaħbi" (Vassalli, 2016, p. 137). Din turi l-ħerqa li Grech kellu għall-Malti Semitiku meta ħa l-verb *ħabb* (flok *ħeba*) u minnha nissel *ħabbejja*.

Għaqda Kittieba tal-Malti (illum l-Akkademja tal-Malti) li l-istess għaqda kienet ħarġet fl-1924. B'hekk intemmet il-kwistjoni tal-lingwa li kienet ilha għaddejja mis-seklu ta' qabel u tnieda dak li hu meqjus bħala perjodu tad-deheb għal ilsienna, fundamentali għall-Malti tal-lum. Kien f'dan il-perjodu li rajna l-Malti jintuża fil-Qrati minflok it-Taljan, lil Ninu Cremona joħroġ il-grammatika tal-Malti Tagħlim fuq il-kitba Maltija f'żewġ volumi (1934 u 1938), jiġu introdotti korsijiet tal-Malti għall-ħaddiema taċ-ċivil li kienu abbinati mal-iżvilupp fil-karriera. Fl-1935 naraw il-Malti jsir obbligatorju biex wieħed jaħdem mal-Gvern u fl-istess sena l-eżami tal-matrikola tal-Malti jsir obbligatorju biex wieħed seta' jidħol l-Università u fl-1937 reġa' ġie stabbilit id-Dipartiment tal-Malti wara assenza ta' 108 snin (Brincat, 2011, p. 358).

Mil-lat letterarju, id-deċennju tal-tletinijiet jiftaħ bir-rumanz satiriku *Ulied in-nanna Venut fl-Amerika* (1930) ta' Ġwann Mamo. Iżda li kieku kellna niffukaw biss fuq l-1938, is-sena li fiha nqalbu l-Ewwel u t-Tieni Ktieb ta' *L-Enejjija*, naraw ippubblikati l-ktieb tal-poeżiji *Nirien* ta' Karmenu Vassallo, u r-rumanzi *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, u *Triq id-Dejqa Nru 13* ta' Ivo Muscat Azzopardi. Fl-istess sena naraw lil Dun Karm ilesti l-poema *Il-Jien u Lilhinn Minnu*. Fl-1937 naraw ippubblikat *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġużè Galea u fl-1939 *Is-Salib tal-Fidda* ta' Patri Wistin Born, iż-żewġ rumanzi li, flimkien ma' *Taħt Tliet Saltniet* u *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, reċentement ġew meqjusa bħala fost l-aħjar rumanzi Maltin tal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin (Aloisio, 2017, pp. 41-43).


Patri Albert M. Grech, O.P. *Ħajr Patri Paul Gatt, O.P.*

Hu f'dan l-isfond storiku, lingwistiku u letterarju li nistgħu nifhmu l-importanza tal-qlib għall-Malti ta' *L-Enejjija* ta' Grech li fil-fatt jikteb:

"B'dal-ħjiel f'moħħi, u mħajjar ukoll mill-imġiba ta' Maltin bħali, li bla ma qatgħu qalbhom fl-ebda tfixkil li għaddew minnu, taw daqqa t'id lit-taħriġ miktub ta' lsienna, u fuq kollox ta' dawka li qalbu fih ix-xogħol sabiħ ta' nies barranin, jien ħsibt ħa nagħti wkoll id-daqqa t'idi u naqleb fil-Malti tagħna l-Għanja Latija." (1938, I Ktieb, p. iii)

It-traduzzjoni ta' Grech tinkludi aktar kliem semitiku milli rumanz minkejja li x-xogħol inqaleb mil-Latin; pereżempju juża Rumi għal Ruman, xerq għal orjentali, ħarb għal gwerra. Grech huwa wkoll produttiv ħafna fl-użu tal-verb semitiku. *L-Enejjija* qatt ma ġiet ippubblikata.

Grech ma jgħidx espliċitament li qaleb dan ix-xogħol direttament mil-Latin għall-Malti iżda jikteb "f'dal-qlib bi ħsiebni nżomm bir-reqqa kollha sew il-ħsieb kemm il-kliem tal-Għannej Rumi, mnejn ma nitbigħedx ħlief meta ma nistax nagħmel ieħor, bil-għan li nġiegħel il-

Virġil innifsu jgħanni bil-Malti tagħna daka li għanna bil-Lati tiegħu" (1938, I Ktieb, p. iv). Din hi indikazzjoni li l-qlib sar direttament mil-Latin. Barra minn hekk fl-1936 ittraduċa wkoll mil-Latin għall-Malti l-innijiet ta' San Tumas t'Akwinu dwar l-Ewkaristija, L-Għanjiet dwar l-Ewkaristija (1936). Hu kien jagħti wkoll il-privat tal-Latin liż-żgħażagħ li kienu biħsiebhom isiru saċerdoti (Fsadni, 2003, p. 166). Meta kien il-Belt, għamel żmien jgħallem it-Teoloġija fis-Seminarju tal-Arċisqof. Iżda fuq kollox, tqabbil fuq fuq bejn ix-xogħol oriġinali u t-test ta' *L-Enejjija* jurina li Grech tana traduzzjoni interlingwsitika (ara t-tabella tat-tqabbil tal-ewwel seba' versi mat-test Latin u mat-traduzzjoni ta' Xuereb). Prova ta' dan narawha fl-aħħar paġni ta' kull wieħed mis-sitt kotba fejn insibu "Damma ta' ismijiet in-nies, il-ħwejjeġ u l-imkejjen" bil-Malti u bil-Latin, speċi ta' dizzjunarju żgħir Malti-Latin tal-kliem użat fit-traduzzjoni.

Fit-traduzzjoni ta' *L-Enejjija* (u tal-innijiet Ewkaristiċi ta' San Tumas t'Akwinu) ninnutaw li Grech juża tajjeb l-ortografija tal-Għaqda Kittieba tal-Malti li kienet ġiet rikonoxxuta b'mod uffiċjali ftit snin qabel. Dan hu f'kuntrast qawwi ma' dak li kiteb u ppubblika hu stess fil-bidu tas-seklu għoxrin fejn ħaddem ortografija tal-Malti Ttaljanizzata ħafna.


B'ĠIEĦU LILEK MISTĦOQQ
MIKIEL ANTON VASSALLI
MISSIER L-ILSIEN MALTI
LI B'ĦILTEK U GĦLUBITEK
GĦALIET L-AQQAL TBIXKIL
QAJJIMT MIT-TKASBIR
ĦLIST MIT-TOĦAKKIS
IL-GĦAŻIŻ ILSIENNA
U GĦOLLEJTU
SABIĦ SEĦĦIEN IMSAĦĦAĦ

© Id-Dipartiment tal-Arkivji u l-Kotba Rari tal-Librerija tal-Università ta' Malta

**Oliver Friggieri**



L-edizzjoni tal-1988

Fl-1975, il-Professur Oliver Friggieri ppubblika *De Arte Poetica* ta' Quintus Horatius Flaccus (65 QK-8 QK), magħruf aħjar bħala Orazju. Din hi traduzzjoni mil-Latin għall-Malti ta' xogħol Klassiku importanti meqjus bħala biċċa għodda siewja u bażika biex wieħed jibda jifhem il-kritika letterarja. Fl-1988, il-Professur Friggieri reġa' ħareġ din it-traduzzjoni f'edizzjoni annotata.

Fid-daħla għal din l-edizzjoni Friggieri jistqarr li *De Arte Poetica* "hi xogħol iebes bil-bosta f'dik li hi traduzzjoni għaliex hi mbiegħda b'sekli sħaħ u hi wkoll poeżija, jiġifieri fiha kontenut imsarraf f'metafori, waqt li l-ilsien hu mħaddem bil-mod speċjali tal-poeżija biex jinsiltu minnu s-setgħat kollha" (1988, p. i). Friggieri jgħid li "din l-esperjenza tiegħi fil-qlib ta' test importanti u diffiċli bħal dan [i.e. ta' *De Arte Poetica*] ġibitni wiċċ imb wiċċ, mill-ġdid, mas-seħer u mal-għana (lessikali, idjomatiċi, sintattiċi) tal-Malti" (1988, p. i).

Fl-2008, il-Prof. Friggieri ppubblika t-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti tat-traġedji Antigone u Edipu s-Sultan ta' Sofokle u Medea ta' Ewripide fil-ktieb *Tliet Drammi Griegi*. Fil-verità dawn kienu ġew ippubblikati separatament qabel meta ttellgħu bħala xogħlijiet teatrali u għalhekk nitkellem dwarhom fl-artiklu li jmiss.

**Victor Xuereb S.J.**

Patri Victor Xuereb S.J. (4 ta' Ottubru 1930 – 26 ta' Awwissu 2017) tana l-akbar għadd ta' traduzzjonijiet tal-Klassiċi għall-Malti, kemm mil-Latin kif ukoll mill-Grieg, fosthom *L-Odissea* (1989) ta' Omeru li fl-1991 rebbħitu l-Premju tal-Aqwa Ktieb tas-Sena, mogħti mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb Malti, u l-premju Città di Valletta (Xuereb, 1999, p. vi).

*L-Odissea*, tradizzjonalment attribwita lil Omeru u aktarx komposta viċin it-tmiem it-8 seklu Qabel Kristu xi mkien fl-Ionja, fil-kosta Griega ta' Anatolja, hi t-tieni l-eqdem biċċa xogħol letterarja fid-Dinja Oċċidentali – l-eqdem hi *L-Ilìjade*, ukoll attribwita lil Omeru. *L-Odissea* hija segwitu parzjali għal *L-Ilìjade* (Wikipedia).

Kemm il-Grieg kif ukoll il-Latin Xuereb kien jafhom sew: Flimkien mal-filosofija, hu studjahom fil-fond fl-Università ta' Oxford minn fejn fl-1961 kiseb M.A. (Oxon) fil-Lingwi Klassiċi u fil-filosofija. Għallem il-Latin u l-Grieg fl-Università ta' Gonzaga, f'Washington (1965-1967) u l-Grieg fl-Università ta' Malta (Xuereb 1999, p. vi; Schiavone 2009, p. 1653). Fl-introduzzjoni għal *L-Odissea* Xuereb jirrakkontalna kif daħal għal din it-traduzzjoni:

"Il-ħsieb li xi darba rrid naqleb l-Odissea għall-Malti kien ilu jberren ġo moħħi minn meta kont nistudja Oxford. Hemm hekk kelli nistudja l-Odissea sewwa għaliex kienet fis-sillabu tal-eżami. U aktar ma kont naqraha fl-oriġinal, aktar kont nissaħħar bil-ħeffa u bil-mużikalità tal-kliem li Omeru kien kiteb, elfejn



Fr Victor Xuereb S.J., dakinhar tat-tnedija ta' *L-Ilìjade* flimkien mal-ex Ministru Dr Louis Galea. *Ħajr lill-Arkivju Pronvinċjali tal-Ġiżwiti, in-Naxxar.*

u seba' mitt sena ilu! Imbagħad, kemm domt l-Amerika, kelli ngħallem l-Odissea fl-Università ta' Gonzaga fi Spokane. U mill-1979 sal-1981 kont ngħallem xi kotba tal-Odissea lill-istudenti tas-sixth form tal-Kulleġġ ta' Saint Ignatius, Londra. Aktar ma kont nistudjaha u ngħallimha, aktar kont nitħeġġeġ biex naqlibha għall-Malti" (1989, p. iv).

Dwar din it-traduzzjoni Mons. Lawrenz Cachia, fir-reċensjoni ta' din *L-Odissea*, jikteb li Xuereb "wera li jaf il-Malti sewwa u li għandu vokabularju ta' kliem Malti Semitiku wiesa' ħafna. Juża wkoll kliem Rumanz u naħseb li t-taħlita bejn it-tnejn hija fi proporzjoni ġust u għalhekk tinħass bilanċjata ħafna." Cachia jgħid ukoll li "huwa dmir ta' min jittraduċi li jagħti s-sens fidil bħall-oriġinal. Dan Patri Xuereb jagħmlu sewwa" iżda jikkritikah fit-tiswir tal-versi – "Patri Victor mhux imkisser biżżejjed fis-sengħa tal-versi" (Cachia, 1995, p. 257; p. 259).













Mill-Grieg, Xuereb tana żewġ traduzzjonijiet ippubblikati oħra.[4] Fl-1999, tana *L-Ilìjade* ta' Omeru, li skont it-traduttur, "il-Griegi kienu jqisu *L-Ilìjade* bħala ogħla u aktar poetika mill-Odissea" (Xuereb, 1999, p. vi). Fl-2008, tana *Ir-Repubblika* ta' Platun, ktieb li Xuereb jgħid li studjah fl-oriġinal Grieg meta kien student fl-Università ta' Oxford (2008, p. xiii).

Fl-2004, Xuereb ħareġ it-traduzzjoni mil-Latin għall-Malti ta' *L-Enejde* ta' Virġilju. It-traduttur Ġiżwita jistqarr li "ħabatli tajjeb li dħalt għal din il-biċċa xogħol iebsa tal-qlib ta' *L-Enejde* mil-Latin għall-Malti, wara li diġà ppubblikajt *L-Odissea* u *L-Ilìjade* ta' Omeru. Jien stess stajt napprezza iżjed id-differenza li hemm bejn il-versi ta' Omeru u dawk intarzjati f'xulxin u megħrukin ta' Virġilju. Ngħid biss li ħadt gost nittraduċi *L-Enejde* aktar milli ħadt fix-xogħlijiet ta' Omeru. *L-Enejde* titlob sfida akbar" (2004, p. xiv).

| **Tqabbil tal-istess silta: *Aeneis* ta' Virġilju, l-Ewwel Ktieb, il-versi 1-7** | |
|---|---|
| ***L-Enejjija* ta' Patri Albert M. Grech, O.P., 1938** | ***L-Enejde* ta' Patri Victor Xuereb, S.J., 2004** |
| Għodod il-ħarb u r-Rajjes sejjer ngħanni,<br>Li min-naħiet ta' Trojja darba, mħarrab<br>Minn għulu, niżel ġo l-Italja w ġewwa<br>X-xtut Lavinin, bil-wisq mitfugħ mal-baħar<br>Għammieq u l-art b'ħilt Dawk ta' fuq, u mħabba<br>Fl-għadab miftakar sew tal-ħarxa Ġuno;<br>Li għadda wkoll minn namar għajt x'ħin huwa<br>Ġarrab il-ħarb, sakemm il-beltu sejjes<br>U sa 1-Allat daħħal ġo l-Lat, mnejn huwa<br>In-nisel Lati, u mnejn huma ġejja<br>Ix-Xjuħ Albin, u sewwa sew fejn għandhom<br>Ukoll il-bidu s-swar tal-għolja Ruma. | Il-gwerra ngħanni u dak l-eroj ewlieni<br>li, mtarraf mid-Destin, mess xtut Lavinjum<br>wara li salpa mill-wesgħat ta' Trojja.<br>Wisq ra ma' wiċċu fl-art u fuq il-baħar<br>għax hekk ried Zews, u Ġuno, għalih mixgħula,<br>ma setgħet b'xejn il-korla tagħha tberred.<br>Kellu jbali bis-sħiħ fi gwerra ħarxa<br>sakemm sa fl-aħħar irnexxielu jwaqqaf<br>il-belt fejn jgħammar, u 'll-allat ta' ġensu<br>jibnilhom maqdes fuq din l-art Latina.<br>Hekk kien il-bidu tan-nazzjon ta' Lazjum<br>u n-nobbli t'Alba u s-swar għoljin ta' Ruma. |

[4] Ma' *L-Odissea*, *L-Ilìjade* u *L-Enejde* Xuereb inkluda glossarju tal-ismijiet ewlenin li jissemmew f'dawn ix-xogħlijiet. Għal min hu interessat fit-teknika tat-traduzzjoni dan hu eżerċizzju terminoloġiku interessanti ta' nomi partikolari.

**Traduzzjonijiet mhux ippubblikati ta' Xuereb**

Xuereb kien produttiv ħafna fit-traduzzjonijiet għax barra l-erba' opri kbar u voluminużi li ppubblika, ħalla warajh għadd sabiħ ieħor ta' traduzzjonijiet mill-Grieg u mil-Latin li ma laħaqx ippubblikahom.

Nota bijografika fil-ktieb tiegħu *Il-Mitoloġija* tgħid li Xuereb "għandu maqlubin għall-Malti mill-Grieg is-seba' traġedji ta' Sofokle u l-Arti Poetika ta' Aristotli" (1999, p. vi) u saħansitra dawn ġew elenkati bħala pubblikazzjonijiet fl-entrata dwar dan it-traduttur Ġiżwita li hemm fid-*Dictionary of Maltese Biographies* (Schiavone, 2009, p. 1653). Skont Xuereb stess, is-seba' traġedji ta' Sofokle kellhom jiġu ppubblikati mill-Università ta' Malta (2008, p. xiii) imma fil-verità dan qatt ma sar. Lanqas it-traduzzjoni ta' *L-Arti Poetika* ta' Aristotli, qatt ma ġiet ippubblikata.

Iżda din il-ftit informazzjoni ġegħlitni nkompli ngħarrex u nfittex u l-kurżità tar-riċerka wasslitni fl-Arkivji Provinċjali tal-Ġiżwiti






Xellug: Manuskritt tat-traduzzjoni tal-Ewwel Ktieb ta' *L-Odi* ta' Orazju. *Ħajr lill-Arkivju Pronvinċjali tal-Ġiżwiti*
Lemin: L-aħħar stezura lesta għall-istampar ta' *L-Odi ta' Orazju I-III, IV,* li sibt f'dar privata.

f'Malta. Hemm sibt manuskritti, *typescripts*, *computer printouts* u steżuri lesti għall-istampa ta' wħud minn dawn ix-xogħlijiet, inkluż steżura finali ta' *L-Arti Poetika*. Fl-Arkivji Provinċjali tal-Ġiżwiti m'hemmx steżura finali ta' kull wieħed minn dawn ix-xogħlijiet maqlubin għall-Malti li kont qed infittex. Għaldaqstant komplejt infittex u minn dar privata rnexxieli nikseb kopja tal-aħħar steżura tat-traġedji kollha bil-Malti ta' Sofokle u ta' *L-Odi* ta' Orazju maqlubin minn Xuereb iżda li qatt ma ġew ippubblikati.



L-ewwel paġna tal-mansukritt tat-traduzzjoni ta' *Filoktete*




Steżura tat-traduzzjoni ta' *Filoktete* lesta għall-istampar



Typescript tat-traduzzjoni ta' *Antigone*

| Xogħlijiet Klassiċi tradotti bil-Malti minn Victor Xuereb mhux ippubblikati | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Is-sena tat-traduzzjoni** | **Reviżjoni/jiet** | **It-titlu bl-Ingliż jew bil-Latin** | **It-titlu bil-Malti** | **L-awtur oriġinali** | **Il-lingwa u s-sena tal-pubblikazzjoni tal-oriġinal** |
| 1990 | 2001 | *Oedipus at Colonus* | *Edipu f'Kolonus* | Sofokle | Il-Grieg (406 QK) |
| Frar 1995 | Lulju 1995 | *Philoctète* | *Filoktete* | Sofokle | Il-Grieg (409 QK) |
| 1998 | | *Poetics [De Poetica]* | *L-Arti Poetika* | Aristotli | Il-Grieg (335 QK) |
| 1995 | 2001 | *Ajax* | *Ajjaks* | Sofokle | Il-Grieg (441-442 QK) |
| 1989 | 1995, 2001 | *Antigone* | *Antigone* | Sofokle | Il-Grieg (406 QK) |
| 1989 | 1995, 2001 | Oedipus the King *[Oedipus Rex]* | *Edipu s-Sultan** | Sofokle | Il-Grieg (429 QK) |
| 1995 | 2001 | *Electra* | *Elektra* | Sofokle | Il-Grieg (409-401 QK ?) |
| 1995 | 2001 | *Women of Trachis* | *Ix-Xbejbiet ta' Trakis* | Sofokle | Il-Grieg (450 QK ?) |
| 2002 | | *Odes [Carmina]* | *L-Odi (I-III)* | *Orazju* | Il-Latin (23 QK) |
| 2002 | | *Odes [Carmina]* | *L-Odi (IV)* | *Orazju* | Il-Latin (11 QK) |

* It-titlu ta' verżjoni minnhom hu *Is-Sultan Edipu*

**It-traduzzjonijiet ta' għalliema universitarji oħra**

Barra Oliver Friggieri u Victor Xuereb, hemm għalliema oħra minn dipartimenti varji tal-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta li tawna traduzzjonijiet għall-Malti ta' xogħlijiet Klassiċi.

Fl-1995 naraw lill-Professur Michael Zammit jagħtina l-qlib mill-Grieg għall-Malti ta' *L-Apoloġija* ta' Platun. Zammit, professur fid-Dipartiment tal-Filosofija, dan l-aħħar tana wkoll *Il-Metamorfosi: L-Ewwel Ġabra ta' Siltiet,* traduzzjoni mil-Latin għall-Malti ta' siltiet mill-*Metamorphōseōn librī* ta' Ovidju. Dawn huma rakkonti li Ovidju kiteb dwar l-Allat u figuri mitiċi. Fid-daħla għal dan il-ktieb, Zammit jgħidilna li "Ovidju, li ismu sħiħ kien Publius Ovidius Naso, twieled f'Sulmo (illum Sulmona), villaġġ ċkejken f'wied fil-għoli fl-Apennini, madwar sena wara l-assassinju ta' Ġulju Ċesari. Ħa l-fama bħala poeta, u sar popolari f'Ruma, fi żmien l-Imperatur Awgustu. *Il-Metamorfosi* kitbu bejn wieħed u ieħor fi żmien it-twelid ta' Ġesù" (2018, p. xi).












Il-Professur Zammit qaleb ukoll għall-Malti *Il-Bħagawad Gita* li tfisser l-Għanja tal-Qaddis, xogħol bis-Sanksrit. Dwar din it-traduzzjoni Zammit kiteb paper bl-isem "Crossing Over: On Translating the Bhagavad Gita from Sanskrit into Maltese" (*Translation Studies from Malta*, Malta University Publishing, Malta, 2014). Is-Sanskrit hija lingwa tal-Indja antika bi storja dokumentata ta' 3,500 sena. Skont Zammit id-definizzjoni ta' x'nifhmu bi "Klassiċi" għandha tkopri wkoll is-Sanskrit.

Fl-2011 rajna t-traduzzjoni mil-Latin għall-Malti tal-ewwel seba' kotba ta' *L-Erojdi* ta' Ovidju. Din hi t-teżi tal-MA mhux ippubblikata f'żewġ volumi li Maria Giuliana Fenech, lettur *part time* fl-Università ta' Malta u l-President tal-*Malta Classics Association*, ġabet mill-Università ta' Malta. It-tutur tagħha f'din it-teżi kien il-Professur Horatio Ceasar Roger Vella, għalliem tal-Latin fid-Dipartiment tal-Klassiċi u l-Arkeoloġija tal-istess Università li fl-2012 tana t-traduzzjoni ta' *L-Eleġiji* ta' Properzju. F'reċensjoni dwar dan il-ktieb, Victor Bonnici kiteb li "Vella's mastery and scholarship of the Latin language and his ability as a translator have managed to reduce these obscurities, while still managing to bring out the attractiveness and the elegance of Propertius – attributes which even Ancient Rome had recognised in him at an early stage" (2014, p. 119).

**Karmenu Serracino**




Fl-2012, Dr Karmenu Serracino ppubblika fi ktieb *Dwar l-Arti tal-Poeżija* bil-Malti. Fil-verità, din hi t-traduzzjoni mill-Grieg għall-Malti ta' dik li tradizzjonalment hi magħrufa bħala *Il-Poetika* ta' Aristotli li Serracino ppreżenta fl-1998 bħala t-teżi tal-Masters tiegħu. Dan it-traduttur ilu sa mill-1997 jgħallem fid-Dipartiment tal-Klassiċi u l-Arkeoloġija tal-Università ta' Malta.

Dan ix-xogħol ta' Aristotli, li nkiteb fis-sena 335 QK, huwa l-aktar xogħol bikri li nafu bih s'issa li jittratta temi għat-teorija tad-drama u t-teorija letterarja.

**Tqabbil tal-istess silta: *Il-Poetika* ta' Aristotli, mill-bidu tar-Raba' Kapitlu**

| ***Dwar l-Arti tal-Poeżija* ta'<br>Karmenu Serracino, 2012** | ***L-Arti Poetika ta' Aristotli* ta'<br>Patri Victor Xuereb, S.J., 1998<br>(mhux ippubblikat)** |
|---|---|
| Bażikament, żewġ raġunijiet jidhru li jirrippoduċu l-arti tal-poeżija, u dawn huma naturali. Għaliex (a) li jimitaw hija naturali fil-bnedmin mit-tfulija u f'dan huma differenti mill-annimali l-oħrajn, għaliex huwa [annimal] imitattiv ħafna u jikseb l-ewwel tagħlim mill-imitazzjoni, u (b) il-pjaċir li kulħadd jieħu bir-rappreżentazzjonijiet. | B'mod ġenerali nistgħu ngħidu li l-poeżija ssawret minn waħda minn żewġt għejun naturali.<br>L-ewwel nett hemm l-istint imħawwel fil-fond tan-natura tal-bniedem sa minn żgħoritu, li jimita. Fost l-annimali kollha, il-bniedem ma hemmx min jimita daqsu. Huwa permezz tal-imitazzjoni li l-bniedem jitgħallem l-ewwel lezzjonijiet tal-ħajja. It-tieni nett naraw li ma jkunx hemm wieħed li ma jiħux pjaċir jimita xi ħaġa. |

It-traduzzjoni ta' Serracino ġiet deskritta bħala "għadma iebsa u għażla kuraġġuża li tesplora xogħol ferm prestiġġjuż li influwenza bil-kbir il-kritika letterarja" (Falzon, April 2013, p. 35).

Fl-2013, Serracino kien qal lil *l-aċċent* li din it-traduzzjoni "hija biss parti minn vjaġġ li xogħol Aristotli ilu jagħmel għal sekli sħaħ u li għadu jagħmel sal-lum. Permezz ta' dan ix-xogħol, il-lingwa Maltija issa saret ukoll parti minn din l-istorja kbira u importanti fl-Istorja tal-letteratura Klassika, il-kritika letterarja u t-teatru" (Falzon, April 2013, p. 36).




Fuq il-lemin tidher Steżura lesta għall-istampa ta' *L-Arti Poetika ta' Aristotli* ta' Victor Xuereb

**Bċejjeċ Klassiċi żgħar maqlubin għall-Malti**

Fil-ktieb *Letteratura* tal-1992 (ed Toni Cortis), fit-taqsima ddedikata lill-Klassiċi, flimkien ma' traduzzjoni ta' bċejjeċ minn xogħlijiet kbar stampati f'pubblikazzjonijiet separati, naraw traduzzjoni għall-Malti ta' bċejjeċ żgħar li ma dehru mkien ieħor, fosthom dawk ta' Mark Anthony Sammut u missieru Frans Sammut. Barra t-traduzzjoni bil-Malti, hawn naraw ukoll il-verżjoni oriġinali bil-

| **Bċejjeċ Żgħar Klassiċi tradotti bil-Malti** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Is-sena tat-traduzzjoni** | **It-titlu bl-Ingliż jew bil-Latin** | **It-titlu bil-Malti** | **L-awtur oriġinali** | **Il-lingwa u s-sena tal-pubblikazzjoni tal-oriġinal** | **It-traduttur Malti** |
| 1992 | *Anaktoria* | *Lil Anaktorja* | Saffo | Il-Grieg | Victor Xuereb |
| 1992 | *The Gallic War* | *De Bello Gallico (Is-VII Ktieb, 87-89)* | Ġulju Ċesri | Il-Latin (52 QK) | Frans Sammut |
| 1992 | *Gaius Valerius Catullus 101* | *Fuq Qabar Ħuh* | Katullu (87-54 QK) | Il-Latin (57 QK) | Mark Anthony Sammut |
| 1992 | *O fons Bandusiae* | *Bandusia** | Orazju | Il-Latin (23 QK) | Achille Mizzi |
| 2017 | | *Vox Depicta** [Il-vuċi pinġuta]* | Proverbji u għajdut Latini | Il-Latin | Lara Zammit u Maria Zammit |
| 2018 | *Gaius Valerius Catullus* | *Poeżija Nru.3* | Katullu | Il-Latin | Jessica Farrugia |

**L-Odi* 3.13
**Dan hu isem il-ktieb.




Paġna minn *Vox Depicta*

Latin. Fl-istess taqsima naraw "Lil Anaktorja" ta' Saffo maqluba għall-Malti minn Victor Xuereb u "Bandusia" ta' Orazju maqluba minn Achille Mizzi.

Fl-2017, rajna ppubblikat *Vox Depicta*, ktieb ta' proverbji Latini maqlubin għall-Malti u l-Ingliż, editjat minn Lara Zammit u Maria Zammit. Dan il-ktieb hu frott il-kollaborazzjoni bejn il-Malta Classics Association u l-artist lokali Warren Bartolo.

**Konklużjoni**

Dan l-ewwel artiklu minn sensiela ta' tlieta għeni niskopri mill-ġdid is-seħer tal-antikità Klassika u l-letteratura tagħha. Barra minn hekk inħoss li bil-kxif għall-ewwel darba ta' *L-Enejjija* ta' Patri Albert M. Grech O.P. u t-traduzzjonijiet mhux ippubblikati ta' Patri Victor Xuereb S.J. hawn qiegħda ssir ġustizzja storika ma' dawn it-tradutturi li kellhom għal qalbhom ħafna l-ilsien Malti u għalhekk ħaqqhom ir-rikonoxximent tagħna. Fil-fatt, it-tnejn jgħidulna li l-ħeġġa li kellhom għall-Malti li ġagħltihom jidħlu għal dan ix-xogħol: Grech jgħidilna li daħal għal din l-għadma iebsa "għaliex rajt ukoll li minnu l-għażiż ilsien Malti sata' jikseb daqsxejn ta' fejda ġmielha" (1938, I Ktieb, p. iv).

Min-naħa l-oħra, Xuereb jgħidilna "ma kien ikolli qatt kuraġġ nidħol għal din il-biċċa xogħol filosofika bil-Malti ["Ir-Repubblika" ta' Platun] li kieku ma kinetx il-ħerqa li għandi li nara l-letteratura Maltija tikber u tistagħna bi traduzzjonijiet dejjem ġodda" (2008, p. xiii). Bis-saħħa ta' dawn ix-xogħlijiet il-Malti kiber u stagħna. Bl-istess mod, hu sinifikanti l-kontribut lill-Malti tal-bqija tat-tradutturi li tawna l-qlib għall-Malti ta' xogħlijiet Klassiċi.

*Ivan Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

**Ringrazzjamenti:** Dr Karmenu Serracino; is-Sa Mary Samut-Tagliaferro, maniġer tat-Taqsima tal-Arkivji u l-Kollezzjonijiet Speċjali fid-Dipartiment tal-Arkivji u l-Kotba Rari tal-Librerija tal-Università ta' Malta u l-istaff tagħha; l-istaff tal-Librerija Pubblika ta' B'Kara; is-Sur Michael Schiavone; Patri Paul Gatt O.P., l-arkivista tad-Dumnikani fil-Belt; il-Professur Stanley Fiorini, l-arkivista tal-Arkivji Provinċjali tal-Ġiżwiti f'Malta; il-Professur Michael Zammit; is-Sur Joe P. Borg u s-Sur Toni Cortis.

**Lista ta' referenzi**

Aloisio, David. *L-Aħjar Rumanzi Maltin ta' Qabel l-1950*. Il-Malti – Rivista tal-Akkademja tal-Malti – Ħarġa Akkademika XC (2017): 38-46.

Bonnici, Victor. "Book Reviews – *Melita Classica* 2014 Vol. I Journal of the Malta Classics Association, 2014 Vol. I".

Brincat, Joseph M. Maltese and other languages – A Linguistic History of Malta. Malta: MidSea Books, 2011.

Cachia, Lawrenz. *L-Ilsien Malti - Il-Bieraħ u l-lum*. Sensiela Kotba Soċjalisti, Maħruġ mid-Dipartiment tat-Tagħrif tal-Partit tal-Ħaddiema, 1994.

Cortis, Toni (ed). Letteratura. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Malta, 1992.

Cremona, Ant. Ħrejjef, stejjer u kitba oħra: l-ewwel ktieb.: A.C. Aquilina Malta 1958.

Falzon, Elaine. "*Dwar l-Arti tal-Poeżija*: Aristotli bil-Malti." *l-aċċent*. Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea, il-Lussemburgu, Nru 9, April 2013: 35-36.

Farrugia, Jessica. "Poeżija Nru. 3 ta' Katullu". Melita Classica, Journal of the Malta Classics Association, p. 35, Vol. 5, 2018.

Fenech, Maria Giuliana. "*L-Erojdi (I-VII) ta'* Ovidju: Traduzzjoni għall-Malti b'intorduzzjoni u kummentarju – 2 Volumi." Teżi tal-MA – Il-Klassiċi, l-Università ta' Malta, 2011.

Friggieri, Oliver. *De Arte Poetica* ta' Orazju, traduzzjoni mil-Latin. Toni Cortis Publication, Ħaż-Żebbuġ, Malta, 1988.

Friggieri, Oliver. Dun Karm – Il-Poeżiji Miġbura. Pubblikazzjoni Klabb Kotba Maltin u Karmen Mikallef, Valletta, Malta, 1980.

Friggieri, Oliver. Tliet Drammi Griegi – Traduzzjoni mill-Ingliż. Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2008.

Fsadni, O.P., Mikiel. Dumnikani Maltin Magħrufa 1450-2003 – Tifkiriet Bijo-Bibljografiċi. Pubblikazzjoni Dumnikana, Malta, 2003.

Grech F.S.C., Bro. Henry. Ħrejjef Esopu. De La Salle Brothers Publications, Stampat għat-tieni darba, Malta 1966.

Grech, O.P., Albert M., *L-Enejjija Il-Kotba I-VI.* Typescript. Mhux ippubblikati. Taqsima tal-Arkivji u l-Kollezzjonijiet Speċjali fid-Dipartiment tal-Arkivji u l-Kotba Rari tal-Librerija tal-Università ta' Malta Ms. 293.

Grech, O.P., Albert M., *De Confirmatione Ordinis Fratrum Praedicatorum Historia Synoptica MCCXVI-MCMXVI.* Malta: Empire Press, 1916.

Psaila, Dun Karm. "Il-Baqra, l-Għaniqa, in-Nagħġa u l-Iljun" Il-Malti. L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, 7-2 (Ġunju 1931): 59.

Schiavone, Michael J. Dictionary of Maltese Biographies. Vol. 1 & 2. Pietà: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2009.

Serracino, Karmenu. Dwar l-Arti tal-Poeżija – Traduzzjoni għall-Malti ta' *Ars Poetica* b'introduzzjoni u noti. Pubblikazzjoni tal-BDL u l-*Malta Classics Association*, San Ġwann 2012.

Vassalli, Mikiel Anton. Lexicon – Edizzjoni ta' Mons Lawrenz Cachia, Stampat fil-Guttenberg Press, 2016.

Vassallo, Clare u Said, Ivan. "Shakespeare bil-Malti." *l-aċċent*. Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 15, Jannar 2017: 46-56.

Vella, Horatio Caesar Roger Vella. Properzju – Eleġiji. Accademia Properziana del Subasio, Assisi, 2012.

Xuereb, S.J., Victor. Il-Mitoloġija – Kullana Kulturali Nru 4. Pubblikazzjoni Indipendenza, Malta 1999.

Xuereb, S.J., Victor. Omeru – L-Ilijade. Malta University Press, Msida 1999.

Xuereb, S.J., Victor. Omeru – L-Odissea. Pubblikazzjoni tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Malta 1999.

Xuereb, S.J., Victor. Platun – Ir-Repubblika. Pubblikazzjoni Indipendenza, Malta 1999.

Xuereb, S.J., Victor. Virġilju – L-Enejde. Pubblikazzjoni Indipendenza, Malta 2004.

Zammit, Michael. Il-Metamorfosi 1: L-Ewwel Ġabra ta' Siltiet. Pjattaforma Ltd, Malta, 2018.

Zammit, Michael. L-Apoloġija. Malta University Press, Msida, 1995.

Zammit, Temi. "In-Nemla u l-Werżieq." Il-Malti. L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, 7-1 (Marzu 1931): 32.

Zammit, Temi. "Ir-Regħba; Il-Għorab." Il-Malti. L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, 7-2 (Ġunju 1931): 56.

Zammit, Temi. "Ix-xiħ u l-mewt." Leħen il-Malti. L-Għaqda tal-Malti (Università), (1931): 7.

Zammit, Temi. "Iż-Żrinġ u l-Barri." Il-Malti. L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, 7-2 (Settembru 1931): 83.

*Il-materjal viżiv kollu marbut mat-traduttur Victor Xuereb S.J. li ġej mill-Arkivju Pronvinċjali tal-Ġiżwiti, in-Naxxar, jinsab fl-"Individual Fr Victor Xuereb Boxes 17, 27 & 28".*

**Jiktbilna s-Sur Michael Schiavone, l-editur ta' Dictionary of Maltese Biographies:**

Nirreferi għall-artiklu Franciscu Wzzinu, it-traduttur tal-ewwel ktieb bil-Malti stampat (*l-aċċent* Nru 17), b'mod partikolari għas-sentenza "Hemm min kiteb li Franciscu Wzzinu twieled fl-1678 (Schiavone, 2009) u hemm min kiteb li twieled fl-1694 (Friggieri, 1994-1995, p. 123), iżda Zammit jikteb li tgħammed l-Isla f'Diċembru tal-1708 (2007, p. 195) – dak iż-żmien il-magħmudija kienet issir xi jum jew tnejn wara t-twelid" u nżid li, wara li qrajt dan l-artiklu mort ir-reġistru tal-magħmudija tal-parroċċa tal-Isla u ksibt din l-informazzjoni:

Dwar Ioannes Francesco Uzzino, ir-reġistrazzjoni tal-magħmudija (Vol. III, fol. 131) turi d-data tat-twelid bħala s-27 ta' Diċembru 1708. Fir-reġistrazzjoni nnifisha, il-kunjom inkiteb bil-W filwaqt li fil-marġini, il-kunjom inkiteb bil-U.

Nirringrazzjaw lis-Sur Schiavone.

# Xi ttraduċejna dan l-aħħar?

**Paġna ġdida miġbura minn Mark Vella, l-Uffiċjal tal-Lingwa fir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta**




### L-unika stqarrija stampa tad-DĠT

Filwaqt li d-Direttorati Ġenerali kollha l-ħin jkollu jħabbru l-inizjattivi tagħhom permezz tal-komunikazzjoni mal-midja, id-DĠ Traduzzjoni xogħlu jittraduċi miljuni ta' paġni fis-sena... u daqshekk. DĠ differenti mill-oħrajn, għaliex ma jagħmilx il-politika iżda jaqdiha, bħallikieku uffiċċju li fih il-politika tissarraf fi kliem li jinftiehem miċ-ċittadini kollha tal-UE. Madankollu, id-DĠT għandu wkoll dimensjoni esterna, l-aktar permezz tal-antenni tiegħu fl-Istati Membri, irrappreżentati mill-Uffiċjali għal-Lingwa fir-Rappreżentanzi fil-kapitali tal-Istati Membri. Waħda mill-attivitajiet ewlenin li torganizza d-DĠT kull sena hija l-Juvenes Translatores, kompetizzjoni tat-traduzzjoni għal studenti ta' 17-il sena. U l-unika stqarrija stampa li toħroġ id-DĠT hija dik fejn tħabbar ir-rebbieħa minn kull Stat Membru.

Sempliċi stqarrija li jidħol ħafna xogħol fiha, biex imbagħad tintbagħat lill-uffiċjali għal-lingwa fl-Istati Membri u jillokalizzawha – jiġifieri jadattawha għall-udjenza tal-post. Fil-każ tagħna, nitfgħu titlu daqsxejn eċitanti li kapaċi jinqabad mill-gazzetti, u dawwarna ftit it-test u l-kwotazzjonijiet fih biex nagħmluh rilevanti għal Malta. Semmejna, fil-fatt, li kien hemm għadd ta' tradutturi rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni li komplew jistudjaw il-lingwi jew saħansitra sabu impjieg fihom, anki mal-Istituzzjonijiet, kif ukoll irrimarkajna li kienet l-ewwel darba li kien hemm traduzzjoni rebbieħa mill-Malti għall-Ingliż, minflok is-soltu rotta aktar faċli li taqleb xi ħaġa għall-ilsien nattiv tiegħek.

◊ ◊ ◊

### Mela bil-Ġappuniż qed inkellmek?

Ngħiduha meta ma jkunx hemm ftehim ta' dak li qed jintqal, imma l-Ġappun u l-Ġappuniż saru importanti għall-Ewropa, wara l-konklużjoni ta' proċess twil li wassal għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Ġappun. Dan ifisser negozju akbar u aħjar bejn iż-żewġ blokki ekonomiċi, bi tnaqqis jew tixjin ta' tariffi u opportunitajiet akbar ta' kummerċ. Il-Ftehim jikkonċerna madwar 630 miljun ċittadin, u l-Ġappun huwa wkoll s-sitt l-akbar sieħeb kummerċjali ta' Malta barra mill-Ewropa, b'aktar minn 44 kumpanija Maltija jesportaw lejn il-Ġappun u 1262 impjieg jiddependu minn din ir-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi. Ftehim kbir, anki fl-għadd ta' karti u kliem li ġew tradotti għall-Malti wkoll mit-tradutturi tagħna, u kumbinazzjoni l-attività politika li saret ir-Rappreżentanza l-Belt biex tippreżenta dan il-Ftehim u l-impatt tiegħu fuq Malta ġiet organizzata, bi skerzi u kumbinazzjonijiet tad-destin, mill-Uffiċjal tal-Lingwa!